Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

2025/2131(INL)

26.9.2025

EMENDI
1 - 312

Abbozz ta' rapport
Jana Toom
(PE775.632v01-00)

Direttiva dwar tranżizzjoni ġusta fid-dinja tax-xogħol: l-iżgurar tal-ħolqien tal-impjiegi u r-rivitalizzazzjoni tal-ekonomiji lokali
(2025/2131(INL))

Emenda 1
Sara Matthieu
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
— wara li kkunsidra l-Artikolu ***225*** tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),	– wara li kkunsidra l-Artikolu ***153*** tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

Or. en

Emenda 2
Mélanie Disdier, Marie Dauchy, Nikola Bartůšek, Pál Szekeres
f'isem il-Grupp PfE
Séverine Werbrouck

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
— ***wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew (COM(2019)0640),***	***imħassar***

Or. fr

Emenda 3
Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 12a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-briefing dwar il-Valutazzjoni tal-Valur Miżjud Ewropew ta' Settembru 2025, bit-titolu "Direttiva dwar tranżizzjoni ġusta fid-dinja tax-xogħol: l-iżgurar tal-ħolqien tal-impjiegi

u r-rivitalizzazzjoni tal-ekonomiji lokali;

Or. en

Emenda 4
Klára Dobrev, Vilija Blinkevičiūtė, Marc Angel, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Evelyn Regner, Romana Jerković, Marit Maij

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 12a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Novembru 2023 dwar il-ħolqien tal-impjiegi – it-tranżizzjoni ġusta u l-investimenti b'impatt,

Or. en

Emenda 5
Klára Dobrev, Vilija Blinkevičiūtė, Marc Angel, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Evelyn Regner, Romana Jerković, Marit Maij

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 12b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) dwar tranżizzjoni ġusta lejn ekonomiji u soċjetajiet ambjentalment sostenibbli għal kulħadd[1a],
	[1a] ILC.111/Riżoluzzjoni V, 16 ta' Ġunju 2023.

Or. en

Emenda 6
Klára Dobrev, Vilija Blinkevičiūtė, Marc Angel, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Evelyn Regner, Romana Jerković, Marit Maij

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 12c (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-rapport ta' Enrico Letta tal-10 ta' April 2024 bit-titolu "Much more than a market" (Ħafna aktar minn suq)[1a],
	[1a] https://www.consilium.europa.eu/media/ny3j24sm/much-more-than-a-market-report-by-enrico-letta.pdf

Or. en

Emenda 7
Maria Zacharia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
— wara li kkunsidra r-rapport ta' Mario Draghi ta' Settembru 2024 intitolat "The future of European competitiveness" (Il-futur tal-kompetittività Ewropea) (ir-"rapport Draghi"),	***imħassar***

Or. el

Emenda 8
Mélanie Disdier, Marie Dauchy, Nikola Bartůšek
f'isem il-Grupp PfE
Séverine Werbrouck

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

— wara li kkunsidra r-rapport ta' Mario Draghi ta' Settembru 2024 intitolat "The future of European competitiveness" (Il-futur tal-kompetittività Ewropea) (ir-"rapport Draghi"),	***imħassar***

Or. fr

Emenda 9
Sara Matthieu
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 14a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Settembru 2025 dwar Ir-rwol tal-politika ta' koeżjoni fl-appoġġ għat-tranżizzjoni ġusta,

Or. en

Emenda 10
Mélanie Disdier, Marie Dauchy, Nikola Bartůšek
f'isem il-Grupp PfE
Séverine Werbrouck

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
— wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2022 dwar tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika,	***imħassar***

Or. fr

Emenda 11
Sara Matthieu

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 16a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Diċembru 2020 dwar Ewropa soċjali b'saħħitha għal Tranżizzjonijiet Ġusti,

Or. en

Emenda 12
Rudi Kennes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 16a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-linji gwida politiċi għall-Kummissjoni Ewropea 2024–2029[1a],
	[1a] https://commission.europa.eu/document/download/e6cd4328-673c-4e7a-8683-f63ffb2cf648_mt

Or. en

Emenda 13
Rudi Kennes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 16b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Frar 2025 bit-titolu "Il-Patt għal Industrija Nadifa (COM(2025)85 final)[1a],

[1a] ***https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52025DC0085***

Or. en

Emenda 14
Sara Matthieu
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 16b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Novembru 2023 dwar "il-ħolqien tal-impjiegi – it-tranżizzjoni ġusta u l-investimenti b'impatt",

Or. en

Emenda 15
Rudi Kennes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 16c (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' Lulju 2025 "Qafas għall-miżuri ta' Għajnuna mill-Istat biex jappoġġjaw il-Patt għal Industrija Nadifa" (C/2025/3602),

Or. en

Emenda 16
Sara Matthieu
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 16c (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Frar 2025 dwar il-Patt għal Industrija Nadifa (COM(2025)85 final)[1a],
	[1a] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52025DC0085

Or. en

Emenda 17
Sara Matthieu
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 16d (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni La Hulpe dwar il-futur tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali tas-16 ta' April 2024[1a],
	[1a] https://wayback.archive-it.org/12710/20240718201828/https://belgian-presidency.consilium.europa.eu/media/bj0adazv/declaration-finale.pdf

Or. en

Emenda 18
Rudi Kennes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 16d (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Novembru 2023 dwar il-ħolqien tal-impjiegi – it-tranżizzjoni ġusta u l-investimenti b'impatt,

Or. en

Emenda 19
Rudi Kennes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 16e (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-messaġġi ewlenin mill-EMCO u mill-SPC dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika tas-17 ta' Novembru 2023[1a],
	[1a] https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-15439-2023-ADD-1/mt/pdf

Or. en

Emenda 20
Sara Matthieu
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 16e (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Opinjoni dwar id-dimensjonijiet tal-kwalità tal-impjiegi tal-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO) tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea tas-6 ta' Ġunju 2025[1a],

1a

https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-9417-2025-INIT/mt/pdf

Or. en

Emenda 21
Sara Matthieu
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 16f (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Settembru 2025 dwar l-akkwist pubbliku,

Or. en

Emenda 22
Sara Matthieu
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 16g (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Qafas għall-miżuri ta' Għajnuna mill-Istat biex jappoġġjaw il-Patt għal Industrija Nadifa tal-25 ta' Ġunju 2025[1a],
	[1a] https://eur-lex.europa.eu/eli/C/2025/3602/oj/eng

Or. en

Emenda 23

Sara Matthieu
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 16h (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-messaġġi ewlenin mill-EMCO u mill-SPC dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika tas-17 ta' Novembru 2023[1a],
	[1a] https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-15439-2023-ADD-1/mt/pdf

Or. en

Emenda 24
Sara Matthieu
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 16i (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew "Lejn proposta leġiżlattiva għal tranżizzjoni ġusta u għodod ta' politika tal-UE li jippermettu Patt Ekoloġiku Ewropew aktar soċjali" tal-4 ta' Diċembru 2024[1a],
	[1a] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=OJ:C_202504203

Or. en

Emenda 25
Mélanie Disdier, Marie Dauchy, Nikola Bartůšek
f'isem il-Grupp PfE
Séverine Werbrouck

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali qed ikollha effett trasformattiv profond fuq l-ekonomiji, ir-reġjuni u l-postijiet tax-xogħol tal-Ewropa; billi l-iżgurar ta' bidla effettiva lejn ekonomija ***newtrali għall-klima u*** diġitalizzata u ta' tnaqqis fid-dipendenzi fir-rigward tal-provvista tal-enerġija huwa essenzjali għas-sostenibbiltà, it-tkabbir u l-kompetittività tal-Ewropa; ***billi s-suċċess aħħari tat-tranżizzjoni doppja se jiddependi ħafna fuq l-iżgurar li t-tranżizzjoni tkun ġusta u inklużiva għall-ħaddiema, in-negozji u r-reġjuni milquta;***	A. billi t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali qed ikollha effett trasformattiv profond fuq l-ekonomiji, ir-reġjuni u l-postijiet tax-xogħol tal-Ewropa***, u billi jirrappreżentaw kost kbir għal dawn tal-aħħar***; billi l-iżgurar ta' bidla effettiva lejn ekonomija diġitalizzata u ta' tnaqqis fid-dipendenzi fir-rigward tal-provvista tal-enerġija huwa essenzjali għas-sostenibbiltà, it-tkabbir u l-kompetittività tal-Ewropa;

Or. fr

Emenda 26
Petr Bystron

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali qed ikollha effett trasformattiv ***profond*** fuq l-ekonomiji, ir-reġjuni u l-postijiet tax-xogħol tal-Ewropa; billi l-iżgurar ta' bidla effettiva lejn ekonomija newtrali għall-klima u diġitalizzata u ta' tnaqqis fid-dipendenzi fir-rigward tal-provvista tal-enerġija huwa ***essenzjali għas-sostenibbiltà, it-tkabbir u l-kompetittività tal-Ewropa***; billi s-suċċess aħħari tat-tranżizzjoni doppja se jiddependi ħafna fuq l-iżgurar li ***t-tranżizzjoni tkun ġusta u inklużiva għall-ħaddiema***, in-	A. billi t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali qed ikollha effett trasformattiv ***profondament negattiv*** fuq l-ekonomiji, ir-reġjuni u l-postijiet tax-xogħol tal-Ewropa; billi l-iżgurar ta' bidla effettiva lejn ekonomija newtrali għall-klima u diġitalizzata u ta' tnaqqis fid-dipendenzi fir-rigward tal-provvista tal-enerġija huwa ***fantasija ekoloġika ġġudikata ħażin u mhux ippruvata***; billi s-suċċess aħħari tat-tranżizzjoni doppja se jiddependi ħafna fuq l-iżgurar li ***l-ħaddiema***, in-negozji u r-reġjuni milquta ***jkunu taħt pressjoni biex***

negozji u r-reġjuni milquta;	***jaċċettaw it-telf tagħhom bħala xi ħaġa normali***;

Or. en

Emenda 27
Sara Matthieu
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali qed ikollha effett trasformattiv profond fuq l-ekonomiji, ir-reġjuni u l-postijiet tax-xogħol tal-Ewropa; billi l-iżgurar ta' bidla effettiva lejn ekonomija newtrali għall-klima u diġitalizzata u ta' tnaqqis fid-dipendenzi fir-rigward tal-provvista tal-enerġija huwa essenzjali għas-sostenibbiltà, it-tkabbir u l-kompetittività tal-Ewropa; billi s-suċċess aħħari tat-tranżizzjoni doppja se jiddependi ħafna fuq l-iżgurar li t-tranżizzjoni tkun ġusta u inklużiva għall-ħaddiema, in-negozji u r-reġjuni ***milquta***;	A. billi t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali qed ikollha effett trasformattiv profond fuq l-ekonomiji, ir-reġjuni u l-postijiet tax-xogħol tal-Ewropa ***kif ukoll fuq in-nies***; billi l-iżgurar ta' bidla effettiva lejn ekonomija newtrali għall-klima u diġitalizzata u ta' tnaqqis fid-dipendenzi fir-rigward tal-provvista tal-enerġija huwa essenzjali għas-sostenibbiltà, it-tkabbir u l-kompetittività tal-Ewropa; billi s-suċċess aħħari tat-tranżizzjoni doppja se jiddependi ħafna fuq l-iżgurar li t-tranżizzjoni tkun ġusta u inklużiva għall-ħaddiema, in-negozji u r-reġjuni***; billi tranżizzjoni ġusta waħedha tista' trendi EUR 261 biljun fis-sena f'benefiċċji, b'mod partikolari billi tindirizza l-inugwaljanzi soċjali u d-disparitajiet reġjonali***[1a];
	[1a] https://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/BRIE/2022/730346/EPRS_BRI(2022)730346_EN.pdf

Or. en

Emenda 28
Rudi Kennes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali qed ikollha effett trasformattiv profond fuq l-ekonomiji, ir-reġjuni u l-postijiet tax-xogħol tal-Ewropa; billi l-iżgurar ta' bidla effettiva lejn ekonomija newtrali għall-klima u ***diġitalizzata*** u ta' tnaqqis fid-dipendenzi fir-rigward tal-provvista tal-enerġija huwa essenzjali għas-sostenibbiltà, it-tkabbir u l-kompetittività tal-Ewropa; billi s-suċċess aħħari tat-tranżizzjoni doppja se jiddependi ħafna fuq l-iżgurar li t-tranżizzjoni tkun ġusta u inklużiva għall-ħaddiema, in-negozji u r-reġjuni milquta;	A. billi t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali qed ikollha effett trasformattiv profond fuq l-ekonomiji, ir-reġjuni u l-postijiet tax-xogħol tal-Ewropa; billi l-iżgurar ta' bidla effettiva lejn ekonomija newtrali għall-klima u ***diġitali*** u ta' tnaqqis fid-dipendenzi fir-rigward tal-provvista tal-enerġija huwa essenzjali għas-sostenibbiltà, it-tkabbir u l-kompetittività tal-Ewropa; billi s-suċċess aħħari tat-tranżizzjoni doppja se jiddependi ħafna fuq l-iżgurar li t-tranżizzjoni tkun ġusta u inklużiva għall-ħaddiema, in-negozji u r-reġjuni milquta ***kemm fl-oqsma tal-effett immedjat kif ukoll tul il-ktajjen tal-valur globali tal-ktajjen ta' attivitajiet tal-kumpaniji***;
	Or. en

Emenda 29
Klára Dobrev, Vilija Blinkevičiūtė, Marc Angel, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Evelyn Regner, Romana Jerković, Marit Maij

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi ***t-tranżizzjoni ekoloġika*** u diġitali qed ***ikollha*** effett trasformattiv profond fuq l-ekonomiji, ir-reġjuni u l-postijiet tax-xogħol tal-Ewropa; billi l-iżgurar ta' bidla effettiva lejn ekonomija newtrali għall-klima u diġitalizzata u ta' tnaqqis fid-dipendenzi fir-rigward tal-provvista tal-enerġija huwa essenzjali ***għas-sostenibbiltà***, it-tkabbir u l-kompetittività tal-Ewropa; billi s-suċċess aħħari tat-tranżizzjoni doppja se jiddependi ħafna fuq l-iżgurar li t-tranżizzjoni tkun ġusta u inklużiva għall-ħaddiema, in-negozji u r-reġjuni milquta;	A. billi ***t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi*** u diġitali qed ***ikollhom*** effett trasformattiv profond fuq l-ekonomiji***, is-soċjetajiet***, ir-reġjuni u l-postijiet tax-xogħol tal-Ewropa ***b'modi differenti, li jirrikjedi miżuri komprensivi ta' politika soċjali u tal-impjiegi biex jiġu evitati impatti negattivi u tiġi promossa l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali***; billi l-iżgurar ta' bidla effettiva lejn ekonomija newtrali għall-klima u diġitalizzata u ta' tnaqqis fid-dipendenzi fir-rigward tal-provvista tal-enerġija huwa essenzjali ***għall-prosperità fit-tul, il-benesseri, is-sostenibbiltà***, it-tkabbir u l-kompetittività tal-Ewropa; billi s-suċċess aħħari tat-tranżizzjoni doppja se

jiddependi ħafna fuq l-iżgurar li t-tranżizzjoni tkun ġusta u inklużiva għall-ħaddiema, in-negozji u r-reġjuni milquta ***u li tkun tikkontribwixxi għall-ġustizzja soċjali għal kulħadd, b'enfasi partikolari fuq dawk l-aktar vulnerabbli, sabiex jiġi żgurat li ħadd ma jitħalla jibqa' lura***;

Or. en

Emenda 30
Georgiana Teodorescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali qed ikollha effett trasformattiv profond fuq l-ekonomiji, ir-reġjuni u l-postijiet tax-xogħol tal-Ewropa; billi l-iżgurar ta' bidla effettiva lejn ekonomija newtrali għall-klima u diġitalizzata u ta' tnaqqis fid-dipendenzi fir-rigward tal-provvista tal-enerġija huwa essenzjali għas-sostenibbiltà, it-tkabbir u l-kompetittività tal-Ewropa; billi s-suċċess aħħari tat-tranżizzjoni doppja se jiddependi ħafna fuq l-iżgurar li t-tranżizzjoni tkun ġusta u inklużiva għall-ħaddiema, in-negozji u r-reġjuni milquta;	A. billi t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali qed ikollha effett trasformattiv profond fuq l-ekonomiji, ir-reġjuni u l-postijiet tax-xogħol tal-Ewropa; billi l-iżgurar ta' bidla effettiva lejn ekonomija newtrali għall-klima u diġitalizzata u ta' tnaqqis fid-dipendenzi fir-rigward tal-provvista tal-enerġija huwa essenzjali għas-sostenibbiltà, it-tkabbir u l-kompetittività tal-Ewropa; billi s-suċċess aħħari tat-tranżizzjoni doppja se jiddependi ħafna fuq l-iżgurar li t-tranżizzjoni tkun ġusta u inklużiva għall-ħaddiema, in-negozji u r-reġjuni milquta ***u se tippermetti lill-Istati Membri biżżejjed flessibbiltà biex isegwu perkorsi li huma l-aktar adattati għar-realtajiet ekonomiċi u soċjali tagħhom***;

Or. en

Emenda 31
Pál Szekeres, Séverine Werbrouck, Nikola Bartůšek, Mélanie Disdier, Marie Dauchy

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi l-implimentazzjoni raġonevoli u fattibbli ta' tranżizzjoni ekoloġika u diġitali għandha l-potenzjal li twettaq trasformazzjoni profonda u sostenibbli tal-ekonomiji, ir-reġjuni u s-swieq tax-xogħol tal-Ewropa; billi l-iżgurar ta' tranżizzjoni effettiva u affordabbli lejn ekonomija żviluppata u diġitalizzata, flimkien mat-tnaqqis tad-dipendenzi tal-provvista tal-enerġija fuq l-ekonomiji barranin ewlenin kollha, huwa essenzjali għas-sostenibbiltà u t-tkabbir ekonomiku fit-tul tal-Ewropa; billi s-suċċess aħħari tat-tranżizzjoni huwa kontinġenti fuq il-garanzija li tali tranżizzjoni titwettaq b'mod ġust u inklużiv, filwaqt li jitqiesu l-interessi tal-ħaddiema, tan-negozji u tar-reġjuni milquta, u hija appoġġjata minn teknoloġiji innovattivi finanzjarjament vijabbli u enerġija ġeneralment affordabbli; billi għandu jiġi enfasizzat ukoll li l-isfidi attwali li qed jiffaċċja s-suq tax-xogħol Ewropew huma parzjalment attribwibbli għan-nuqqas ta' ħaddiema tas-sengħa u l-influss ta' migranti irregolari mingħajr sengħa, kif sostanzjat mill-iżvelar tal-Kummissjoni Ewropea li aktar minn 7 miljun migrant qegħdin bħalissa jgħixu fl-Unjoni Ewropea[1a];
	[1a] Ir-rapport tal-Kummissjoni Ewropea tal-2025 dwar l-Impjiegi u l-Iżviluppi Soċjali fl-Ewropa (ESDE) jgħid li aktar minn seba' miljun migrant mhux mill-UE huma barra mill-forza tax-xogħol fl-UE. https://op.europa.eu/mt/publication-detail/-/publication/17b34170-8138-11ef-a67d-01aa75ed71a1
	Or. en

Emenda 32
Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi l-effetti tat-tranżizzjoni doppja fuq l-impjiegi huma asimmetriċi madwar l-Unjoni; billi d-dekarbonizzazzjoni għandha impatt soċjoekonomiku negattiv aktar b'saħħtu fuq ir-reġjuni b'sehem għoli ta' impjiegi fis-settur tal-estrazzjoni u f'setturi estrattivi oħra; billi l-impatt pożittiv fuq l-impjiegi huwa aktar probabbli li jinfirex f'reġjuni differenti;

Or. en

Emenda 33
Klára Dobrev, Vilija Blinkevičiūtė, Marc Angel, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Evelyn Regner, Romana Jerković, Marit Maij

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi t-tranżizzjonijiet iridu jiġu ġestiti b'mod li tiġi żgurata l-inklużjoni soċjali, jitnaqqsu l-faqar u l-inugwaljanzi, u jiġi sfruttat il-potenzjal li jinħolqu impjiegi ta' kwalità, titrawwem id-demokrazija fuq il-post tax-xogħol, jiġu żgurati impjiegi ta' kwalità għolja u kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti, jiġu protetti d-drittijiet tal-ħaddiema u jogħlew l-istandards tax-xogħol fis-setturi kollha;

Or. en

Emenda 34
Klára Dobrev, Vilija Blinkevičiūtė, Marc Angel, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Evelyn Regner, Romana Jerković, Marit Maij

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ab (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ab. billi s-swieq tax-xogħol tal-UE għadhom maqsuma territorjalment u billi l-kwalità tal-impjiegi u l-kuntratti tal-impjiegi juru żieda fil-forom mhux standard, speċjalment fost iż-żgħażagħ;

Or. en

Emenda 35
Petr Bystron

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-ġestjoni tal-bidla lejn ekonomija newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju għandha mhux biss tappoġġja t-tranżizzjonijiet lejn impjiegi ġodda f'setturi emerġenti iżda wkoll iżżomm u tadatta l-impjiegi u s-setturi eżistenti għal industriji u teknoloġiji newtrali għall-klima u nodfa għan-nies li jgħixu f'territorji milquta; billi huwa importanti li l-ħaddiema u l-persuni li qed ifittxu impjieg iħossuhom appoġġjati fil-ġestjoni tat-tranżizzjonijiet sabiex jitrawmu l-fehim u l-aċċettazzjoni tal-għanijiet tal-istrateġija 2050;	***imħassar***

Or. en

Emenda 36
Rudi Kennes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-ġestjoni tal-bidla lejn ekonomija newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju għandha mhux	B. billi l-ġestjoni tal-bidla lejn ekonomija newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju għandha mhux

biss tappoġġja t-tranżizzjonijiet lejn impjiegi ġodda f'setturi emerġenti iżda wkoll iżżomm u tadatta l-impjiegi u s-setturi eżistenti għal industriji u teknoloġiji newtrali għall-klima u nodfa ***għan-nies*** li jgħixu f'territorji milquta; billi huwa importanti li l-ħaddiema u l-persuni li qed ifittxu impjieg iħossuhom appoġġjati fil-ġestjoni tat-tranżizzjonijiet sabiex jitrawmu l-fehim ***u l-aċċettazzjoni tal-għanijiet*** tal-istrateġija 2050;	biss tappoġġja t-tranżizzjonijiet lejn impjiegi ġodda f'setturi emerġenti iżda wkoll iżżomm u tadatta l-impjiegi u s-setturi eżistenti għal industriji u teknoloġiji newtrali għall-klima u nodfa ***bi sħubija man-nies*** li jgħixu f'territorji milquta; billi huwa importanti li l-ħaddiema u l-persuni li qed ifittxu impjieg iħossuhom appoġġjati fil-ġestjoni tat-tranżizzjonijiet ***permezz ta' djalogu soċjali bikri u kontinwu, kodisinn, u teħid ta' deċiżjonijiet trasparenti,*** sabiex jitrawmu l-fehim***, il-fiduċja u mandat demokratiku dejjiemi għall-għanijiet*** tal-istrateġija 2050; ***billi kif muri mir-riċerka tal-Eurofound,[1a] l-involviment wiesa' tas-soċjetà ċivili, tas-sħab soċjali u tal-awtoritajiet pubbliċi fil-proċess ta' tranżizzjoni huwa kruċjali biex jiġu żgurati u distribwiti b'mod ġust ir-redditi mill-attività u mir-riżorsi ekonomiċi, kif ukoll biex jiġu indirizzati l-kunflitti;***
	[1a] Il-Eurofound (2024), Creating a new social contract for the just transition: Is partnership working? https://www.eurofound.europa.eu/en/publications/all/creating-new-social-contract-just-transition-partnership-working
	Or. en

Emenda 37
Mélanie Disdier, Marie Dauchy, Nikola Bartůšek, Pál Szekeres
f'isem il-Grupp PfE
Séverine Werbrouck

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-ġestjoni tal-bidla lejn ekonomija ***newtrali*** f'termini ***ta' emissjonijiet tal-karbonju*** għandha mhux biss tappoġġja ***t-tranżizzjonijiet lejn impjiegi*** ġodda ***f'setturi*** emerġenti iżda wkoll iżżomm u tadatta l-impjiegi u s-	B. billi l-ġestjoni tal-bidla lejn ekonomija ***li hija aktar responsabbli*** f'termini ***tat-tniġġis li tiġġenera*** għandha mhux biss tappoġġja ***l-investiment f'impjiegi*** ġodda ***fis-setturi*** emerġenti iżda wkoll iżżomm u tadatta l-impjiegi u s-

setturi eżistenti għal industriji u teknoloġiji ***newtrali għall-klima u*** nodfa ***għan-nies li jgħixu f'territorji milquta***; ***billi huwa importanti li l-ħaddiema u l-persuni li qed ifittxu impjieg iħossuhom appoġġjati fil-ġestjoni tat-tranżizzjonijiet sabiex jitrawmu l-fehim u l-aċċettazzjoni tal-għanijiet tal-istrateġija 2050;***	setturi eżistenti għal industriji u teknoloġiji ***aktar*** nodfa;

Or. fr

Emenda 38
Gheorghe Falcă, Romana Tomc, Andrzej Buła, Miriam Lexmann, Liesbet Sommen, Pascal Arimont, Giusi Princi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-ġestjoni tal-bidla lejn ekonomija newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju għandha mhux biss tappoġġja t-tranżizzjonijiet lejn impjiegi ġodda f'setturi emerġenti iżda wkoll iżżomm u tadatta l-impjiegi u s-setturi eżistenti għal industriji u teknoloġiji ***newtrali għall-klima*** u nodfa għan-nies li jgħixu f'territorji milquta; billi huwa importanti li l-ħaddiema u l-persuni li qed ifittxu impjieg iħossuhom appoġġjati fil-ġestjoni tat-tranżizzjonijiet sabiex jitrawmu l-fehim u l-aċċettazzjoni tal-għanijiet tal-istrateġija 2050;	B. billi l-ġestjoni tal-bidla lejn ekonomija newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju għandha mhux biss tappoġġja t-tranżizzjonijiet lejn impjiegi ġodda f'setturi emerġenti iżda wkoll iżżomm u tadatta l-impjiegi u s-setturi eżistenti għal industriji u teknoloġiji ***għal livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju*** u nodfa għan-nies li jgħixu f'territorji milquta***; billi r-reġjuni u l-industriji sħaħ li jiddependu fuq il-fjuwils fossili se jkollhom jitfasslu mill-ġdid sal-2050***; billi huwa importanti li l-ħaddiema u l-persuni li qed ifittxu impjieg iħossuhom appoġġjati fil-ġestjoni tat-tranżizzjonijiet sabiex jitrawmu l-fehim u l-aċċettazzjoni tal-għanijiet tal-istrateġija 2050;

Or. en

Emenda 39
Sara Matthieu
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-ġestjoni tal-bidla lejn ekonomija newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju għandha mhux biss tappoġġja t-tranżizzjonijiet lejn impjiegi ġodda f'setturi emerġenti iżda wkoll iżżomm u tadatta l-impjiegi u s-setturi eżistenti għal industriji u teknoloġiji newtrali għall-klima u nodfa għan-nies li jgħixu ***f'territorji*** milquta; billi huwa importanti li l-ħaddiema u l-persuni li qed ifittxu impjieg iħossuhom appoġġjati fil-ġestjoni tat-tranżizzjonijiet sabiex jitrawmu l-fehim ***u*** l-aċċettazzjoni tal-għanijiet tal-istrateġija 2050;	B. billi l-ġestjoni tal-bidla lejn ekonomija newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju għandha mhux biss tappoġġja t-tranżizzjonijiet lejn impjiegi ġodda f'setturi emerġenti iżda wkoll iżżomm u tadatta l-impjiegi u s-setturi eżistenti għal industriji u teknoloġiji newtrali għall-klima u nodfa għan-nies***,*** ***speċjalment dawk*** li jgħixu ***fl-aktar territorji*** milquta; billi huwa importanti li l-ħaddiema u l-persuni li qed ifittxu impjieg iħossuhom appoġġjati fil-ġestjoni tat-tranżizzjonijiet sabiex jitrawmu l-fehim***,*** l-aċċettazzjoni ***u l-effettività*** tal-għanijiet tal-istrateġija 2050;

Or. en

Emenda 40
Klára Dobrev, Vilija Blinkevičiūtė, Marc Angel, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Evelyn Regner, Romana Jerković, Marit Maij

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-ġestjoni tal-bidla lejn ekonomija newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju għandha mhux biss tappoġġja t-tranżizzjonijiet lejn impjiegi ġodda f'setturi emerġenti iżda wkoll iżżomm u tadatta l-impjiegi u s-setturi eżistenti għal industriji u teknoloġiji newtrali għall-klima u nodfa għan-nies li jgħixu f'territorji milquta; billi huwa importanti li ***l-ħaddiema*** u l-persuni li qed ifittxu impjieg ***iħossuhom*** appoġġjati fil-ġestjoni tat-tranżizzjonijiet sabiex jitrawmu l-fehim u l-aċċettazzjoni tal-għanijiet tal-istrateġija 2050;	B. billi l-ġestjoni tal-bidla lejn ekonomija newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju għandha mhux biss tappoġġja t-tranżizzjonijiet lejn impjiegi ġodda ***ta' kwalità*** f'setturi emerġenti iżda wkoll iżżomm u tadatta l-impjiegi u s-setturi eżistenti għal industriji u teknoloġiji newtrali għall-klima u nodfa għan-nies li jgħixu f'territorji milquta; billi huwa importanti li ***kulħadd, inkluż il-ħaddiema*** u l-persuni li qed ifittxu impjieg ***jiġu*** appoġġjati fil-ġestjoni tat-tranżizzjonijiet sabiex jitrawmu l-fehim u l-aċċettazzjoni tal-għanijiet tal-istrateġija 2050;

Or. en

Emenda 41
Gheorghe Falcă, Romana Tomc, Andrzej Buła, Miriam Lexmann, Liesbet Sommen, Pascal Arimont, Giusi Princi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi, lil hinn mill-ħtieġa li jiġi żgurat li għadd suffiċjenti ta' parteċipanti fis-suq tax-xogħol jiksbu l-ħiliet meħtieġa għall-ekonomija tal-futur, ikun jonqos sfida oħra biex jiġġeddu u jittejbu l-ħiliet tal-ħaddiema, b'mod partikolari biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet attwali u li qed jevolvu tas-suq tax-xogħol; billi dan spiss ikun aktar diffiċli għall-ħaddiema akbar fl-età u speċjalment għall-ħaddiema b'livell baxx ta' ħiliet, li jistgħu jiffaċċjaw ostakli akbar fit-"titjib tal-ħiliet" u jikkompetu għal impjiegi ġodda; billi tinħoloq ukoll sfida mil-lat ta' post, peress li l-impjiegi fl-ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju jaf jinħolqu f'reġjuni differenti ħafna minn dawk li jesperjenzaw telf ta' impjiegi. billi l-isforzi fl-edukazzjoni u fit-taħriġ iridu għalhekk ikunu marbuta mill-qrib ma' politiki ta' tranżizzjoni ġusta; billi l-ħaddiema u l-komunitajiet żvantaġġati se jkollhom bżonn appoġġ immirat biex jiġi żgurat li ma jitħallewx jibqgħu lura;

Or. en

Emenda 42
Gheorghe Falcă, Romana Tomc, Andrzej Buła, Miriam Lexmann, Liesbet Sommen, Pascal Arimont, Giusi Princi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Bb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Bb. billi t-tranżizzjoni ekoloġika

tirrikjedi investimenti sinifikanti fit-tiġdid u fit-titjib tal-ħiliet biex il-ħaddiema jiġu mgħammra kemm bil-ħiliet tekniċi speċifiċi għal kull okkupazzjoni u l-ħiliet personali ewlenin meħtieġa; billi d-diskrepanzi fil-ħiliet u l-iskarsezzi fis-suq tax-xogħol huma kważi inevitabbli kull meta jitfaċċa prodott jew servizz ġdid, u l-ekonomija ekoloġika u diġitali mhijiex eċċezzjoni; u billi taħlita ta' politika integrata li tikkombina l-iżvilupp tal-ħiliet, il-finanzi u l-politika industrijali hija faċilitatur ewlieni għall-kompetittività, l-investiment u l-ħolqien ta' impjiegi sostenibbli;

Or. en

Emenda 43
Gheorghe Falcă, Romana Tomc, Andrzej Buła, Miriam Lexmann, Liesbet Sommen, Pascal Arimont, Giusi Princi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Bc (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Bc. billi l-ħolqien ta' mappa Ewropea tal-ħiliet u l-kwalifiki huwa għodda importanti biex tissaħħaħ il-kompetittività, jiġu żgurati r-rilevanza u l-mobbiltà tas-suq tax-xogħol, u jiġu appoġġjati l-intraprendituri u l-kumpaniji fl-aċċess għal forza tax-xogħol mgħammra b'kompetenzi kemm tekniċi kif ukoll trażversali;

Or. en

Emenda 44
Gheorghe Falcă, Romana Tomc, Andrzej Buła, Miriam Lexmann, Liesbet Sommen, Pascal Arimont, Giusi Princi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Bd (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Bd. billi t-tagħlim jew it-titjib ta' ċerti ħiliet ewlenin aktarx li jkunu ta' rilevanza akbar għall-impjegabbiltà ta' persuna milli ħiliet u kompetenzi li huma speċifiċi ħafna għal ċerti okkupazzjonijiet jew teknoloġiji; billi l-kompetenzi fil-litteriżmu u fin-numeriżmu, kif ukoll fit-teħid tad-deċiżjonijiet, il-ħidma f'tim u l-komunikazzjoni, huma kruċjali fis-sens li jaffettwaw il-kapaċità tan-nies li jiffunzjonaw tajjeb f'tim, u b'hekk isaħħu l-adattabbiltà tagħhom u l-mobilità okkupazzjonali tagħhom;

Or. en

Emenda 45
Gheorghe Falcă, Romana Tomc, Andrzej Buła, Miriam Lexmann, Liesbet Sommen, Pascal Arimont, Giusi Princi, Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Be (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Be. billi t-trasformazzjoni ekonomika tal-Ewropa tirrikjedi enfasi qawwija fuq il-kompetittività u t-tkabbir; billi t-tnaqqis tal-burokrazija u l-iżgurar tal-użu effiċjenti tal-fondi huma essenzjali biex jiġi attirat l-investiment privat; billi l-intraprendituri u dawk li joħolqu l-impjiegi jeħtiġilhom jingħataw il-kundizzjonijiet it-tajba biex jinvestu u jespandu; u billi l-politiki dwar il-ħiliet għandhom ikunu mmirati lejn id-domanda tas-suq tax-xogħol, billi jikkombinaw it-tiġdid u t-titjib tal-ħiliet, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, u t-tagħlim tul il-ħajja biex tinbena forza tax-xogħol li ssaħħaħ l-awtonomija strateġika tal-Ewropa;

Or. en

Emenda 46
Gheorghe Falcă, Romana Tomc, Andrzej Buła, Miriam Lexmann, Liesbet Sommen, Pascal Arimont, Giusi Princi, Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Bf (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Bf. billi l-istrateġiji tal-Ewropa għall-ħiliet, il-kompetittività u l-investiment jenħtieġ li joħolqu opportunitajiet kemm għall-kumpaniji l-kbar kif ukoll għall-SMEs, filwaqt li jindirizzaw ukoll il-ħtiġijiet nazzjonali, reġjonali u lokali; billi l-politiki li jsaħħu l-kapaċità industrijali, li jinkoraġġixxu l-intraprenditorija u li jibnu forza tax-xogħol b'ħiliet adattati għar-realtajiet lokali huma essenzjali biex jiġi żgurat li l-Ewropej kollha jkunu jistgħu jibbenefikaw mit-tkabbir u mill-innovazzjoni; billi huwa importanti li ċ-ċittadini, kemm fiż-żoni urbani kif ukoll f'dawk rurali, ikunu involuti fi tranżizzjoni ġusta li tibbilanċja l-kompetittività mas-solidarjetà u jappoġġjawha, u li jkunu jistgħu jkunu kunfidenti li x-xogħol, il-kontribut u l-istil tal-ħajja tagħhom se jiġu ssalvagwardjati sabiex ħadd ma jitħalla jibqa' lura;

Or. en

Emenda 47
Mélanie Disdier, Marie Dauchy, Nikola Bartůšek
f'isem il-Grupp PfE
Séverine Werbrouck

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi, filwaqt li għadd ta' inizjattivi leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi importanti tal-Unjoni għandhom l-għan li jindirizzaw jew jistgħu jgħinu biex jiġu indirizzati l-impatti tat-tranżizzjoni doppja	***imħassar***

(b'mod partikolari, il-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta, il-JTF, l-Unjoni tal-Ħiliet, il-Fond Soċjali għall-Klima, il-FSE+ u l-RRF) għad hemm lakuni fil-qafas leġiżlattiv u ta' politika fir-rigward tat-tfixkil fuq il-post tax-xogħol, id-drittijiet tal-ħaddiema, il-protezzjoni soċjali u d-djalogu soċjali; billi hija biss l-azzjoni fil-livell tal-Unjoni li tista' tiżgura valur miżjud reali u konverġenza soċjali 'l fuq konkorrenti biex il-wegħda li "ħadd ma jitħalla jibqa' lura" ssir realtà;

Or. fr

Emenda 48
Miriam Lexmann, Henrik Dahl, Andrea Wechsler, Arba Kokalari, Angelika Winzig, Raúl de la Hoz Quintano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi, filwaqt li għadd ta' inizjattivi leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi importanti tal-Unjoni għandhom l-għan li jindirizzaw jew jistgħu jgħinu biex jiġu indirizzati l-impatti tat-tranżizzjoni doppja (b'mod partikolari, il-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta, il-JTF, l-Unjoni tal-Ħiliet, il-Fond Soċjali għall-Klima, il-FSE+ u l-RRF) għad hemm lakuni fil-qafas leġiżlattiv u ta' politika fir-rigward tat-tfixkil fuq il-post tax-xogħol, id-drittijiet tal-ħaddiema, il-protezzjoni soċjali u d-djalogu soċjali; billi hija biss l-azzjoni fil-livell tal-Unjoni li tista' tiżgura valur miżjud reali u konverġenza soċjali 'l fuq konkorrenti biex il-wegħda li "ħadd ma jitħalla jibqa' lura" ssir realtà;	***imħassar***

Or. en

Emenda 49
Georgiana Teodorescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi, filwaqt li għadd ta' inizjattivi leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi importanti tal-Unjoni għandhom l-għan li jindirizzaw jew jistgħu jgħinu biex jiġu indirizzati l-impatti tat-tranżizzjoni doppja (b'mod partikolari, il-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta, il-JTF, l-Unjoni tal-Ħiliet, il-Fond Soċjali għall-Klima, il-FSE+ u l-RRF) ***għad hemm lakuni fil-qafas leġiżlattiv u ta' politika*** fir-rigward tat-tfixkil fuq il-post tax-xogħol, id-drittijiet tal-ħaddiema, il-protezzjoni soċjali u d-djalogu soċjali; billi ***hija biss l-azzjoni fil-livell tal-Unjoni li tista' tiżgura*** valur miżjud ***reali u konverġenza soċjali 'l fuq konkorrenti biex il-wegħda li "ħadd ma jitħalla jibqa' lura" ssir realtà***;	C. billi, filwaqt li għadd ta' inizjattivi leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi importanti tal-Unjoni ***li*** għandhom l-għan li jindirizzaw jew jistgħu jgħinu biex jiġu indirizzati l-impatti tat-tranżizzjoni doppja (b'mod partikolari, il-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta, il-JTF, l-Unjoni tal-Ħiliet, il-Fond Soċjali għall-Klima, il-FSE+ u l-RRF) ***jeħtiġilhom jiġu riveduti*** fir-rigward tat-tfixkil fuq il-post tax-xogħol, id-drittijiet tal-ħaddiema, il-protezzjoni soċjali u d-djalogu soċjali; billi ***l-Unjoni jenħtieġ li tiffoka fuq l-appoġġ għall-Istati Membri f'oqsma fejn il-kooperazzjoni Ewropea toħloq*** valur miżjud ***ċar, filwaqt li tevita l-approċċi "kulħadd f'keffa waħda" li jirriskjaw li jimminaw il-mudelli u t-tradizzjonijiet nazzjonali tas-suq tax-xogħol***;

Or. en

Emenda 50
Petr Bystron

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi, filwaqt li għadd ta' inizjattivi leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi importanti tal-Unjoni għandhom l-għan li ***jindirizzaw jew jistgħu*** jgħinu biex jiġu indirizzati l-impatti tat-tranżizzjoni doppja (b'mod partikolari, il-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta, il-JTF, l-Unjoni tal-Ħiliet, il-Fond Soċjali għall-Klima, il-FSE+ u l-RRF) għad hemm lakuni fil-qafas leġiżlattiv u ta' politika fir-rigward tat-tfixkil fuq il-post tax-xogħol, id-drittijiet tal-ħaddiema, il-protezzjoni soċjali u d-	C. billi, filwaqt li għadd ta' inizjattivi leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi importanti tal-Unjoni ***u ta' sussidji għall-kontribwenti*** għandhom l-għan li jgħinu biex jiġu indirizzati l-impatti tat-tranżizzjoni doppja (b'mod partikolari, il-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta, il-JTF, l-Unjoni tal-Ħiliet, il-Fond Soċjali għall-Klima, il-FSE+ u l-RRF) għad hemm lakuni fil-qafas leġiżlattiv u ta' politika fir-rigward tat-tfixkil fuq il-post tax-xogħol, id-drittijiet tal-ħaddiema, il-protezzjoni

djalogu soċjali; billi hija biss l-azzjoni fil-livell ***tal-Unjoni*** li tista' tiżgura valur miżjud reali ***u konverġenza soċjali 'l fuq konkorrenti biex il-weġħda li "ħadd ma jitħalla jibqa' lura" ssir realtà***;	soċjali u d-djalogu soċjali; billi hija biss l-azzjoni fil-livell ***tal-Istati Membri*** li tista' tiżgura valur miżjud reali;

Or. en

Emenda 51
Sara Matthieu
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi, filwaqt li għadd ta' inizjattivi leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi importanti tal-Unjoni għandhom l-għan li jindirizzaw jew jistgħu jgħinu biex jiġu indirizzati l-impatti tat-tranżizzjoni doppja (b'mod partikolari, il-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta, il-JTF, l-Unjoni tal-Ħiliet, il-Fond Soċjali għall-Klima, il-FSE+ u l-RRF) għad hemm lakuni fil-qafas leġiżlattiv u ta' politika fir-rigward tat-tfixkil fuq il-post tax-xogħol, id-drittijiet tal-ħaddiema, il-protezzjoni soċjali ***u d-djalogu*** soċjali; billi hija biss l-azzjoni fil-livell tal-Unjoni li tista' tiżgura valur miżjud reali u konverġenza soċjali 'l fuq konkorrenti biex il-weġħda li "ħadd ma jitħalla jibqa' lura" ***ssir*** realtà;	C. billi, filwaqt li għadd ta' inizjattivi leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi importanti tal-Unjoni għandhom l-għan li jindirizzaw jew jistgħu jgħinu biex jiġu indirizzati l-impatti tat-tranżizzjoni doppja (b'mod partikolari, il-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta, il-JTF, ***l-FEG,*** l-Unjoni tal-Ħiliet, il-Fond Soċjali għall-Klima, il-FSE+ u l-RRF) għad hemm lakuni fil-qafas leġiżlattiv u ta' politika fir-rigward tat-tfixkil fuq il-post tax-xogħol, id-drittijiet tal-ħaddiema, il-protezzjoni soċjali***, id-djalogu*** soċjali ***u l-opportunitajiet ta' edukazzjoni u ta' taħriġ***; billi hija biss l-azzjoni fil-livell tal-Unjoni li tista' tiżgura valur miżjud reali u konverġenza soċjali 'l fuq konkorrenti biex il-weġħda li "ħadd ma jitħalla jibqa' lura" ***u l-prinċipji tal-pilastru Ewropew tad-drittijiet soċjali isiru*** realtà;

Or. en

Emenda 52
Gheorghe Falcă, Romana Tomc, Andrzej Buła, Liesbet Sommen, Pascal Arimont, Giusi Princi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi, filwaqt li għadd ta' inizjattivi leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi importanti tal-Unjoni għandhom l-għan li jindirizzaw jew jistgħu jgħinu biex jiġu indirizzati l-impatti tat-tranżizzjoni doppja (b'mod partikolari, il-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta, il-JTF, l-Unjoni tal-Ħiliet, il-Fond Soċjali għall-Klima, il-FSE+ u l-RRF) għad hemm lakuni fil-qafas leġiżlattiv u ta' politika fir-rigward tat-tfixkil fuq il-post tax-xogħol, id-drittijiet tal-ħaddiema, il-protezzjoni soċjali u d-djalogu soċjali; billi hija biss l-azzjoni fil-livell tal-Unjoni li tista' tiżgura valur miżjud reali u konverġenza soċjali 'l fuq konkorrenti biex il-wegħda li "ħadd ma jitħalla jibqa' lura" ssir realtà;	C. billi, filwaqt li għadd ta' inizjattivi leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi importanti tal-Unjoni ***li*** għandhom l-għan li jindirizzaw jew jistgħu jgħinu biex jiġu indirizzati l-impatti tat-tranżizzjoni doppja (b'mod partikolari, il-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta, il-JTF, l-Unjoni tal-Ħiliet, il-Fond Soċjali għall-Klima, il-FSE+ u l-RRF) ***u biex tissaħħaħ il-kompetittività;*** għad hemm lakuni fil-qafas leġiżlattiv u ta' politika fir-rigward tat-tfixkil fuq il-post tax-xogħol, id-drittijiet tal-ħaddiema, il-protezzjoni soċjali u d-djalogu soċjali; billi hija biss l-azzjoni fil-livell tal-Unjoni li tista' tiżgura valur miżjud reali u konverġenza soċjali 'l fuq konkorrenti biex il-wegħda li "ħadd ma jitħalla jibqa' lura" ssir realtà;
	Or. en

Emenda 53
Rudi Kennes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ca (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ca. billi skont ir-riċerka tal-Eurofound[1b], l-aspetti relatati mat-tranżizzjoni doppja bilkemm jidhru fil-ftehimiet kollettivi, u r-rappreżentanti tal-ħaddiema jidhru li huma anqas involuti f'każijiet ta' ristrutturar relatati mat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali milli f'każijiet oħra ta' ristrutturar;
	[1b] Il-Eurofound (2024), Creating a new social contract for the just transition: Is partnership working? https://www.eurofound.europa.eu/en/publications/all/creating-new-social-contract-just-transition-partnership-working

Or. en

Emenda 54
Maria Zacharia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi r-rapport Draghi jidentifika n-nuqqasijiet persistenti ta' ħiliet bħala ostaklu għall-innovazzjoni, l-adozzjoni tat-teknoloġija u l-isforzi ta' dekarbonizzazzjoni, li min-naħa tagħhom ifixklu t-tkabbir u l-kompetittività; billi r-rapport Draghi jinnota li kważi 80 % tan-negozji żgħar u ta' daqs medju għandhom diffikultajiet biex isibu ħaddiema bis-sett ta' ħiliet it-tajjeb; billi r-rapport Draghi jisħaq ukoll fuq il-ħtieġa li jiġi żgurat li t-tkabbir tal-produttività u l-inklużjoni soċjali jimxu id f'id, bis-sistemi ta' protezzjoni soċjali tal-Istati Membri jkunu kritiċi għall-forniment ta' servizzi pubbliċi b'saħħithom, protezzjoni soċjali, akkomodazzjoni, trasport u indukrar tat-tfal matul it-tranżizzjoni;	***imħassar***

Or. el

Emenda 55
Sara Matthieu
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi r-rapport Draghi jidentifika n-nuqqasijiet persistenti ta' ħiliet bħala ostaklu għall-innovazzjoni, l-adozzjoni tat-teknoloġija u l-isforzi ta' dekarbonizzazzjoni, li min-naħa tagħhom ifixklu t-tkabbir u l-kompetittività; billi r-	D. ***billi permezz tal-investiment fl-iżvilupp ta' ħiliet għolja, l-UE tista' trawwem ċiklu virtuż ta' żieda fil-produttività, pagi ogħla, u ugwaljanza ekonomika akbar; billi kważi 50 % tal-adulti jistgħu jeħtieġu titjib jew tiġdid tal-***

rapport Draghi jinnota li kważi 80 % tan-negozji żgħar u ta' daqs medju għandhom diffikultajiet biex isibu ħaddiema bis-sett ta' ħiliet it-tajjeb; billi r-rapport Draghi jisħaq ukoll fuq il-ħtieġa li jiġi żgurat li t-tkabbir tal-produttività u l-inklużjoni soċjali jimxu id f'id, bis-sistemi ta' protezzjoni soċjali tal-Istati Membri jkunu kritiċi għall-forniment ta' servizzi pubbliċi b'saħħithom, protezzjoni soċjali, akkomodazzjoni, trasport u indukrar tat-tfal matul it-tranżizzjoni;

ħiliet[1a]; billi s-settur tal-enerġija tal-UE waħdu se jirrikjedi mill-anqas 145 000 ħaddiem tas-sengħa sal-2030[2a]; billi t-teknoloġija nadifa hija waħda mill-ixprunaturi tal-prosperità ekonomika fl-Ewropa, u tikkontribwixxi għal 30 % tat-tkabbir tal-UE u ħolqot miljuni ta' impjiegi fl-2023 biss[3a]; billi r-rapport Draghi jidentifika n-nuqqasijiet persistenti ta' ħiliet bħala ostaklu għall-innovazzjoni, l-adozzjoni tat-teknoloġija u l-isforzi ta' dekarbonizzazzjoni, li min-naħa tagħhom ifixklu t-tkabbir u l-kompetittività; billi r-rapport Draghi jinnota li kważi 80 % tan-negozji żgħar u ta' daqs medju għandhom diffikultajiet biex isibu ħaddiema bis-sett ta' ħiliet it-tajjeb; billi r-rapport Draghi jisħaq ukoll fuq il-ħtieġa li jiġi żgurat li t-tkabbir tal-produttività u l-inklużjoni soċjali jimxu id f'id, bis-sistemi ta' protezzjoni soċjali tal-Istati Membri jkunu kritiċi għall-forniment ta' servizzi pubbliċi b'saħħithom, protezzjoni soċjali, akkomodazzjoni, trasport u indukrar tat-tfal matul it-tranżizzjoni; ***billi d-diskrepanza fil-ħiliet tirriskja li taffettwa aktar lill-ħaddiema akbar fl-età, lill-ħaddiema b'livell baxx ta' ħiliet u lill-ħaddiema nisa b'mod sproporzjonat;***

1a

https://www.cedefop.europa.eu/mt/publications/4223#group-downloads

2a ***https://op.europa.eu/mt/publication-detail/-/publication/4826f429-0545-11f0-b1a3-01aa75ed71a1/language-en***

3a

https://www.cedefop.europa.eu/mt/news/green-transition-creates-more-jobs-it-destroys

Or. en

Emenda 56
Mélanie Disdier, Marie Dauchy, Nikola Bartůšek
f'isem il-Grupp PfE

Séverine Werbrouck

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi ***r-rapport Draghi jidentifika n-nuqqasijiet persistenti ta' ħiliet bħala ostaklu għall-innovazzjoni, l-adozzjoni tat-teknoloġija u l-isforzi ta' dekarbonizzazzjoni, li min-naħa tagħhom ifixklu t-tkabbir u l-kompetittività; billi r-rapport Draghi jinnota li*** kważi 80 % tan-negozji żgħar u ta' daqs medju għandhom diffikultajiet biex isibu ħaddiema bis-sett ta' ħiliet it-tajjeb; ***billi r-rapport Draghi jisħaq ukoll fuq il-ħtieġa li jiġi żgurat li t-tkabbir tal-produttività u l-inklużjoni soċjali jimxu id f'id, bis-sistemi ta' protezzjoni soċjali tal-Istati Membri jkunu kritiċi għall-forniment ta' servizzi pubbliċi b'saħħithom, protezzjoni soċjali, akkomodazzjoni, trasport u indukrar tat-tfal matul it-tranżizzjoni;***	D. billi kważi 80 % tan-negozji żgħar u ta' daqs medju għandhom diffikultajiet biex isibu ħaddiema bis-sett ta' ħiliet it-tajjeb;

Or. fr

Emenda 57
Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi r-rapport Draghi jidentifika n-nuqqasijiet persistenti ta' ħiliet bħala ostaklu għall-innovazzjoni, l-adozzjoni tat-teknoloġija u l-isforzi ta' dekarbonizzazzjoni, li min-naħa tagħhom ifixklu t-tkabbir u l-kompetittività; billi ***r-rapport Draghi jinnota li*** kważi ***80 % tan-negozji*** żgħar u ta' daqs medju ***għandhom*** diffikultajiet biex isibu ħaddiema bis-sett ta' ħiliet ***it-tajjeb***; billi ***r-rapport Draghi jisħaq ukoll fuq il-ħtieġa li jiġi żgurat li t-tkabbir tal-produttività u l-inklużjoni***	D. billi r-rapport Draghi jidentifika n-nuqqasijiet persistenti ta' ħiliet bħala ostaklu għall-innovazzjoni, l-adozzjoni tat-teknoloġija u l-isforzi ta' dekarbonizzazzjoni, li min-naħa tagħhom ifixklu t-tkabbir u l-kompetittività; billi kważi ***erbgħa minn kull ħames negozji*** żgħar u ta' daqs medju ***fl-UE jirrapportaw*** diffikultajiet biex isibu ħaddiema bis-sett ta' ħiliet ***meħtieġa***; billi ***tnaqqis fis-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ, b'mod partikolari l-edukazzjoni u t-taħriġ għall-***

soċjali jimxu id f'id, bis-sistemi ta' protezzjoni soċjali tal-Istati Membri jkunu kritiċi għall-forniment ta' servizzi pubbliċi b'saħħithom, protezzjoni soċjali, akkomodazzjoni, trasport u indukrar tat-tfal matul it-tranżizzjoni;	***adulti, qed jonqsu milli jħejju l-forza tax-xogħol għat-tranżizzjonijiet doppji; billi l-parteċipazzjoni fit-tagħlim għall-adulti għadha insuffiċjenti minħabba li 39,5 % biss tal-adulti jinvolvu ruħhom f'taħriġ annwali[1a], ferm taħt il-mira tal-2030 ta' mill-anqas 60 % u sabiex tintlaħaq din il-mira, hemm bżonn li jitħarrġu madwar 50 miljun ħaddiem ieħor[1b]***;
	[1a] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX%3A52025DC0090
	[1b] Ir-Rapport Draghi, p. 37.

Or. en

Emenda 58
Klára Dobrev, Vilija Blinkevičiūtė, Marc Angel, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Evelyn Regner, Romana Jerković, Marit Maij

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi r-rapport Draghi jidentifika n-nuqqasijiet persistenti ta' ħiliet bħala ostaklu għall-innovazzjoni, l-adozzjoni tat-teknoloġija u l-isforzi ta' dekarbonizzazzjoni, li min-naħa tagħhom ifixklu t-tkabbir u l-kompetittività; billi r-rapport Draghi jinnota li kważi 80 % tan-negozji żgħar u ta' daqs medju għandhom diffikultajiet biex isibu ħaddiema bis-sett ta' ħiliet it-tajjeb; billi r-rapport Draghi jisħaq ukoll fuq il-ħtieġa li jiġi żgurat li t-tkabbir tal-produttività u l-inklużjoni soċjali jimxu id f'id, bis-sistemi ta' protezzjoni soċjali tal-Istati Membri jkunu kritiċi għall-forniment ta' servizzi pubbliċi b'saħħithom, protezzjoni soċjali, akkomodazzjoni, trasport u indukrar tat-tfal matul it-tranżizzjoni;	D. billi r-rapport Draghi jidentifika n-nuqqasijiet persistenti ta' ħiliet bħala ostaklu għall-innovazzjoni, l-adozzjoni tat-teknoloġija u l-isforzi ta' dekarbonizzazzjoni, li min-naħa tagħhom ifixklu t-tkabbir u l-kompetittività; billi r-rapport Draghi jinnota li kważi 80 % tan-negozji żgħar u ta' daqs medju għandhom diffikultajiet biex isibu ħaddiema bis-sett ta' ħiliet it-tajjeb; billi r-rapport Draghi jisħaq ukoll fuq il-ħtieġa li jiġi żgurat li t-tkabbir tal-produttività u l-inklużjoni soċjali jimxu id f'id, bis-sistemi ta' protezzjoni soċjali tal-Istati Membri jkunu kritiċi għall-forniment ta' servizzi pubbliċi b'saħħithom, protezzjoni soċjali, akkomodazzjoni, trasport u indukrar tat-tfal matul it-tranżizzjoni; ***billi sistemi ta' protezzjoni soċjali b'saħħithom u ffinanzjati b'mod adegwat huma prerekwiżit biex tiġi żgurata tranżizzjoni***

ekwa u ġusta lejn in-newtralità klimatika u t-trasformazzjoni diġitali;

Or. en

Emenda 59
Petr Bystron

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi r-rapport Draghi jidentifika n-nuqqasijiet persistenti ta' ħiliet bħala ostaklu għall-innovazzjoni, l-adozzjoni tat-teknoloġija u l-isforzi ta' dekarbonizzazzjoni, li min-naħa tagħhom ifixklu t-tkabbir u l-kompetittività; billi r-rapport Draghi jinnota li kważi 80 % tan-negozji żgħar u ta' daqs medju għandhom diffikultajiet biex isibu ħaddiema bis-sett ta' ħiliet it-tajjeb; billi r-rapport Draghi jisħaq ukoll fuq il-ħtieġa li jiġi żgurat li t-tkabbir tal-produttività u l-inklużjoni soċjali jimxu id f'id, bis-sistemi ta' protezzjoni soċjali tal-Istati Membri jkunu kritiċi għall-forniment ta' servizzi pubbliċi b'saħħithom, protezzjoni soċjali, akkomodazzjoni, trasport u indukrar tat-tfal matul it-tranżizzjoni;	D. billi r-rapport Draghi jidentifika n-nuqqasijiet persistenti ta' ħiliet bħala ostaklu għall-innovazzjoni, l-adozzjoni tat-teknoloġija u l-isforzi ta' dekarbonizzazzjoni, li min-naħa tagħhom ifixklu t-tkabbir u l-kompetittività; billi r-rapport Draghi jinnota li kważi 80 % tan-negozji żgħar u ta' daqs medju għandhom diffikultajiet biex isibu ħaddiema bis-sett ta' ħiliet it-tajjeb; billi r-rapport Draghi jisħaq ukoll fuq il-ħtieġa li jiġi żgurat li t-tkabbir tal-produttività u l-inklużjoni soċjali jimxu id f'id, bis-sistemi ta' protezzjoni soċjali tal-Istati Membri jkunu kritiċi għall-forniment ta' servizzi pubbliċi b'saħħithom, protezzjoni soċjali, akkomodazzjoni, trasport u indukrar tat-tfal matul it-tranżizzjoni ***- fi kliem ieħor, nittamaw li jkollna l-flus minn dak li jifdal mill-industrija tagħna biex inħallsu għal dawk li mhux se jaħdmu jew li ma jistgħux jaħdmu***;

Or. en

Emenda 60
Sara Matthieu
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi r-rapport Draghi jirrikonoxxi wkoll l-importanza tal-mudell soċjali Ewropew u jenfasizza li l-promozzjoni tal-kompetittività jenħtieġ li ma tkunx ibbażata fuq ir-repressjoni tal-pagi għal spejjeż relattivi aktar baxxi; billi l-ħolqien ta' impjiegi ekoloġiċi ġodda għandhom ikunu kollha impjiegi ta' kwalità għolja; billi impjieg ta' kwalità għandu jinkludi l-aspetti li ġejjin: (i) negozjar kollettiv, (ii) rispett sħiħ għad-drittijiet tal-ħaddiema u tat-trade unions, (iii) pagi ġusti, (iv) sigurtà tax-xogħol u protezzjoni soċjali, (v) taħriġ mingħajr spejjeż u matul il-ħin tax-xogħol, (vi) kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin, (vii) saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol, (viii) bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, (ix) ugwaljanza u nondiskriminazzjoni; billi l-kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin, id-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv huma indispensabbli għas-sistemi ta' protezzjoni soċjali Ewropej tagħna, għall-kompetittività tal-Unjoni kif ukoll għad-demokrazija;

Or. en

Emenda 61
Klára Dobrev, Vilija Blinkevičiūtė, Marc Angel, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Evelyn Regner, Romana Jerković, Marit Maij

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi l-impjiegi ta' kwalità, li jinkludu fost l-oħrajn pagi deċenti, kuntratti ta' impjieg standard, aċċess għall-protezzjoni soċjali, opportunitajiet ta' tagħlim tul il-ħajja, standard għoli ta' saħħa u sikurezza okkupazzjonali, ħin tax-xogħol raġonevoli b'bilanċ tajjeb bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, rappreżentanza tal-ħaddiema,

demokrazija fuq il-post tax-xogħol u ftehimiet kollettivi, għandhom rwol kruċjali biex jattiraw u jżommu l-forza tax-xogħol; billi l-aċċess għal edukazzjoni, taħriġ u tagħlim tul il-ħajja ta' kwalità u inklużivi għal kulħadd huwa essenzjali sabiex jiġi żgurat li l-forza tax-xogħol ikollha l-ħiliet meħtieġa sabiex jitwettqu t-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi.

Or. en

Emenda 62
Gheorghe Falcă, Romana Tomc, Andrzej Buła, Miriam Lexmann, Liesbet Sommen, Pascal Arimont, Giusi Princi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi l-kapaċità amministrattiva u teknika tal-partijiet ikkonċernati differenti jeħtiġilha tissaħħaħ; billi l-Istati Membri għadhom jiffaċċjaw sfidi sinifikanti fil-ġestjoni u fl-implimentazzjoni b'mod effettiv tal-fondi tal-UE fil-livell lokali u fil-valutazzjoni tad-diversi impatti tal-politiki dwar il-klima; u billi huwa essenzjali li jiġu żviluppati politiki li jrawmu opportunitajiet ekonomiċi, speċjalment fiż-żoni rurali, sabiex jiġi attirat l-investiment, jiġu appoġġjati l-kumpaniji, jinħolqu impjiegi lokali u n-nies ikunu jistgħu jibqgħu fil-komunitajiet tagħhom;

Or. en

Emenda 63
Georgiana Teodorescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi l-SMEs jiffurmaw is-sinsla tal-ekonomija Ewropea u joħolqu sehem kbir ta' impjiegi lokali permanenti; billi biex tkun possibbli tranżizzjoni ġusta fil-qasam tax-xogħol, irid jiġi stabbilit pakkett ta' simplifikazzjoni ġust għall-SMEs, b'dispożizzjonijiet speċifiċi, bħal perjodi tranżizzjonali estiżi u rekwiżiti simplifikati għall-SMEs;

Or. en

Emenda 64
Petr Bystron

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi l-allarmiżmu b'rabta mal-klima, inklużi narrattivi foloz dwar il-perikli tat-tibdil fil-klima naturali, il-bijodiversità u n-nuqqas ta' ffuwil, joħloq paniku artifiċjali biex jiġġustifika l-introduzzjoni ta' leġiżlazzjoni kontra l-industrija, li se ċċaqlaq in-negozju mill-Unjoni lejn pajjiżi terzi, b'mod partikolari ċ-Ċina u l-Indja;

Or. en

Emenda 65
Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi r-rapport Draghi jisħaq ukoll fuq il-ħtieġa li jiġi żgurat li t-tkabbir tal-produttività u l-inklużjoni soċjali jimxu id f'id, bis-sistemi ta' protezzjoni soċjali tal-

Istati Membri jkunu kritiċi għall-forniment ta' servizzi pubbliċi b'saħħithom, protezzjoni soċjali, akkomodazzjoni, trasport u indukrar tat-tfal matul it-tranżizzjoni;

Or. en

Emenda 66
Maria Zacharia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi s-suċċess tat-tranżizzjoni ġusta jirrikjedi investimenti pubbliċi, ridistribuzzjoni tar-riżorsi u xbieki ta' protezzjoni soċjali b'saħħithom bil-għan li jiġi żgurat li l-ebda ħaddiem jew komunità ma jitħallewx jibqgħu lura;

Or. el

Emenda 67
Sara Matthieu
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Db (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Db. billi r-rapport Letta jqis li l-"libertà li wieħed jibqa'" għandha titqies bħala parti mill-istess munita bħal-libertà tal-moviment; billi r-rapport Letta jqis il-libertà tal-moviment bħala dritt fundamentali u għażla libera, u mhux bħala ħtieġa li jiġi kkumpensat in-nuqqas ta' impjiegi attraenti u diċenti f'xi reġjuni; billi r-rapport jisħaq il-ħtieġa li jiġu pprovduti opportunitajiet għaċ-ċittadini fir-reġjuni kollha, b'mod partikolari dawk li qed jitħallew jibqgħu

lura, inkluża l-ħtieġa ta' impjiegi ta' kwalità, u l-ħtieġa li jiġu indirizzati l-inugwaljanzi fil-pajjiżi u bejniethom[2a]; billi jekk ma tkunx imfassla u appoġġjata b'mod adegwat, it-tranżizzjoni ekoloġika tista' taffettwa aktar lir-reġjuni vulnerabbli fl-Ewropa tal-Lvant u tan-Nofsinhar b'mod sproporzjonat[3a] f'termini ta' riskji ta' qgħad u telf ta' impjiegi.

[2a] https://cohesiondata.ec.europa.eu/stories/s/py4s-5ad4

[3a] https://op.europa.eu/mt/publication-detail/-/publication/24c7aa49-2451-11ee-94cb-01aa75ed71a1

Or. en

Emenda 68
Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Db (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Db. billi skont ir-rapport tal-2024 tal-Kummissjoni dwar l-Impjiegi u l-Iżviluppi Soċjali fl-Ewropa (ESDE 2024)[1a], ir-restrizzjonijiet fuq il-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni u fit-taħriġ għall-adulti huma attribwiti għal ostakli bħan-nuqqas perċepit ta' neċessità, provvista insuffiċjenti jew diffikultajiet fl-aċċess għal taħriġ ta' kwalità rilevanti, kunflitti fl-iskeda, responsabbiltajiet tal-familja u restrizzjonijiet finanzjarji; billi r-rapport Draghi jitlob lill-UE tiżgura li l-ħaddiema kollha jkollhom dritt għall-edukazzjoni u għat-taħriġ mill-ġdid, li jippermettilhom jidħlu fi rwoli ġodda hekk kif il-kumpaniji tagħhom jadottaw it-teknoloġija, jew f'impjiegi tajbin f'setturi ġodda[1b];

[1a] https://employment-social-affairs.ec.europa.eu/employment-and-social-developments-europe-2024-upward-social-convergence-eu-and-role-social_en

[1b] Ir-Rapport Draghi, p. 19.

Or. en

Emenda 69
Georgiana Teodorescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Db (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Db. billi l-ġeografija tax-xogħol għadha definita minn qasma qawwija bejn il-Majjistral u x-Xlokk, bl-ħekk imsejjaħ "kuritur blu", li jestendi min-Nofsinhar tal-Iżvezja u jgħaddi mid-Danimarka, mit-Tramuntana tal-Ġermanja, mill-Awstrija u min-Netherlands b'rati ta' impjieg ta' 78 % jew aktar, filwaqt li l-bićċa l-kbira tan-Nofsinhar ta' Spanja, il-Greċja, in-Nofsinhar tal-Italja, il-Lvant tal-Kroazja, il-Bulgarija u r-Rumanija baqgħu taħt it-68 %; billi t-territorji dipendenti fuq il-faħam iżidu saff ieħor ta' vulnerabbiltà: ir-rati tal-impjieg huma 10–15 % taħt il-medja tal-UE[2a];

[2a] Just Transition on the World of Work, id-Dipartiment Tematiku għat-Trasport, l-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, id-Direttorat Ġenerali għall-Koeżjoni, l-Agrikoltura u l-Politiki Soċjali, Izabela MARCINKOWSKA, Veronika HVOZDIKOVA, Settembru 2025

Or. en

Emenda 70

Sara Matthieu
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Dc (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Dc. Billi l-Pjan Direzzjonali għal Impjiegi ta' Kwalità huwa mistenni jippromwovi miżuri li jappoġġjaw lill-Istati Membri u lill-industriji biex jipprovdu kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti u aċċess għat-taħriġ, jistabbilixxu standards għoljin għas-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol, jiżguraw tranżizzjonijiet ġusti tax-xogħol għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom u għan-negozjar kollettiv, bl-għan li jattiraw it-talent u jikkontribwixxu għall-kompetittività tal-industriji Ewropej; billi f'dan il-kuntest, il-Kummissjoni mistennija tiddiskuti mas-sħab soċjali qafas biex tappoġġja l-proċessi ta' ristrutturar fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri; billi dan il-qafas se jkun iffukat fuq tranżizzjoni ġusta, fuq id-dritt għat-taħriġ, fuq l-antiċipazzjoni tal-bidla, fuq intervent bikri meta jkun hemm theddida ta' ristrutturar, u fuq informazzjoni u konsultazzjoni mtejba.

Or. en

Emenda 71
Georgiana Teodorescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Dc (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Dc. billi l-Unjoni ilha mill-2012 tesperjenza mewġa mġedda ta' konverġenza tal-introjtu, b'xi żoni li qabel kienu tal-industrija tal-faħam u tat-tessuti fil-Polonja, fl-Ungerija u fil-Lvant tal-Ġermanja, kibru b'rata aktar mgħaġġla

mill-medja tal-UE, filwaqt li reġjuni oħra, bħan-Nofsinhar tal-Italja, parti kbira mill-Greċja u diversi reġjuni Rumeni ftit li xejn raw żieda fil-PDG[3a];

[3a] Just Transition in the World of Work, Riċerka tal-Kumitat EMPL, Settembru 2025 https://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/STUD/2025/759354/CASP_STU(2025)759354_EN.pdf

Or. en

Emenda 72
Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Dc (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Dc. billi l-implimentazzjoni tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta kienet bil-mod, kif muri mir-rata ta' pagament ta' 32,2 % biss sa tmiem l-2024[1d]; billi l-għadd ta' impjiegi maħluqa mill-JTF għadu lura biex ikopri l-għadd ta' impjiegi mbassra li se jintilfu hekk kif l-industriji intensivi fil-karbonju jaqilbu għal teknoloġiji aktar nodfa;

[1d] Just Transition Mechanism - Performance 2025, il-Kummissjoni Ewropea https://commission.europa.eu/strategy-and-policy/eu-budget/performance-and-reporting/programme-performance-statements/just-transition-mechanism-performance_en

Or. en

Emenda 73

Sara Matthieu
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Dd (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Dd. Billi l-Patt għal Industrija Nadifa se jħaffef id-dekarbonizzazzjoni, u jbiddilha f'mutur tat-tkabbir għall-industriji Ewropej li jnaqqas il-prezzijiet tal-enerġija u joħloq impjiegi ta' kwalità;

Or. en

Emenda 74
Sara Matthieu
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa De (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	De. Billi r-reviżjoni li jmiss tad-direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku għandha l-għan li tallinja r-regoli dwar l-akkwist pubbliku mal-objettivi strateġiċi usa' tal-Unjoni, inklużi t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, l-impjiegi ġusti, l-innovazzjoni, standards soċjali u ekoloġiċi għoljin u r-reżiljenza; billi din ir-reviżjoni hija opportunità biex jiġu promossi n-negozjar kollettiv u l-użu tal-klawżola soċjali, u t-trattament preferenzjali għall-kumpaniji bi ftehimiet kollettivi;

Or. en

Emenda 75
Mélanie Disdier, Marie Dauchy, Nikola Bartůšek
f'isem il-Grupp PfE
Séverine Werbrouck

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. ***Jenfasizza li t-tranżizzjoni b'suċċess lejn sorsi u industriji tal-enerġija aktar sostenibbli se jkollha rwol ewlieni fil-kompetittività fit-tul tan-negozji tal-Unjoni fis-suq globali;*** jissottolinja l-ħtieġa li jiġi żgurat li n-negozji u l-ħaddiema jkunu mgħammra tajjeb biex jieħdu vantaġġ mill-opportunitajiet li jirriżultaw mill-bidla għal soluzzjonijiet ġodda u innovattivi; ***jemmen li qafas vinkolanti biex jiġu indirizzati l-isfidi u l-opportunitajiet ta' tranżizzjoni ġusta fuq il-post tax-xogħol huwa essenzjali biex jiġu żgurati standards komuni minimi li jipprovdu ċarezza u struttura kemm għall-ħaddiema kif ukoll għall-impjegaturi fl-antiċipazzjoni u l-ġestjoni tal-bidla u, fl-aħħar mill-aħħar, itejbu r-reżiljenza, il-kompetittività u l-konverġenza soċjali 'l fuq tal-Unjoni;*** jisħaq li ***r-reġjuni*** jistgħu ***jappoġġjaw it-tranżizzjoni ġusta*** billi jikkombinaw il-protezzjoni soċjali, id-diversifikazzjoni ekonomika, u l-koordinazzjoni territorjali biex jitnaqqsu l-impatti negattivi ***u jiġi promoss żvilupp aktar inklużiv***;	1. jissottolinja l-ħtieġa li jiġi żgurat li n-negozji u l-ħaddiema jkunu mgħammra tajjeb biex jieħdu vantaġġ mill-opportunitajiet li jirriżultaw mill-bidla għal soluzzjonijiet ġodda u innovattivi; jisħaq li ***l-Istati Membri*** jistgħu ***jmexxu t-tranżizzjoni*** billi jikkombinaw il-protezzjoni soċjali, id-diversifikazzjoni ekonomika, u l-koordinazzjoni territorjali biex jitnaqqsu l-impatti negattivi;

Or. fr

Emenda 76
Miriam Lexmann, Henrik Dahl, Andrea Wechsler, Arba Kokalari, Angelika Winzig, Raúl de la Hoz Quintano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jenfasizza li t-tranżizzjoni b'suċċess lejn sorsi u industriji tal-enerġija aktar sostenibbli se jkollha rwol ewlieni fil-kompetittività fit-tul tan-negozji tal-Unjoni fis-suq globali; jissottolinja l-ħtieġa li jiġi żgurat li n-negozji u l-ħaddiema jkunu	1. Jenfasizza li t-tranżizzjoni b'suċċess lejn sorsi u industriji tal-enerġija aktar sostenibbli se jkollha rwol ewlieni fil-kompetittività fit-tul tan-negozji tal-Unjoni fis-suq globali; jissottolinja l-ħtieġa li jiġi żgurat li n-negozji u l-ħaddiema jkunu

mgħammra tajjeb biex jieħdu vantaġġ mill-opportunitajiet li jirriżultaw mill-bidla għal soluzzjonijiet ġodda u innovattivi; ***jemmen li qafas vinkolanti biex jiġu indirizzati l-isfidi u l-opportunitajiet ta' tranżizzjoni ġusta fuq il-post tax-xogħol huwa essenzjali biex jiġu żgurati standards komuni minimi li jipprovdu ċarezza u struttura kemm għall-ħaddiema kif ukoll għall-impjegaturi fl-anticipazzjoni u l-ġestjoni tal-bidla u, fl-aħħar mill-aħħar, itejbu r-reżiljenza, il-kompetittività u l-konverġenza soċjali 'l fuq tal-Unjoni; jisħaq li r-reġjuni jistgħu jappoġġjaw it-tranżizzjoni ġusta billi jikkombinaw il-protezzjoni soċjali, id-diversifikazzjoni ekonomika, u l-koordinazzjoni territorjali biex jitnaqqsu l-impatti negattivi u jiġi promoss żvilupp aktar inklużiv;***	mgħammra tajjeb biex jieħdu vantaġġ mill-opportunitajiet li jirriżultaw mill-bidla għal soluzzjonijiet ġodda u innovattivi;

Or. en

Emenda 77
Petar Volgin, Petr Bystron

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jenfasizza li t-tranżizzjoni b'suċċess lejn sorsi u industriji tal-enerġija aktar sostenibbli se jkollha rwol ewlieni fil-kompetittività fit-tul tan-negozji tal-Unjoni fis-suq globali; jissottolinja l-ħtieġa li jiġi żgurat li n-negozji u l-ħaddiema jkunu mgħammra tajjeb biex jieħdu vantaġġ mill-opportunitajiet li jirriżultaw mill-bidla għal soluzzjonijiet ġodda u innovattivi***; jemmen li qafas vinkolanti biex jiġu indirizzati l-isfidi u l-opportunitajiet ta' tranżizzjoni ġusta fuq il-post tax-xogħol huwa essenzjali biex jiġu żgurati standards komuni minimi li jipprovdu ċarezza u struttura kemm għall-ħaddiema kif ukoll għall-impjegaturi fl-anticipazzjoni u l-ġestjoni tal-bidla u, fl-aħħar mill-aħħar, itejbu r-reżiljenza, il-kompetittività u l-***	1. Jenfasizza li t-tranżizzjoni b'suċċess lejn sorsi u industriji tal-enerġija aktar sostenibbli se jkollha rwol ***negattiv*** ewlieni fil-kompetittività fit-tul tan-negozji tal-Unjoni fis-suq globali; jissottolinja l-ħtieġa li jiġi żgurat li n-negozji u l-ħaddiema jkunu mgħammra tajjeb biex jieħdu vantaġġ mill-opportunitajiet li jirriżultaw mill-bidla għal soluzzjonijiet ġodda u innovattivi***, mingħajr ma titwarrab l-industrija tradizzjonali li tat lill-Istati Membri l-pedament ekonomiku tagħhom***;

***konverġenza soċjali 'l fuq tal-Unjoni*;**
jisħaq li r-reġjuni jistgħu jappoġġjaw it-tranżizzjoni ġusta billi jikkombinaw il-protezzjoni soċjali, id-diversifikazzjoni ekonomika, u l-koordinazzjoni territorjali biex jitnaqqsu l-impatti negattivi u jiġi promoss żvilupp aktar inklużiv;

Or. en

Emenda 78
Georgiana Teodorescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jenfasizza li t-tranżizzjoni b'suċċess lejn sorsi u industriji tal-enerġija aktar sostenibbli se jkollha rwol ewlieni fil-kompetittività fit-tul tan-negozji tal-Unjoni fis-suq globali; jissottolinja l-ħtieġa li jiġi żgurat li n-negozji u l-ħaddiema jkunu mgħammra tajjeb biex jieħdu vantaġġ mill-opportunitajiet li jirriżultaw mill-bidla għal soluzzjonijiet ġodda u innovattivi; jemmen li ***qafas vinkolanti biex jiġu indirizzati*** l-isfidi u l-opportunitajiet ta' tranżizzjoni ġusta fuq il-post tax-xogħol huwa essenzjali biex jiġu żgurati standards komuni minimi li jipprovdu ċarezza u struttura kemm għall-ħaddiema kif ukoll għall-impjegaturi fl-antiċipazzjoni u l-ġestjoni tal-bidla u, fl-aħħar mill-aħħar, itejbu r-reżiljenza, il-kompetittività u l-konverġenza soċjali 'l fuq tal-Unjoni; jisħaq li r-reġjuni jistgħu jappoġġjaw it-tranżizzjoni ġusta billi jikkombinaw il-protezzjoni soċjali, id-diversifikazzjoni ekonomika, u l-koordinazzjoni territorjali biex jitnaqqsu l-impatti negattivi u jiġi promoss żvilupp aktar inklużiv;	1. Jenfasizza li t-tranżizzjoni b'suċċess lejn sorsi u industriji tal-enerġija aktar sostenibbli se jkollha rwol ewlieni fil-kompetittività fit-tul tan-negozji tal-Unjoni fis-suq globali; jissottolinja l-ħtieġa li jiġi żgurat li n-negozji u l-ħaddiema jkunu mgħammra tajjeb biex jieħdu vantaġġ mill-opportunitajiet li jirriżultaw mill-bidla għal soluzzjonijiet ġodda u innovattivi; jemmen li ***r-reviżjoni tal-qafas legali attwali li jindirizza*** l-isfidi u l-opportunitajiet ta' tranżizzjoni ġusta fuq il-post tax-xogħol huwa essenzjali biex jiġu żgurati standards komuni minimi li jipprovdu ċarezza u struttura kemm għall-ħaddiema kif ukoll għall-impjegaturi fl-antiċipazzjoni u l-ġestjoni tal-bidla u, fl-aħħar mill-aħħar, itejbu r-reżiljenza, il-kompetittività u l-konverġenza soċjali 'l fuq tal-Unjoni; jisħaq li r-reġjuni jistgħu jappoġġjaw it-tranżizzjoni ġusta billi jikkombinaw il-protezzjoni soċjali, id-diversifikazzjoni ekonomika, u l-koordinazzjoni territorjali biex jitnaqqsu l-impatti negattivi u jiġi promoss żvilupp aktar inklużiv;

Or. en

Emenda 79
Gheorghe Falcă, Romana Tomc, Liesbet Sommen, Pascal Arimont, Giusi Princi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jenfasizza li t-tranżizzjoni b'suċċess lejn sorsi u industriji tal-enerġija aktar sostenibbli se jkollha rwol ewlieni fil-kompetittività fit-tul tan-negozji tal-Unjoni fis-suq globali; jissottolinja l-ħtieġa li jiġi żgurat li n-negozji u l-ħaddiema jkunu mgħammra tajjeb biex jieħdu vantaġġ mill-opportunitajiet li jirriżultaw mill-bidla għal soluzzjonijiet ġodda u innovattivi; jemmen li qafas vinkolanti biex jiġu indirizzati l-isfidi u l-opportunitajiet ta' tranżizzjoni ġusta fuq il-post tax-xogħol huwa essenzjali biex jiġu żgurati standards komuni minimi li jipprovdu ċarezza u struttura kemm għall-ħaddiema kif ukoll għall-impjegaturi fl-antiċipazzjoni u l-ġestjoni tal-bidla u, fl-aħħar mill-aħħar, itejbu r-reżiljenza, il-kompetittività u l-konverġenza soċjali 'l fuq tal-Unjoni; jisħaq li r-reġjuni jistgħu jappoġġjaw it-tranżizzjoni ġusta billi jikkombinaw il-protezzjoni soċjali, id-diversifikazzjoni ekonomika, u l-koordinazzjoni territorjali biex jitnaqqsu l-impatti negattivi u jiġi promoss ***żvilupp aktar inklużiv***;	1. Jenfasizza li t-tranżizzjoni b'suċċess lejn sorsi u industriji tal-enerġija aktar sostenibbli se jkollha rwol ewlieni fil-kompetittività fit-tul tan-negozji tal-Unjoni fis-suq globali; jissottolinja l-ħtieġa li jiġi żgurat li n-negozji u l-ħaddiema jkunu mgħammra tajjeb biex jieħdu vantaġġ mill-opportunitajiet li jirriżultaw mill-bidla għal soluzzjonijiet ġodda u innovattivi; jemmen li qafas vinkolanti biex jiġu indirizzati l-isfidi u l-opportunitajiet ta' tranżizzjoni ġusta fuq il-post tax-xogħol huwa essenzjali biex jiġu żgurati standards komuni minimi li jipprovdu ċarezza u struttura kemm għall-ħaddiema kif ukoll għall-impjegaturi fl-antiċipazzjoni u l-ġestjoni tal-bidla u, fl-aħħar mill-aħħar, itejbu r-reżiljenza, il-kompetittività u l-konverġenza soċjali 'l fuq tal-Unjoni; jisħaq li r-reġjuni jistgħu jappoġġjaw it-tranżizzjoni ġusta billi jikkombinaw il-protezzjoni soċjali, id-diversifikazzjoni ekonomika, u l-koordinazzjoni territorjali biex jitnaqqsu l-impatti negattivi u jiġi promoss ***l-iżvilupp***;

Or. en

Emenda 80
Klára Dobrev, Vilija Blinkevičiūtė, Marc Angel, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Evelyn Regner, Romana Jerković, Marit Maij

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jenfasizza li t-tranżizzjoni b'suċċess lejn sorsi ***u industriji*** tal-enerġija aktar sostenibbli se jkollha rwol ewlieni fil-	1. Jenfasizza li t-tranżizzjoni b'suċċess lejn sorsi tal-enerġija aktar sostenibbli***, industriji modernizzati u***

kompetittività fit-tul tan-negozji tal-Unjoni fis-suq globali; jissottolinja l-ħtieġa li jiġi żgurat li n-negozji u l-ħaddiema jkunu mgħammra tajjeb biex jieħdu vantaġġ mill-opportunitajiet li jirriżultaw mill-bidla għal soluzzjonijiet ġodda u innovattivi; jemmen li qafas vinkolanti biex jiġu indirizzati l-isfidi u l-opportunitajiet ta' tranżizzjoni ġusta fuq il-post tax-xogħol huwa essenzjali biex jiġu żgurati standards komuni minimi ***li*** jipprovdu ċarezza u struttura kemm għall-ħaddiema kif ukoll għall-impjegaturi fl-antiċipazzjoni u ***l-ġestjoni*** tal-bidla u, fl-aħħar mill-aħħar, itejbu r-reżiljenza, il-kompetittività ***u l-konverġenza*** soċjali 'l fuq tal-Unjoni; jisħaq li r-reġjuni jistgħu jappoġġjaw it-tranżizzjoni ġusta billi jikkombinaw il-protezzjoni soċjali, id-diversifikazzjoni ekonomika, u l-koordinazzjoni territorjali biex jitnaqqsu l-impatti negattivi u jiġi promoss żvilupp aktar inklużiv;	***ekonomija aktar diġitalizzata*** se jkollha rwol ewlieni fil-kompetittività fit-tul tan-negozji tal-Unjoni fis-suq globali; jissottolinja l-ħtieġa li jiġi żgurat li n-negozji u l-ħaddiema jkunu mgħammra tajjeb biex jieħdu vantaġġ mill-opportunitajiet li jirriżultaw mill-bidla għal soluzzjonijiet ġodda u innovattivi; jemmen li qafas vinkolanti biex jiġu indirizzati l-isfidi u l-opportunitajiet ta' tranżizzjoni ġusta fuq il-post tax-xogħol huwa essenzjali biex jiġu żgurati standards komuni minimi ***adegwati biex*** jipprovdu ċarezza u struttura kemm għall-ħaddiema kif ukoll għall-impjegaturi fl-antiċipazzjoni u ***fil-ġestjoni*** tal-bidla u, fl-aħħar mill-aħħar, itejbu r-reżiljenza, il-kompetittività ***kif ukoll il-konverġenza*** soċjali 'l fuq ***u l-ġustizzja soċjali*** tal-Unjoni***; jissottolinja b'mod partikolari l-importanza ta' xogħol deċenti u impjiegi koperti minn ftehimiet kollettivi, li huma indispensabbli biex jiġu żgurati aktar progress soċjali, distribuzzjoni ġusta u aċċettazzjoni tat-tranżizzjoni; jissottolinja li n-negozjar kollettiv huwa essenzjali għall-pagi ġusti, il-ġustizzja soċjali, u d-demokrazija fuq il-post tax-xogħol, iżda l-kopertura għadha irregolari; jisħaq li l-UE għandha tipprovdi gwida u appoġġ biex tgħin fit-tisħiħ tas-sistemi ta' negozjar, b'mod partikolari fil-livell settorjali, u tiżgura li s-sħab soċjali jkunu involuti bis-sħiħ; jenfasizza l-importanza li jiġu mobilizzati r-riżorsi tal-UE biex tinbena l-kapaċità fejn meħtieġ***; jisħaq li r-reġjuni jistgħu jappoġġjaw it-tranżizzjoni ġusta billi jikkombinaw il-protezzjoni soċjali, id-diversifikazzjoni ekonomika, u l-koordinazzjoni territorjali biex jitnaqqsu l-impatti negattivi u jiġi promoss żvilupp aktar inklużiv;

Or. en

Emenda 81
Sara Matthieu
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jenfasizza li t-tranżizzjoni b'suċċess lejn sorsi u industriji tal-enerġija ***aktar*** sostenibbli se jkollha rwol ewlieni fil-kompetittività ***fit-tul*** tan-negozji tal-Unjoni fis-suq globali; jissottolinja l-ħtieġa li jiġi żgurat li n-negozji u l-ħaddiema jkunu mgħammra tajjeb biex jieħdu vantaġġ mill-opportunitajiet li jirriżultaw mill-bidla għal soluzzjonijiet ġodda u innovattivi; jemmen li qafas vinkolanti biex jiġu indirizzati l-isfidi u l-opportunitajiet ta' tranżizzjoni ġusta fuq il-post tax-xogħol huwa essenzjali biex jiġu żgurati standards komuni minimi li jipprovdu ċarezza u struttura kemm għall-ħaddiema kif ukoll għall-impjegaturi fl-antiċipazzjoni u l-ġestjoni tal-bidla u, fl-aħħar mill-aħħar, itejbu r-reżiljenza, il-kompetittività u l-konverġenza soċjali 'l fuq tal-Unjoni; jisħaq li r-reġjuni jistgħu jappoġġjaw it-tranżizzjoni ġusta billi jikkombinaw il-protezzjoni soċjali, id-diversifikazzjoni ekonomika, u l-koordinazzjoni territorjali biex jitnaqqsu l-impatti negattivi u jiġi promoss żvilupp aktar inklużiv;	1. Jenfasizza li t-tranżizzjoni b'suċċess lejn sorsi u industriji tal-enerġija sostenibbli se jkollha rwol ewlieni fil-kompetittività tan-negozji tal-Unjoni fis-suq globali ***u twassal għall-ħolqien ta' ammont sinifikanti ta' impjiegi ekoloġiċi fl-Ewropa***; jissottolinja l-ħtieġa li jiġi żgurat li n-negozji u l-ħaddiema jkunu mgħammra tajjeb biex jieħdu vantaġġ mill-opportunitajiet li jirriżultaw mill-bidla għal soluzzjonijiet ġodda u innovattivi; jemmen li qafas vinkolanti biex jiġu indirizzati l-isfidi u l-opportunitajiet ta' tranżizzjoni ġusta fuq il-post tax-xogħol huwa essenzjali biex jiġu żgurati standards komuni minimi li jipprovdu ċarezza u struttura kemm għall-ħaddiema kif ukoll għall-impjegaturi fl-antiċipazzjoni u l-ġestjoni tal-bidla u, fl-aħħar mill-aħħar, itejbu r-reżiljenza, il-kompetittività u l-konverġenza soċjali 'l fuq tal-Unjoni ***kif ukoll id-demokrazija fuq il-post tax-xogħol*** ; jisħaq li r-reġjuni jistgħu jappoġġjaw it-tranżizzjoni ġusta billi jikkombinaw il-protezzjoni soċjali, id-diversifikazzjoni ekonomika, u l-koordinazzjoni territorjali biex jitnaqqsu l-impatti negattivi u jiġi promoss żvilupp aktar inklużiv;

Or. en

Emenda 82
Maria Zacharia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jenfasizza li t-tranżizzjoni b'suċċess lejn sorsi u industriji tal-enerġija	1. Jenfasizza li t-tranżizzjoni b'suċċess lejn sorsi u industriji tal-enerġija

aktar sostenibbli se jkollha rwol ewlieni fil-kompetittività fit-tul tan-negozji tal-Unjoni fis-suq globali; jissottolinja l-ħtieġa li jiġi żgurat li n-negozji u l-ħaddiema jkunu mgħammra tajjeb biex jieħdu vantaġġ mill-opportunitajiet li jirriżultaw mill-bidla għal soluzzjonijiet ġodda u innovattivi; jemmen li qafas vinkolanti biex jiġu indirizzati l-isfidi u l-opportunitajiet ta' tranżizzjoni ġusta fuq il-post tax-xogħol huwa essenzjali biex jiġu żgurati standards komuni minimi li jipprovdu ċarezza u struttura kemm għall-ħaddiema kif ukoll għall-impjegaturi fl-antiċipazzjoni u l-ġestjoni tal-bidla u, fl-aħħar mill-aħħar, itejbu r-reżiljenza, il-kompetittività u l-konverġenza soċjali 'l fuq tal-Unjoni; jisħaq li r-reġjuni jistgħu jappoġġjaw it-tranżizzjoni ġusta billi jikkombinaw il-protezzjoni soċjali, id-diversifikazzjoni ekonomika, u l-koordinazzjoni territorjali biex jitnaqqsu l-impatti negattivi u jiġi promoss żvilupp aktar inklużiv;

aktar sostenibbli se jkollha rwol ewlieni fil-kompetittività fit-tul tan-negozji tal-Unjoni fis-suq globali; jissottolinja l-ħtieġa li jiġi żgurat li n-negozji u l-ħaddiema jkunu mgħammra tajjeb biex jieħdu vantaġġ mill-opportunitajiet li jirriżultaw mill-bidla għal soluzzjonijiet ġodda u innovattivi; jemmen li qafas vinkolanti biex jiġu indirizzati l-isfidi u l-opportunitajiet ta' tranżizzjoni ġusta fuq il-post tax-xogħol huwa essenzjali biex jiġu żgurati standards komuni minimi li jipprovdu ċarezza u struttura kemm għall-ħaddiema kif ukoll għall-impjegaturi fl-antiċipazzjoni u l-ġestjoni tal-bidla u, fl-aħħar mill-aħħar, itejbu r-reżiljenza, il-kompetittività u l-konverġenza soċjali 'l fuq tal-Unjoni***, bil-prijorità jkunu l-ħolqien ta' impjiegi stabbli u ta' kwalità bi ftehim kollettivi, it-tisħiħ tal-paga minima u l-ugwaljanza fil-pagi bejn il-ġeneri***; jisħaq li r-reġjuni jistgħu jappoġġjaw it-tranżizzjoni ġusta billi jikkombinaw il-protezzjoni soċjali, id-diversifikazzjoni ekonomika, u l-koordinazzjoni territorjali biex jitnaqqsu l-impatti negattivi u jiġi promoss żvilupp aktar inklużiv;

Or. el

Emenda 83
Rudi Kennes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jenfasizza li t-tranżizzjoni b'suċċess lejn sorsi u industriji tal-enerġija aktar sostenibbli se jkollha rwol ewlieni fil-kompetittività fit-tul tan-negozji tal-Unjoni fis-suq globali; jissottolinja l-ħtieġa li jiġi żgurat li n-negozji u l-ħaddiema jkunu mgħammra tajjeb biex jieħdu vantaġġ mill-opportunitajiet li jirriżultaw mill-bidla għal soluzzjonijiet ġodda u innovattivi; jemmen li qafas vinkolanti biex jiġu indirizzati l-	1. Jenfasizza li t-tranżizzjoni b'suċċess lejn sorsi u industriji tal-enerġija aktar sostenibbli se jkollha rwol ewlieni fil-kompetittività fit-tul tan-negozji tal-Unjoni fis-suq globali; jissottolinja l-ħtieġa li jiġi żgurat li n-negozji u l-ħaddiema jkunu mgħammra tajjeb biex jieħdu vantaġġ mill-opportunitajiet li jirriżultaw mill-bidla għal soluzzjonijiet ġodda u innovattivi; jemmen li qafas ***legalment*** vinkolanti biex jiġu

isfidi u l-opportunitajiet ta' tranżizzjoni ġusta fuq il-post tax-xogħol huwa essenzjali biex jiġu żgurati standards komuni minimi li jipprovdu ċarezza u struttura kemm għall-ħaddiema kif ukoll għall-impjegaturi fl-antiċipazzjoni u l-ġestjoni tal-bidla u, fl-aħħar mill-aħħar, itejbu r-reżiljenza, il-kompetittività u l-konverġenza soċjali 'l fuq tal-Unjoni; jisħaq li r-reġjuni jistgħu jappoġġjaw it-tranżizzjoni ġusta billi jikkombinaw il-protezzjoni soċjali, id-diversifikazzjoni ekonomika, u l-koordinazzjoni territorjali biex jitnaqqsu l-impatti negattivi u jiġi promoss żvilupp aktar inklużiv;	indirizzati l-isfidi u l-opportunitajiet ta' tranżizzjoni ġusta fuq il-post tax-xogħol huwa essenzjali biex jiġu żgurati standards komuni minimi li jipprovdu ċarezza u struttura kemm għall-ħaddiema kif ukoll għall-impjegaturi fl-antiċipazzjoni u l-ġestjoni tal-bidla u, fl-aħħar mill-aħħar, itejbu r-reżiljenza, il-kompetittività u l-konverġenza soċjali 'l fuq tal-Unjoni; jisħaq li r-reġjuni jistgħu jappoġġjaw it-tranżizzjoni ġusta billi jikkombinaw il-protezzjoni soċjali, id-diversifikazzjoni ekonomika, u l-koordinazzjoni territorjali biex jitnaqqsu l-impatti negattivi u jiġi promoss żvilupp aktar inklużiv;
	Or. en

Emenda 84
Rudi Kennes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Jinnota b'dispjaċir li, f'dawn l-aħħar deċennji, it-trasformazzjonijiet marbuta mat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali ntużaw minn ħafna negozji bħala skuża biex japplikaw u jirċievu ammonti sinifikanti ta' finanzjament pubbliku filwaqt li jagħtu sensji tal-massa, b'mod partikolari fis-settur awtomobilistiku u tal-enerġija; jistieden lill-Kummissjoni toħloq qafas legali biex tipprevjeni li dan jerġa' jseħħ u titlob li, meta n-negozji jsiru konxji ta' kriżijiet potenzjali, dawn għandhom ikunu meħtieġa jipprovdu twissijiet bikrija u jinvolvu ruħhom minnufih mat-trade unions u mar-rappreżentanti tal-ħaddiema u tal-komunitajiet milquta biex jiddiskutu u jindirizzaw is-sitwazzjoni; iqis li s-sensji għandhom ikunu l-aħħar alternattiva biss meta negozju jkun jista' jagħti prova li jkun ipprova jantiċipa u jimmaniġġja l-

bidla in bona fide.

Or. en

Emenda 85
Pál Szekeres, Séverine Werbrouck, Nikola Bartůšek, Mélanie Disdier, Marie Dauchy

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Jemmen li l-iżvilupp ta' suċċess ibbażat fuq sorsi u industriji tal-enerġija aktar sostenibbli u indipendenti se jkollu rwol sinifikanti fil-kompetittività fit-tul tan-negozji tal-UE f'suq globali bbażat fuq enerġija ħafna aktar affordabbli, b'mod partikolari għas-servizzi xprunati mill-IA li qed jiżviluppaw u li qed jevolvu u huma bbażati fuq farms tas-servers intensivi fl-enerġija;

Or. en

Emenda 86
Petr Bystron

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jenfasizza li l-impatt tad-dekarbonizzazzjoni fuq l-impjiegi jmur lil hinn mit-tnaqqis fis-setturi tal-fjuwils fossili u se jkollu impatt usa' f'termini ta' ***definizzjoni mill-ġdid*** tal-impjiegi u ***tranżizzjoni*** ġenerali tas-suq tax-xogħol; ***jisħaq fuq il-ħtieġa li l-aġġornament li jmiss tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-Pjan direzzjonali l-ġdid għal Impjiegi ta' Kwalità jinkludi sett ta' miżuri leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi konkreti li jtejbu b'mod tanġibbli l-kundizzjonijiet tax-***	2. Jenfasizza li l-impatt tad-dekarbonizzazzjoni fuq l-impjiegi jmur lil hinn mit-tnaqqis fis-setturi tal-fjuwils fossili u se jkollu impatt usa' f'termini ta' ***telf*** tal-impjiegi u ***tnaqqis*** ġenerali tas-suq tax-xogħol;

xogħol, is-saħħa u s-sikurezza, il-kopertura tan-negozjar kollettiv u t-taħriġ u l-ħiliet tal-ħaddiema u ta' dawk li jaħdmu għal rashom; jisħaq li tali miżuri jipprovdu wkoll opportunità biex jiġu appoġġjati l-impjegaturi tal-Unjoni, b'mod partikolari l-SMEs, biex iżommu u jtejbu l-kompetittività tagħhom billi jipprovdu qafas ċar għall-antiċipazzjoni u l-ġestjoni tal-bidla fi sħubija mal-ħaddiema u biex isir investiment fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET), it-titjib u t-tiġdid tal-ħiliet tal-ħaddiema biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet ta' ħiliet u ta' ħaddiema li jimpedixxu l-produttività u t-tkabbir;

Or. en

Emenda 87
Mélanie Disdier, Marie Dauchy, Nikola Bartůšek
f'isem il-Grupp PfE
Séverine Werbrouck

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jenfasizza li l-impatt tad-dekarbonizzazzjoni fuq l-impjiegi jmur lil hinn mit-tnaqqis fis-setturi tal-fjuwils fossili u se jkollu impatt usa' f'termini ta' ***definizzjoni mill-ġdid tal-impjiegi u tranżizzjoni*** ġenerali ***tas-suq*** tax-xogħol; jisħaq fuq il-ħtieġa li l-aġġornament li jmiss tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-Pjan direzzjonali l-ġdid għal Impjiegi ta' Kwalità ***jinkludi sett ta' miżuri leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi konkreti li jtejbu b'mod tanġibbli l-kundizzjonijiet tax-xogħol, is-saħħa u s-sikurezza, il-kopertura tan-negozjar kollettiv u t-taħriġ u l-ħiliet tal-ħaddiema u ta' dawk li jaħdmu għal rashom***; jisħaq li tali miżuri jipprovdu wkoll opportunità biex jiġu appoġġjati l-impjegaturi tal-Unjoni, b'mod	2. Jenfasizza li l-impatt tad-dekarbonizzazzjoni fuq l-impjiegi jmur lil hinn mit-tnaqqis fis-setturi tal-fjuwils fossili u se jkollu impatt usa' f'termini ta' ***tnaqqis fl-impjiegi u impatt negattiv*** ġenerali ***fuq is-suq*** tax-xogħol ***fl-Ewropa***; jisħaq fuq il-ħtieġa li l-aġġornament li jmiss tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-Pjan Direzzjonali l-ġdid għal Impjiegi ta' Kwalità***, sabiex jitnaqqsu l-limitazzjonijiet li huma ta' piż fuq l-impjieg fl-Unjoni***; jisħaq li tali miżuri jipprovdu wkoll opportunità biex jiġu appoġġjati l-impjegaturi tal-Unjoni, b'mod partikolari l-SMEs, biex iżommu u jtejbu l-kompetittività tagħhom***,*** billi ***jippromwovu d-deregolamentazzjoni***;

partikolari l-SMEs, biex iżommu u jtejbu l-kompetittività tagħhom billi ***jipprovdu qafas ċar għall-antiċipazzjoni u l-ġestjoni tal-bidla fi sħubija mal-ħaddiema u biex isir investiment fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET), it-titjib u t-tiġdid tal-ħiliet tal-ħaddiema biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet ta' ħiliet u ta' ħaddiema li jimpedixxu l-produttività u t-tkabbir***;

Or. fr

Emenda 88
Miriam Lexmann, Henrik Dahl, Andrea Wechsler, Arba Kokalari, Angelika Winzig, Raúl de la Hoz Quintano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jenfasizza li l-impatt tad-dekarbonizzazzjoni fuq l-impjiegi jmur lil hinn mit-tnaqqis fis-setturi tal-fjuwils fossili u se jkollu impatt usa' f'termini ta' definizzjoni mill-ġdid tal-impjiegi u tranżizzjoni ġenerali tas-suq tax-xogħol; jisħaq fuq il-ħtieġa li l-aġġornament li jmiss tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-Pjan direzzjonali l-ġdid għal Impjiegi ta' Kwalità jinkludi sett ta' miżuri ***leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi*** konkreti li jtejbu b'mod tanġibbli l-kundizzjonijiet tax-xogħol, is-saħħa u s-sikurezza, il-kopertura tan-negozjar kollettiv u t-taħriġ u l-ħiliet tal-ħaddiema u ta' dawk li jaħdmu għal rashom; jisħaq li tali miżuri jipprovdu wkoll opportunità biex jiġu appoġġjati l-impjegaturi tal-Unjoni, b'mod partikolari l-SMEs, biex iżommu u jtejbu l-kompetittività tagħhom billi jipprovdu qafas ċar għall-antiċipazzjoni u l-ġestjoni tal-bidla fi sħubija mal-ħaddiema u biex isir investiment fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET), it-titjib u t-tiġdid tal-ħiliet tal-ħaddiema biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet ta' ħiliet u ta' ħaddiema li	2. Jenfasizza li l-impatt tad-dekarbonizzazzjoni fuq l-impjiegi jmur lil hinn mit-tnaqqis fis-setturi tal-fjuwils fossili u se jkollu impatt usa' f'termini ta' definizzjoni mill-ġdid tal-impjiegi u tranżizzjoni ġenerali tas-suq tax-xogħol; jisħaq fuq il-ħtieġa li l-aġġornament li jmiss tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-Pjan direzzjonali l-ġdid għal Impjiegi ta' Kwalità jinkludi sett ta' miżuri konkreti li jtejbu b'mod tanġibbli l-kundizzjonijiet tax-xogħol, is-saħħa u s-sikurezza, il-kopertura tan-negozjar kollettiv u t-taħriġ u l-ħiliet tal-ħaddiema u ta' dawk li jaħdmu għal rashom; jisħaq li tali miżuri jipprovdu wkoll opportunità biex jiġu appoġġjati l-impjegaturi tal-Unjoni, b'mod partikolari l-SMEs, biex iżommu u jtejbu l-kompetittività tagħhom billi jipprovdu qafas ċar għall-antiċipazzjoni u l-ġestjoni tal-bidla fi sħubija mal-ħaddiema u biex isir investiment fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET), it-titjib u t-tiġdid tal-ħiliet tal-ħaddiema biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet ta' ħiliet u ta' ħaddiema li

jimpedixxu l-produttività u t-tkabbir;	jimpedixxu l-produttività u t-tkabbir;

Or. en

Emenda 89
Andrea Wechsler, Miriam Lexmann, Raúl de la Hoz Quintano, Angelika Winzig, Henrik Dahl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Ifakkar li l-SMEs huma l-ġeneraturi ewlenin ta' impjiegi lokali durabbli; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi ffaċilitat l-aċċess tal-SMEs għall-finanzjament tat-tranżizzjoni, inkluż billi jiġu permessi arranġamenti ta' raggruppament għall-aċċess għall-fondi u assistenza teknika biex jiggwidaw it-tfassil u l-konformità tal-proġetti; iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet reġjonali jistabbilixxu u jsaħħu programmi ta' appoġġ għan-negozji fir-reġjuni milquta biex jgħinu lill-istartups u lill-SMEs jikbru u jirnexxu; jenfasizza li l-inċentivi għall-investiment jistgħu jgħinu biex jattiraw ditti lejn reġjuni vulnerabbli;	7. Ifakkar li l-SMEs huma l-ġeneraturi ewlenin ta' impjiegi lokali durabbli***; jappella biex l-Istati Membri jagħtu prijorità lill-involviment tal-SMEs lokali u tal-artiġjanat fil-programmi ta' rinnovazzjoni, filwaqt li jiżguraw appoġġ għall-ekonomiji reġjonali u impjiegi fit-tul***; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi ffaċilitat l-aċċess tal-SMEs għall-finanzjament tat-tranżizzjoni, inkluż billi jiġu permessi arranġamenti ta' raggruppament għall-aċċess għall-fondi u assistenza teknika biex jiggwidaw it-tfassil u l-konformità tal-proġetti; iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet reġjonali jistabbilixxu u jsaħħu programmi ta' appoġġ għan-negozji fir-reġjuni milquta biex jgħinu lill-istartups u lill-SMEs jikbru u jirnexxu; jenfasizza li l-inċentivi għall-investiment jistgħu jgħinu biex jattiraw ditti lejn reġjuni vulnerabbli;

Or. en

Emenda 172
Georgiana Teodorescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Ifakkar li l-SMEs huma l-ġeneraturi ewlenin ta' impjiegi lokali durabbli; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi ffaċilitat l-aċċess tal-SMEs għall-finanzjament tat-tranżizzjoni, inkluż billi jiġu permessi arranġamenti ta' raggruppament għall-aċċess għall-fondi u assistenza teknika biex jiggwidaw it-tfassil u l-konformità tal-proġetti; iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet reġjonali	7. Ifakkar li l-SMEs huma l-ġeneraturi ewlenin ta' impjiegi lokali durabbli; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi ffaċilitat l-aċċess tal-SMEs għall-finanzjament tat-tranżizzjoni, inkluż billi jiġu permessi arranġamenti ta' raggruppament għall-aċċess għall-fondi u assistenza teknika biex jiggwidaw it-tfassil u l-konformità tal-proġetti***, flimkien ma' eżenzjonijiet minn obbligi ta' rapportar***

jistabbilixxu u jsaħħu programmi ta' appoġġ għan-negozji fir-reġjuni milquta biex jgħinu lill-istartups u lill-SMEs jikbru u jirnexxu; jenfasizza li l-inċentivi għall-investiment jistgħu jgħinu biex jattiraw ditti lejn reġjuni vulnerabbli;	***kumplessi jew kostintensivi, permezz ta' formati ta' rapportar simplifikati (rapportar ta' raggruppamenti ta' diversi SMEs)***; iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet reġjonali jistabbilixxu u jsaħħu programmi ta' appoġġ għan-negozji fir-reġjuni milquta biex jgħinu lill-istartups u lill-SMEs jikbru u jirnexxu; jenfasizza li l-inċentivi għall-investiment jistgħu jgħinu biex jattiraw ditti lejn reġjuni vulnerabbli;

Or. en

Emenda 173
Georgiana Teodorescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tieħu sensiela ta' miżuri, li kważi ma għandhom l-ebda implikazzjoni finanzjarja, sabiex l-SMEs jiġu mgħammra aħjar bis-sett ta' għodod xieraq fis-swieq interni u internazzjonali u tingħata spinta lill-kompetittività tagħhom, bħal, fost l-oħrajn, proċeduri doganali simplifikati u miżuri ta' faċilitazzjoni tal-importazzjoni mfassla għall-ħtiġijiet tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u eżenzjonijiet minn miżuri ta' difiża kummerċjali għal importazzjonijiet ta' volum baxx;

Or. en

Emenda 174
Klára Dobrev, Vilija Blinkevičiūtė, Marc Angel, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Evelyn Regner, Romana Jerković, Marit Maij

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jenfasizza li l-ekonomija soċjali, b'mod partikolari l-intrapriżi soċjali għall-integrazzjoni fix-xogħol, għandha rwol kruċjali biex tiżgura tranżizzjonijiet inklużivi u ġusti; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' appoġġ fl-aċċess għall-finanzjament, il-bini tal-kapaċità u l-assistenza teknika;

Or. en

Emenda 175
Gheorghe Falcă, Romana Tomc, Andrzej Buła, Miriam Lexmann, Liesbet Sommen, Pascal Arimont, Giusi Princi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jisħaq fuq il-ħtieġa li l-kumpaniji, b'mod partikolari l-SMEs, jiġu megħjuna jindirizzaw in-nuqqas ta' ħiliet fl-Unjoni u jippromwovu t-tiġdid u t-titjib tal-ħiliet, billi jgħinu lin-nies jiksbu l-ħiliet it-tajbin għal impjiegi ta' kwalità;

Or. en

Emenda 176
András Tivadar Kulja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jemmen li l-investiment fl-ekonomija tal-kura (il-kura tal-anzjani, l-indukrar tat-tfal, il-kura fid-dar) jista' jipprovdi impjieg lokali sostenibbli;

Or. en

Emenda 177
Klára Dobrev, Vilija Blinkevičiūtė, Marc Angel, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Evelyn Regner, Romana Jerković, Marit Maij

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7b. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jintroduċu kundizzjonalitajiet ambjentali u soċjali, żviluppati flimkien mas-sħab soċjali, meta jingħataw fondi pubbliċi lil kumpaniji privati, inkluż permezz ta' garanziji legalment vinkolanti biex jinżammu l-impjiegi fl-Ewropa, filwaqt li jiġi żgurat li l-investimenti pubbliċi jiġġeneraw redditi kondiviżi u sostenibbli u li l-kumpaniji benefiċjarji jinvolvu ruħhom fid-djalogu soċjali, jipprovdu apprendistati u traineeships ta' kwalità għolja, joffru taħriġ għall-ħaddiema u joħolqu impjiegi ta' kwalità għolja; jitlob, barra minn hekk, li l-korporazzjonijiet li ma jirrispettawx tali kundizzjonijiet jew li jagħżlu li jirrilokaw barra mill-Ewropa jridu jkunu meħtieġa jħallsu lura kwalunkwe fond pubbliku li jkunu rċevew;

Or. en

Emenda 178
Georgiana Teodorescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7b. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tiżgura li baġit iddedikat esklussivament għall-SMEs jiġi delimitat taħt il-finanzjament futur għal tranżizzjoni ġusta; jistieden ukoll lill-Kummissjoni Ewropea żżomm rekord tal-parteċipazzjoni tal-SMEs fi programmi ta'

tranżizzjoni ġusta;

Or. en

Emenda 179
András Tivadar Kulja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7b. Jissottolinja li l-impjiegi relatati mal-kura, spiss miżmuma min-nisa, iridu jiġu rikonoxxuti bħala impjiegi ta' kwalità b'pagi deċenti, protezzjoni soċjali u perkorsi tal-karriera;

Or. en

Emenda 180
Klára Dobrev, Vilija Blinkevičiūtė, Marc Angel, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Evelyn Regner, Romana Jerković, Marit Maij

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7c. Jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat li l-fondi Ewropej u nazzjonali jintużaw biex tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima, anki billi jiġu promossi d-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv; iqis, barra minn hekk, li l-ebda appoġġ finanzjarju tal-UE ma għandu jingħata lill-impriżi li ma jikkonformawx mal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-impjiegi applikabbli u/jew mal-obbligi tal-impjegaturi li jirriżultaw mil-liġi tax-xogħol tal-Unjoni jew dik nazzjonali jew mill-ftehimiet kollettivi rilevanti; jitlob li l-finanzjament tal-UE u l-għajnuna mill-Istat tal-Istati Membri jiġu allinjati mal-politika industrijali Ewropea, sabiex jiġu offruti impjiegi ta'

kwalità għolja, jiġi promoss in-negozjar kollettiv, jiġu rispettati d-drittijiet u l-istandards tax-xogħol tal-UE, tittejjeb il-kompetittività tan-negozji Ewropej u jiġu żgurati kundizzjonijiet tax-xogħol imtejba;

Or. en

Emenda 181
Georgiana Teodorescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7c. Ifakkar li minkejja l-ambizzjonijiet trasformattivi tiegħu, il-JTF iltaqa' ma' sfidi sinifikanti fil-kisba tal-objettivi tiegħu, b'mod partikolari biex jiġu żgurati eżiti ekwi u jingħata aċċess għall-fond għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju[1a];
	[1a] Just Transition in the World of Work (Tranżizzjoni Ġusta fid-Dinja tax-Xogħol), EPRS, Settembru 2025 https://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/BRIE/2025/774668/EPRS_BRI(2025)774668_EN.pdf

Or. en

Emenda 182
András Tivadar Kulja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7c. Jitlob għal aċċess simplifikat għall-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta għall-SMEs billi tiġi pprovduta assistenza teknika u jitnaqqsu l-pożijiet

amministrattivi;

Or. en

Emenda 183
Andrea Wechsler, Miriam Lexmann, Raúl de la Hoz Quintano, Angelika Winzig, Henrik Dahl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jinnota n-nuqqas ta' data preċiża dwar l-għadd ta' impjiegi mitlufa, maħluqa jew milquta mit-tranżizzjonijiet doppji; jissottolinja l-importanza li jitbassru l-bidliet fis-suq tax-xogħol u x-xejriet fil-ħtiġijiet tal-ħiliet għal risponsi ta' politika effettivi; jitlob li jiġi stabbilit Osservatorju għal Tranżizzjoni Ġusta tal-UE komplut biex jiġbor data rilevanti u janalizza l-impatt tal-politiki ta' tranżizzjoni;	***imħassar***

Or. en

Emenda 184
Gheorghe Falcă, Romana Tomc, Andrzej Buła, Miriam Lexmann, Liesbet Sommen, Pascal Arimont, Giusi Princi, Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jinnota n-nuqqas ta' data preċiża dwar l-għadd ta' impjiegi mitlufa, maħluqa jew milquta mit-tranżizzjonijiet doppji; jissottolinja l-importanza li jitbassru l-bidliet fis-suq tax-xogħol u x-xejriet fil-ħtiġijiet tal-ħiliet għal risponsi ta' politika effettivi; ***jitlob li jiġi stabbilit Osservatorju għal Tranżizzjoni Ġusta tal-UE komplut biex jiġbor data rilevanti u janalizza l-impatt tal-politiki ta' tranżizzjoni;***	8. Jinnota n-nuqqas ta' data preċiża dwar l-għadd ta' impjiegi mitlufa, maħluqa jew milquta mit-tranżizzjonijiet doppji; jissottolinja l-importanza li jitbassru l-bidliet fis-suq tax-xogħol u x-xejriet fil-ħtiġijiet tal-ħiliet għal risponsi ta' politika effettivi;

Or. en

Emenda 185
Mélanie Disdier, Marie Dauchy, Nikola Bartůšek, Pál Szekeres
f'isem il-Grupp PfE
Séverine Werbrouck

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jinnota n-nuqqas ta' data preċiża dwar l-għadd ta' impjiegi mitlufa, maħluqa jew milquta mit-tranżizzjonijiet doppji; jissottolinja l-importanza li jitbassru l-bidliet fis-suq tax-xogħol u x-xejriet fil-ħtiġijiet tal-ħiliet għal risponsi ta' politika effettivi; jitlob li ***jiġi stabbilit Osservatorju għal Tranżizzjoni Ġusta tal-UE komplut biex jiġbor data rilevanti u janalizza l-impatt tal-politiki ta' tranżizzjoni***;	8. Jinnota n-nuqqas ta' data preċiża dwar l-għadd ta' impjiegi mitlufa, maħluqa jew milquta mit-tranżizzjonijiet doppji; jissottolinja l-importanza li jitbassru l-bidliet fis-suq tax-xogħol u x-xejriet fil-ħtiġijiet tal-ħiliet għal risponsi ta' politika effettivi; jitlob li ***din id-data strateġika tiġi prodotta minn istituzzjoni jew korp tal-UE diġà eżistenti fil-livell ta' finanzjament attwali, mingħajr ebda żieda fil-kostijiet jew fil-baġit allokat għal dak l-għan***;

Or. fr

Emenda 186
Georgiana Teodorescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jinnota n-nuqqas ta' data preċiża dwar l-għadd ta' impjiegi mitlufa, maħluqa jew milquta mit-tranżizzjonijiet doppji; jissottolinja l-importanza li jitbassru l-bidliet fis-suq tax-xogħol u x-xejriet fil-ħtiġijiet tal-ħiliet għal risponsi ta' politika effettivi; jitlob li ***jiġi stabbilit Osservatorju għal Tranżizzjoni Ġusta tal-UE komplut biex jiġbor*** data rilevanti u ***janalizza*** l-impatt tal-politiki ta' tranżizzjoni;	8. Jinnota n-nuqqas ta' data preċiża dwar l-għadd ta' impjiegi mitlufa, maħluqa jew milquta mit-tranżizzjonijiet doppji; jissottolinja l-importanza li jitbassru l-bidliet fis-suq tax-xogħol u x-xejriet fil-ħtiġijiet tal-ħiliet għal risponsi ta' politika effettivi; jitlob li ***l-aġenziji u l-korpi diġà stabbiliti jiġbru*** data rilevanti u ***janalizzaw*** l-impatt tal-politiki ta' tranżizzjoni;

Or. en

Emenda 187
Klára Dobrev, Vilija Blinkevičiūtė, Marc Angel, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Evelyn Regner, Romana Jerković, Marit Maij

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jinnota n-nuqqas ta' data preċiża dwar l-għadd ta' impjiegi mitlufa, maħluqa jew milquta mit-tranżizzjonijiet doppji; jissottolinja l-importanza li jitbassru l-bidliet fis-suq tax-xogħol u x-xejriet fil-ħtiġijiet tal-ħiliet għal risponsi ta' politika effettivi; jitlob li jiġi stabbilit Osservatorju għal Tranżizzjoni Ġusta tal-UE komplut biex jiġbor data rilevanti u janalizza l-impatt tal-politiki ta' tranżizzjoni;	8. Jinnota n-nuqqas ta' data preċiża dwar l-għadd ta' impjiegi mitlufa, maħluqa jew milquta mit-tranżizzjonijiet doppji; jissottolinja l-importanza li jitbassru l-bidliet fis-suq tax-xogħol u x-xejriet fil-ħtiġijiet tal-ħiliet għal risponsi ta' politika effettivi; jitlob li jiġi stabbilit Osservatorju għal Tranżizzjoni Ġusta tal-UE komplut***, ibbażat fuq governanza trasparenti u inklużiva, inklużi rappreżentanti tas-sħab soċjali Ewropej, is-soċjetà ċivili u l-partijiet ikkonċernati ambjentali,*** biex jiġbor data rilevanti u ***diżaggregata,*** janalizza l-impatt tal-politiki ta' tranżizzjoni ***u jipprovdi rapportar dettaljat u regolari***; ***jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu identifikati, skambjati u promossi l-aħjar prattiki;***

Or. en

Emenda 188
Sara Matthieu
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jinnota n-nuqqas ta' data preċiża dwar l-għadd ta' impjiegi mitlufa, maħluqa jew milquta mit-tranżizzjonijiet doppji; jissottolinja l-importanza li jitbassru l-bidliet fis-suq tax-xogħol u x-xejriet fil-ħtiġijiet tal-ħiliet għal risponsi ta' politika effettivi; jitlob li jiġi stabbilit Osservatorju	8. Jinnota n-nuqqas ta' data preċiża dwar l-għadd ta' impjiegi mitlufa, maħluqa jew milquta mit-tranżizzjonijiet doppji; jissottolinja l-importanza li jitbassru l-bidliet fis-suq tax-xogħol u x-xejriet fil-ħtiġijiet tal-ħiliet għal risponsi ta' politika effettivi; jitlob li jiġi stabbilit Osservatorju

għal Tranżizzjoni Ġusta tal-UE komplut biex jiġbor data rilevanti u janalizza l-impatt tal-politiki ta' tranżizzjoni;

għal Tranżizzjoni Ġusta tal-UE komplut biex jiġbor data rilevanti u janalizza l-impatt tal-politiki ta' tranżizzjoni; ***jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimmappjaw bir-reqqa u sistematikament id-diskrepanza attwali fil-ħiliet fil-livell reġjonali kif ukoll jipprevedu d-domanda futura għall-ħiliet; jissottolinja li tali mmappjar għandu jinkludi analiżi tal-impatt u jwassal għal miżuri settorjali u territorjali għall-benefiċċju tal-potenzjal tat-tranżizzjoni ekoloġika fir-reġjuni kollha.***

Or. en

Emenda 189
András Tivadar Kulja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jinnota n-nuqqas ta' data preċiża dwar l-għadd ta' impjiegi mitlufa, maħluqa jew milquta mit-tranżizzjonijiet doppji; jissottolinja l-importanza li jitbassru l-bidliet fis-suq tax-xogħol u x-xejriet fil-ħtiġijiet tal-ħiliet għal risponsi ta' politika effettivi; jitlob li jiġi stabbilit Osservatorju għal Tranżizzjoni Ġusta tal-UE komplut biex jiġbor data rilevanti u janalizza l-impatt tal-politiki ta' tranżizzjoni;	8***. Jisħaq li l-indikaturi tal-faqar enerġetiku għandhom jiġu integrati b'mod sistematiku fi strutturi ta' monitoraġġ ta' tranżizzjoni ġusta biex jiġi żgurat li l-miżuri ta' finanzjament u ta' ħolqien tal-impjiegi jkunu mmirati l-ewwel lejn l-unitajiet domestiċi vulnerabbli***. Jinnota n-nuqqas ta' data preċiża dwar l-għadd ta' impjiegi mitlufa, maħluqa jew milquta mit-tranżizzjonijiet doppji; jissottolinja l-importanza li jitbassru l-bidliet fis-suq tax-xogħol u x-xejriet fil-ħtiġijiet tal-ħiliet għal risponsi ta' politika effettivi; jitlob li jiġi stabbilit Osservatorju għal Tranżizzjoni Ġusta tal-UE komplut biex jiġbor data rilevanti u janalizza l-impatt tal-politiki ta' tranżizzjoni;

Or. en

Emenda 190

András Tivadar Kulja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jinnota n-nuqqas ta' data preċiża dwar l-għadd ta' impjiegi mitlufa, maħluqa jew milquta mit-tranżizzjonijiet doppji; jissottolinja l-importanza li jitbassru l-bidliet fis-suq tax-xogħol u x-xejriet fil-ħtiġijiet tal-ħiliet għal risponsi ta' politika effettivi; jitlob li jiġi stabbilit Osservatorju għal Tranżizzjoni Ġusta tal-UE komplut biex jiġbor data rilevanti u janalizza l-impatt tal-politiki ta' tranżizzjoni;	8. Jinnota n-nuqqas ta' data preċiża dwar l-għadd ta' impjiegi mitlufa, maħluqa jew milquta mit-tranżizzjonijiet doppji; jissottolinja l-importanza li jitbassru l-bidliet fis-suq tax-xogħol u x-xejriet fil-ħtiġijiet tal-ħiliet għal risponsi ta' politika effettivi; jitlob li jiġi stabbilit Osservatorju għal Tranżizzjoni Ġusta tal-UE komplut biex jiġbor data rilevanti u janalizza l-impatt tal-politiki ta' tranżizzjoni; ***jitlob li l-Osservatorju għal Tranżizzjoni Ġusta tal-UE jimmonitorja wkoll l-akkomodazzjoni, is-saħħa mentali u l-benesseri soċjali, flimkien mal-iżviluppi fis-suq tax-xogħol.***

Or. en

Emenda 191
Rudi Kennes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jinnota n-nuqqas ta' data preċiża dwar l-għadd ta' impjiegi mitlufa, maħluqa jew milquta mit-tranżizzjonijiet doppji; jissottolinja l-importanza li jitbassru l-bidliet fis-suq tax-xogħol u x-xejriet fil-ħtiġijiet tal-ħiliet għal risponsi ta' politika effettivi; jitlob li jiġi stabbilit Osservatorju għal Tranżizzjoni Ġusta tal-UE komplut biex jiġbor data rilevanti u janalizza l-impatt tal-politiki ta' tranżizzjoni;	8. Jinnota n-nuqqas ta' data preċiża dwar l-għadd ta' impjiegi mitlufa, maħluqa jew milquta mit-tranżizzjonijiet doppji; jissottolinja l-importanza li jitbassru l-bidliet fis-suq tax-xogħol u x-xejriet fil-ħtiġijiet tal-ħiliet għal risponsi ta' politika effettivi ***u f'waqthom***; jitlob li jiġi stabbilit Osservatorju għal Tranżizzjoni Ġusta tal-UE komplut biex jiġbor data rilevanti u janalizza l-impatt tal-politiki ta' tranżizzjoni; ***jistieden lill-Kummissjoni tiċċara liema aġenzija tal-UE se timmonitorja d-data speċifika rigward it-tranżizzjoni diġitali;***

Or. en

Emenda 192
Branislav Ondruš

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8a. Ifakkar fil-potenzjal partikolari tal-ekonomija soċjali, il-kooperattivi, is-soċjetajiet ta' benefiċċju reċiproku, l-assoċjazzjonijiet, il-kumpaniji pubbliċi u/jew semipubbliċi, għall-ħolqien ta' impjiegi sostenibbli f'ambjent tax-xogħol ġust u inklużiv, filwaqt li jaderixxu mal-prinċipji tal-produzzjoni ekoloġika u l-iżvilupp lokali/reġjonali sostenibbli; jisħaq fuq il-potenzjal tal-innovazzjonijiet soċjali ekonomiċi għal aktar żvilupp tal-ekonomija lokali u reġjonali, li joffru opportunitajiet ta' mitigazzjoni għal tranżizzjoni soċjalment ġusta u ambjentalment produttiva;

Or. en

Emenda 193
András Tivadar Kulja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8a. Iħeġġeġ skemi ta' rinnovazzjoni fil-livell tal-komunità li jkopru l-viċinati jew l-irħula, inaqqsu l-ispejjeż, isaħħu l-koeżjoni u jaċċelleraw it-tranżizzjoni.

Or. en

Emenda 194

Mélanie Disdier, Marie Dauchy, Nikola Bartůšek
f'isem il-Grupp PfE
Séverine Werbrouck

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jitlob li d-direttiva proposta tkun akkumpanjata minn Fond għal Tranżizzjoni Ġusta mġedded għall-perjodu ta' programmazzjoni ta' wara l-2027, filwaqt li jiġi żgurat li jopera taħt prinċipji ta' ġestjoni kondiviża u ta' sħubija b'baġit akbar; jisħaq li l-Fond il-ġdid għandu jappoġġja lill-impjegaturi fl-għoti tad-dritt tal-ħaddiema għat-taħriġ kif ukoll l-introduzzjoni ta' pjanijiet ta' tranżizzjoni fil-livell tal-intrapriżi; iħeġġeġ li l-finanzjament tat-tranżizzjoni jinkludi kundizzjonalitajiet soċjali biex tiġi appoġġjata l-inklużjoni;	***imħassar***

Or. fr

Emenda 195
Rudi Kennes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jitlob li d-direttiva proposta tkun akkumpanjata minn Fond għal Tranżizzjoni Ġusta mġedded għall-perjodu ta' programmazzjoni ta' wara l-2027, filwaqt li jiġi żgurat li jopera taħt prinċipji ta' ġestjoni kondiviża u ta' sħubija b'baġit akbar; jisħaq li l-Fond il-ġdid għandu jappoġġja lill-impjegaturi fl-għoti tad-dritt tal-ħaddiema għat-taħriġ kif ukoll l-introduzzjoni ta' pjanijiet ta' tranżizzjoni fil-livell tal-intrapriżi; iħeġġeġ li l-finanzjament tat-tranżizzjoni jinkludi kundizzjonalitajiet soċjali biex tiġi appoġġjata l-inklużjoni;	***imħassar***

Or. en

Emenda 196
Miriam Lexmann, Henrik Dahl, Andrea Wechsler, Arba Kokalari, Angelika Winzig, Raúl de la Hoz Quintano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jitlob li d-direttiva proposta tkun akkumpanjata minn Fond għal Tranżizzjoni Ġusta mġedded għall-perjodu ta' programmazzjoni ta' wara l-2027, filwaqt li jiġi żgurat li jopera taħt prinċipji ta' ġestjoni kondiviża u ta' sħubija b'baġit akbar; jisħaq li l-Fond il-ġdid għandu jappoġġja lill-impjegaturi fl-għoti tad-dritt tal-ħaddiema għat-taħriġ kif ukoll l-introduzzjoni ta' pjanijiet ta' tranżizzjoni fil-livell tal-intrapriżi; iħeġġeġ li l-finanzjament tat-tranżizzjoni jinkludi kundizzjonalitajiet soċjali biex tiġi appoġġjata l-inklużjoni;	***imħassar***

Or. en

Emenda 197
Georgiana Teodorescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. ***Jitlob li d-direttiva proposta tkun akkumpanjata minn*** Fond għal Tranżizzjoni Ġusta mġedded għall-perjodu ta' programmazzjoni ta' wara l-2027, ***filwaqt li jiġi żgurat li jopera taħt prinċipji ta' ġestjoni kondiviża u ta' sħubija b'baġit akbar***; jisħaq li l-Fond il-ġdid għandu jappoġġja lill-impjegaturi fl-għoti tad-dritt tal-ħaddiema għat-taħriġ kif ukoll l-introduzzjoni ta' pjanijiet ta' tranżizzjoni	9. ***Jappella għal*** Fond għal Tranżizzjoni Ġusta mġedded għall-perjodu ta' programmazzjoni ta' wara l-2027, ***li jiżgura li l-fondi jintużaw b'mod effiċjenti u jkollhom fil-mira proġetti b'benefiċċji ekonomiċi ċari***; jisħaq li l-Fond il-ġdid għandu jappoġġja lill-impjegaturi fl-għoti tad-dritt tal-ħaddiema għat-taħriġ kif ukoll l-introduzzjoni ta' pjanijiet ta' tranżizzjoni fil-livell tal-intrapriżi;

fil-livell tal-intrapriżi; ***iħeġġeġ li l-finanzjament tat-tranżizzjoni jinkludi kundizzjonalitajiet soċjali biex tiġi appoġġjata l-inklużjoni;***

Or. en

Emenda 198
Petr Bystron

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jitlob li d-direttiva proposta tkun akkumpanjata minn Fond għal Tranżizzjoni Ġusta mġedded għall-perjodu ta' programmazzjoni ta' wara l-2027, filwaqt li jiġi żgurat li jopera taħt prinċipji ta' ġestjoni kondiviża u ta' sħubija ***b'baġit akbar***; jisħaq li l-Fond il-ġdid għandu jappoġġja lill-impjegaturi fl-għoti tad-dritt tal-ħaddiema għat-taħriġ kif ukoll l-introduzzjoni ta' pjanijiet ta' tranżizzjoni fil-livell tal-intrapriżi; iħeġġeġ li l-finanzjament tat-tranżizzjoni jinkludi kundizzjonalitajiet soċjali biex tiġi appoġġjata l-inklużjoni;	9. Jitlob li d-direttiva proposta tkun akkumpanjata minn Fond għal Tranżizzjoni Ġusta mġedded għall-perjodu ta' programmazzjoni ta' wara l-2027, filwaqt li jiġi żgurat li jopera taħt prinċipji ta' ġestjoni kondiviża u ta' sħubija; jisħaq li l-Fond il-ġdid għandu jappoġġja lill-impjegaturi fl-għoti tad-dritt tal-ħaddiema għat-taħriġ kif ukoll l-introduzzjoni ta' pjanijiet ta' tranżizzjoni fil-livell tal-intrapriżi; iħeġġeġ li l-finanzjament tat-tranżizzjoni jinkludi kundizzjonalitajiet soċjali biex tiġi appoġġjata l-inklużjoni;

Or. en

Emenda 199
Sara Matthieu
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jitlob li d-direttiva proposta tkun akkumpanjata minn Fond għal Tranżizzjoni Ġusta ***mġedded*** għall-perjodu ta' programmazzjoni ta' wara l-2027, filwaqt li jiġi żgurat li jopera taħt prinċipji	9. ***Jinsab imħasseb dwar il-fatt li l-Kummissjoni ma pproponietx Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF) awtonomu fil-proposti reċenti tagħha dwar il-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) futur;***

ta’ ġestjoni kondiviża u ta’ sħubija b’baġit akbar; jisħaq li ***l-Fond*** il-ġdid għandu ***jappoġġja*** lill-impjegaturi ***fl-għoti tad-dritt*** tal-ħaddiema għat-taħriġ kif ukoll l-introduzzjoni ta’ pjanijiet ta’ tranżizzjoni fil-livell tal-intrapriżi; iħeġġeġ li l-finanzjament tat-tranżizzjoni jinkludi kundizzjonalitajiet soċjali biex tiġi appoġġjata l-inklużjoni;

Jitlob ***għalhekk*** li d-direttiva proposta tkun akkumpanjata minn Fond għal Tranżizzjoni Ġusta ***estiż u mkabbar*** għall-perjodu ta’ programmazzjoni ta’ wara l-2027, filwaqt li jiġi żgurat li jopera taħt prinċipji ta’ ġestjoni kondiviża u ta’ sħubija***, fil-qafas tal-politika ta’ koeżjoni u*** b’baġit akbar; jisħaq li ***dan il-Fond*** il-ġdid għandu ***jipprovdi appoġġ lill-komunitajiet biex jgħaddu minn tranżizzjoni, u jippermetti kapaċità ta’ intervent proporzjonata mal-iskala tal-impatti soċjoekonomiċi, tal-impjiegi, demografiċi u ambjentali tat-tranżizzjoni lejn il-miri tal-enerġija tal-UE għall-2030, kif ukoll*** lill-impjegaturi ***biex jipprovdu d-dritt*** tal-ħaddiema għat-taħriġ kif ukoll l-introduzzjoni ta’ pjanijiet ta’ tranżizzjoni fil-livell tal-intrapriżi; iħeġġeġ li l-finanzjament tat-tranżizzjoni jinkludi kundizzjonalitajiet soċjali biex tiġi appoġġjata l-inklużjoni; ***jisħaq li dan il-Fond għandu jkollu l-allokazzjoni baġitarja prevedibbli tiegħu stess, billi tiġi żgurata l-awtonomija tiegħu minn strumenti ta’ rispons għall-kriżijiet straordinarji, bħan-NextGenerationEU.***

Or. en

Emenda 200
Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jitlob li d-direttiva proposta tkun akkumpanjata minn Fond għal Tranżizzjoni Ġusta mġedded għall-perjodu ta’ programmazzjoni ta’ wara l-2027, filwaqt li jiġi żgurat li jopera taħt prinċipji ta’ ġestjoni kondiviża u ta’ sħubija b’baġit akbar; jisħaq li l-Fond il-ġdid għandu jappoġġja lill-impjegaturi fl-għoti tad-dritt tal-ħaddiema għat-taħriġ kif ukoll l-introduzzjoni ta’ pjanijiet ta’ tranżizzjoni	9. ***Jiddispjaċih li l-proposta għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2028-2034 ma tinkludix strument awtonomu biex tiġi indirizzata t-Tranżizzjoni Ġusta; jenfasizza li għadu meħtieġ finanzjament iddedikat biex jiġu appoġġjati r-reġjuni milquta ħalli jindirizzaw l-isfidi li jirriżultaw mit-Tranżizzjoni Ekoloġika;*** Jitlob***, f’dan ir-rigward,*** li d-direttiva proposta tkun akkumpanjata minn Fond

fil-livell tal-intrapriżi; iħeġġeġ li l-finanzjament tat-tranżizzjoni jinkludi kundizzjonalitajiet soċjali biex tiġi appoġġjata l-inklużjoni;	għal Tranżizzjoni Ġusta mġedded għall-perjodu ta' programmazzjoni ta' wara l-2027, filwaqt li jiġi żgurat li jopera taħt prinċipji ta' ġestjoni kondiviża u ta' sħubija b'baġit akbar; jisħaq li l-Fond il-ġdid għandu jappoġġja lill-impjegaturi fl-għoti tad-dritt tal-ħaddiema għat-taħriġ kif ukoll l-introduzzjoni ta' pjanijiet ta' tranżizzjoni fil-livell tal-intrapriżi; iħeġġeġ li l-finanzjament tat-tranżizzjoni jinkludi kundizzjonalitajiet soċjali biex tiġi appoġġjata l-inklużjoni;
	Or. en

Emenda 201
Gheorghe Falcă, Romana Tomc, Andrzej Buła, Liesbet Sommen, Pascal Arimont, Giusi Princi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jitlob li d-direttiva proposta tkun akkumpanjata minn Fond għal Tranżizzjoni Ġusta mġedded għall-perjodu ta' programmazzjoni ta' wara l-2027, filwaqt li jiġi żgurat li jopera taħt prinċipji ta' ġestjoni kondiviża u ta' sħubija b'baġit akbar; jisħaq li l-Fond il-ġdid għandu jappoġġja lill-impjegaturi fl-għoti tad-dritt tal-ħaddiema għat-taħriġ kif ukoll l-introduzzjoni ta' pjanijiet ta' tranżizzjoni fil-livell tal-intrapriżi; iħeġġeġ li l-finanzjament tat-tranżizzjoni jinkludi kundizzjonalitajiet soċjali biex tiġi appoġġjata l-inklużjoni;	9. Jitlob li d-direttiva proposta tkun akkumpanjata minn Fond għal Tranżizzjoni Ġusta mġedded għall-perjodu ta' programmazzjoni ta' wara l-2027, filwaqt li jiġi żgurat li jopera taħt prinċipji ta' ġestjoni kondiviża u ta' sħubija b'baġit akbar; jisħaq li l-Fond il-ġdid għandu jappoġġja lill-impjegaturi fl-għoti tad-dritt tal-ħaddiema għat-taħriġ kif ukoll l-introduzzjoni ta' pjanijiet ta' tranżizzjoni fil-livell tal-intrapriżi; iħeġġeġ li l-finanzjament tat-tranżizzjoni jinkludi kundizzjonalitajiet soċjali biex tiġi appoġġjata l-inklużjoni; ***jisħaq li t-taħriġ għandu jkun ta' kwalità għolja, allinjat mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol u jwassal għal kwalifika li tkun ivvalidata permezz ta' sistemi ta' ċertifikazzjoni trasparenti u ċari li jippermettu rikonoxximent reċiproku bejn l-Istati Membri;***
	Or. en

Emenda 202
Klára Dobrev, Vilija Blinkevičiūtė, Marc Angel, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Evelyn Regner, Romana Jerković, Marit Maij

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jitlob li d-direttiva proposta tkun akkumpanjata minn Fond għal Tranżizzjoni Ġusta mġedded għall-perjodu ta' programmazzjoni ta' wara l-2027, filwaqt li jiġi żgurat li jopera taħt prinċipji ta' ġestjoni kondiviża u ta' sħubija b'baġit akbar; jisħaq li l-Fond il-ġdid għandu jappoġġja lill-impjegaturi fl-għoti tad-dritt tal-ħaddiema għat-taħriġ kif ukoll l-introduzzjoni ta' pjanijiet ta' tranżizzjoni fil-livell tal-intrapriżi; iħeġġeġ li l-finanzjament tat-tranżizzjoni jinkludi kundizzjonalitajiet soċjali biex tiġi appoġġjata l-inklużjoni;	9. ***Jiddispjaċih li l-Kummissjoni ma pproponietx Fond għal Tranżizzjoni Ġusta awtonomu fil-proposta reċenti tagħha għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2028-2034;*** jitlob li d-direttiva proposta tkun akkumpanjata minn Fond għal Tranżizzjoni Ġusta mġedded għall-perjodu ta' programmazzjoni ta' wara l-2027, filwaqt li jiġi żgurat li jopera taħt prinċipji ta' ġestjoni kondiviża u ta' sħubija b'baġit akbar; jisħaq li l-Fond il-ġdid għandu jappoġġja lill-impjegaturi fl-għoti tad-dritt tal-ħaddiema għat-taħriġ kif ukoll l-introduzzjoni ta' pjanijiet ta' tranżizzjoni fil-livell tal-intrapriżi; iħeġġeġ li l-finanzjament tat-tranżizzjoni jinkludi kundizzjonalitajiet soċjali biex tiġi appoġġjata l-inklużjoni;

Or. en

Emenda 203
Maria Zacharia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jitlob li d-direttiva proposta tkun akkumpanjata minn Fond għal Tranżizzjoni Ġusta mġedded għall-perjodu ta' programmazzjoni ta' wara l-2027, filwaqt li jiġi żgurat li jopera taħt prinċipji ta' ġestjoni kondiviża u ta' sħubija b'baġit akbar; jisħaq li l-Fond il-ġdid għandu jappoġġja lill-impjegaturi fl-għoti tad-dritt tal-ħaddiema għat-taħriġ kif ukoll l-introduzzjoni ta' pjanijiet ta' tranżizzjoni	9. Jitlob li d-direttiva proposta tkun akkumpanjata minn Fond għal Tranżizzjoni Ġusta mġedded għall-perjodu ta' programmazzjoni ta' wara l-2027, filwaqt li jiġi żgurat li jopera taħt prinċipji ta' ġestjoni kondiviża u ta' sħubija b'baġit akbar; jisħaq li l-Fond il-ġdid għandu jappoġġja lill-impjegaturi fl-għoti tad-dritt tal-ħaddiema għat-taħriġ kif ukoll l-introduzzjoni ta' pjanijiet ta' tranżizzjoni

fil-livell tal-intrapriżi; iħeġġeġ li l-finanzjament tat-tranżizzjoni jinkludi kundizzjonalitajiet soċjali biex tiġi appoġġjata l-inklużjoni;	fil-livell tal-intrapriżi; iħeġġeġ li l-finanzjament tat-tranżizzjoni jinkludi kundizzjonalitajiet soċjali biex tiġi appoġġjata l-inklużjoni ***u dan soġġett għall-osservanza tal-ftehimiet kollettivi, tar-rispett tad-drittijiet tal-ħaddiema, tal-ugwaljanza tal-pagi bejn il-ġeneri u tan-nondiskriminazzjoni***;
	Or. el

Emenda 204
Rudi Kennes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Jiddispjaċih li l-Kummissjoni ma pproponietx Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF) awtonomu fil-proposti reċenti tagħha dwar il-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) futur; jappella għalhekk għall-kontinwazzjoni tal-JTF permezz ta' JTF "II", għall-perjodu ta' programmazzjoni ta' wara l-2027 biex jipprovdi appoġġ dirett lill-unitajiet domestiċi u lill-komunitajiet fi tranżizzjoni, u biex jippermetti kapaċità ta' intervent proporzjonata mal-iskala tal-impatti soċjoekonomiċi, demografiċi, ambjentali u fuq l-impjiegi tat-tranżizzjoni lejn il-miri tal-enerġija tal-UE għall-2030; jisħaq li dan il-fond għandu jopera skont il-prinċipji ta' ġestjoni kondiviża u ta' shubija, fil-qafas tal-politika ta' koeżjoni, u jisħaq li għandu jkollu l-allokazzjoni baġitarja prevedibbli tiegħu stess, li tiżgura l-awtonomija tiegħu minn strumenti straordinarji ta' rispons għall-kriżijiet bħan-NextGenerationEU; il-fond għandu jopera taħt il-prinċipji ta' ġestjoni kondiviża u ta' shubija, b'baġit miżjud;
	Or. en

Emenda 205
Gheorghe Falcă, Romana Tomc, Andrzej Buła, Liesbet Sommen, Pascal Arimont, Giusi Princi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Jilqa' n-nota ta' politika tas-Cedefop dwar il-bini ta' mappa Ewropea tal-kwalifiki[1a], li ssaħħaħ it-trasparenza, il-komparabbiltà u l-portabbiltà tal-kwalifiki madwar l-Ewropa; jisħaq li mappa bħal din trid tmur lil hinn minn eżerċizzju akkademiku u sservi ta' għodda prattika għall-kompetittività, ir-rilevanza għas-suq tax-xogħol u l-mobbiltà; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-qafas Ewropew tal-kwalifiki jkun marbut sew mal-ħtiġijiet ekonomiċi, mal-politika industrijali u mal-investiment fil-ħiliet, sabiex jiġu appoġġjati l-intraprendituri, l-SMEs u l-kumpaniji biex jaċċessaw forza tax-xogħol mgħammra b'kompetenzi kemm tekniċi kif ukoll trasversali; jissottolinja li dan l-approċċ huwa essenzjali biex il-provvista tal-ħiliet titqabbel mad-domanda, u biex jitrawmu t-tkabbir u l-innovazzjoni;

1a
https://www.cedefop.europa.eu/files/9191_en.pdf

Or. en

Emenda 206
Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Jisħaq li l-investiment pubbliku u

privat direttt f'infrastruttura nadifa, proġetti tal-enerġija rinnovabbli u attivitajiet tal-ekonomija ċirkolari huwa meħtieġ biex l-ekonomiji lokali jingħataw ħajja ġdida u jikkontribwixxu għall-ħolqien tal-impjiegi; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu sfruttati l-assi reġjonali billi jsir investiment f'setturi fejn ir-reġjuni diġà għandhom vantaġġi pożittivi jew komparattivi; jemmen li l-ispeċjalizzazzjoni reġjonali tista' tifforma l-bażi ta' raggruppamenti industrijali ekoloġiċi; jenfasizza li l-appoġġ għar-riċerka u l-innovazzjoni u l-inkoraġġiment tal-kollaborazzjoni bejn l-universitajiet u n-negozji jistgħu jixprunaw mudelli ta' negozju sostenibbli ġodda;

Or. en

Emenda 207
Pál Szekeres, Séverine Werbrouck, Nikola Bartůšek, Mélanie Disdier, Marie Dauchy

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Jappella għal studju ta' fattibbiltà għall-perjodu ta' programmazzjoni ta' wara l-2027 biex jiġi vvalutat jekk, u sa liema punt, il-fondi attwali joperaw abbażi ta' approċċi komprensivi li jindirizzaw il-migrazzjoni, il-politika tal-enerġija, ir-riċerka u l-innovazzjoni Ewropea, u biex jiġi appoġġjat l-istabbiliment ta' strateġiji nazzjonali ta' tranżizzjoni ġusta b'enfasi partikolari fuq l-iżvilupp ta' viżjoni fit-tul u prospetti tanġibbli għall-ekonomiji lokali u l-forzi tax-xogħol fir-reġjuni affettwati kollha.

Or. en

Emenda 208

Andrzej Buła, Gheorghe Falcă

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Jenfasizza l-importanza tal-iżvilupp tal-ħiliet diġitali għall-ħaddiema kemm fil-livell bażiku kif ukoll f'dak avvanzat; jissottolinja l-ħtieġa li ċ-ċittadini jiġu mgħammra b'litteriżmu diġitali essenzjali, sensibilizzazzjoni dwar id-data u l-użu sikur ta' għodod online biex jibqgħu impjegabbli u adattabbli, filwaqt li jrawmu wkoll kompetenzi aktar avvanzati;

Or. en

Emenda 209
Gheorghe Falcă, Romana Tomc, Andrzej Buła, Miriam Lexmann, Liesbet Sommen, Pascal Arimont, Giusi Princi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9b. Jenfasizza li taħriġ effettiv jiddependi fuq id-disponibbiltà tal-għalliema u l-ħarrieġa b'għarfien attwali dwar l-ekonomija sostenibbli u ekoloġika, l-effiċjenza enerġetika u t-teknoloġiji ekoloġiċi u diġitali; jenfasizza li r-rwol tagħhom huwa kritiku biex jiġu promossi l-ħiliet u l-kompetenzi t-tajba kemm għall-ġenerazzjonijiet żgħażagħ kif ukoll għal dawk akbar fl-età u t-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet xierqa għall-persuni affettwati mit-tranżizzjoni ekoloġika; jisħaq li l-edukazzjoni u t-taħriġ ta' tali għalliema u ħarrieġa għandhom għalhekk ikunu prijorità ewlenija fi kwalunkwe strateġija ta' rispons għall-ħiliet fil-livelli Ewropej, nazzjonali, reġjonali u lokali;

Or. en

Emenda 210
Rudi Kennes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9b. Jistieden lill-Istati Membri jiggarantixxu finanzjament sostenibbli għal miżuri ta' tranżizzjoni ġusta permezz ta' Fondi nazzjonali għal Tranżizzjoni Ġusta, abbażi ta' riżorsi pubbliċi, kontribuzzjonijiet tal-impjegaturi u fondi tal-UE. L-impjegaturi għandhom jikkontribwixxu sehem ġust tal-kostijiet għat-taħriġ u r-riallokazzjoni;

Or. en

Emenda 211
Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9b. Jisħaq li hija meħtieġa taħlita ta' politiki koerenti u integrata biex jintlaħqu l-objettivi tat-tranżizzjoni ġusta; jitlob li jiġu integrati l-objettivi tal-inklużjoni, tal-protezzjoni soċjali u tal-ħiliet fil-miżuri klimatiċi u industrijali kollha meħuda mill-UE;

Or. en

Emenda 212
Gheorghe Falcă, Romana Tomc, Andrzej Buła, Miriam Lexmann, Liesbet Sommen, Pascal Arimont, Giusi Princi, Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9c. Jisħaq li l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ jeħtieġ li jsaħħu r-rilevanza tat-taħriġ tagħhom għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol kompetittiv u jħejju lill-istudenti, lill-ħarrieġa u lill-għalliema bl-għarfien u l-ħiliet rilevanti biex ikunu aġenti attivi tal-bidla fi tranżizzjoni ġusta lejn ekonomiji ambjentalment sostenibbli u soċjetà għal kulħadd;

Or. en

Emenda 213
Gheorghe Falcă, Romana Tomc, Andrzej Buła, Miriam Lexmann, Liesbet Sommen, Pascal Arimont, Giusi Princi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9d. Jenfasizza l-importanza tal-ħiliet ewlenin u konjittivi u t-tħejjija tal-istrumenti meħtieġa biex iċ-ċittadini jitħeġġu jikkunsidraw ukoll l-iżvilupp personali u t-tkabbir tagħhom b'dawn il-ħiliet, bħall-ħsieb kreattiv, ir-reżiljenza, il-flessibbiltà u l-aġilità, il-motivazzjoni u l-awtosensibilizzazzjoni, il-kurżità u t-tagħlim tul il-ħajja – b'rikonoxximent tal-importanza tal-kapaċità tal-ħaddiema li jadattaw għal postijiet tax-xogħol imfixkla, l-awtoeffikaċja u l-ħidma ma' oħrajn f'timijiet;

Or. en

Emenda 214
Gheorghe Falcă, Romana Tomc, Andrzej Buła, Miriam Lexmann, Liesbet Sommen, Pascal Arimont, Giusi Princi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9e. Jisħaq li l-bini ta' kapaċità amministrattiva u teknika b'saħħitha fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali huwa essenzjali għall-użu effettiv tal-fondi tal-UE; jitlob li jiżdied l-investiment fil-bini tal-kapaċità amministrattiva u teknika fil-livell lokali; jissottolinja l-ħtieġa ta' persunal, ħiliet u sistemi adegwati fl-awtoritajiet maniġerjali biex jiżguraw tħejjija, konformità, monitoraġġ u evalwazzjoni xierqa tal-proġetti; jenfasizza li kapaċità amministrattiva msaħħa hija prerekwiżit biex jiġi mobilizzat l-investiment, titnaqqas il-kumplessità u tiġi allinjata l-azzjoni klimatika mat-tkabbir;

Or. en

Emenda 215
Gheorghe Falcă, Romana Tomc, Andrzej Buła, Miriam Lexmann, Liesbet Sommen, Pascal Arimont, Giusi Princi, Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9f (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9f. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiffaċilitaw investimenti kemm fuq skala kbira kif ukoll fuq skala żgħira billi jnaqqsu l-piżijiet amministrattivi, jissimplifikaw il-proċeduri u jiżguraw l-użu effiċjenti tal-fondi tal-UE; jisħaq li l-intraprendituri, l-SMEs u l-kumpaniji l-kbar jeħtiġilhom jingħataw kundizzjonijiet favorevoli biex jinvestu, jespandu u jinnovaw, b'mod partikolari f'reġjuni rurali u anqas żviluppati; jissottolinja li tali investiment huwa essenzjali biex tissaħħaħ il-bażi industrijali u teknoloġika tal-Ewropa,

	jinħolqu impjiegi ta' kwalità għolja, u tiġi żgurata forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati li tkun adattata għar-realtajiet lokali, ir-riżorsi u l-ħtiġijiet speċifiċi, sabiex jiġi sfruttat bis-sħiħ il-potenzjal reġjonali u jiġu xprunati l-kompetittività, it-tkabbir sostenibbli u l-ħolqien tal-valur fit-tul;

Or. en

Emenda 216
Mélanie Disdier, Marie Dauchy, Nikola Bartůšek, Pál Szekeres
f'isem il-Grupp PfE
Séverine Werbrouck

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw finanzjament suffiċjenti għal ħiliet ta' kwalità u programmi ta' taħriġ vokazzjonali bħala investiment fit-tul fil-produttività, it-tkabbir u l-kompetittività tal-ħaddiema u tan-negozji; jistieden lill-Istati Membri, bl-appoġġ tal-Kummissjoni, jisfruttaw b'mod strateġiku l-istrumenti eżistenti tal-Unjoni biex jimplimentaw l-Unjoni tal-Ħiliet, b'mod partikolari l-Garanzija tal-Ħiliet; jistieden lill-Istati Membri jżidu l-użu tad-dħul tal-Iskema nazzjonali għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet għat-taħriġ tal-ħaddiema u għar-riallokazzjoni tal-ħaddiema; jistieden lill-Kummissjoni tesplora u toħroġ gwida dwar kif is-sħubijiet pubbliċi-privati bejn l-Istati Membri u l-intrapriżi jistgħu jiffinanzjaw it-taħriġ, it-tiġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-ħaddiema b'mod partikolari d-dritt għat-taħriġ għall-ħaddiema individwali;	***imħassar***

Or. fr

Emenda 217
Andrea Wechsler, Miriam Lexmann, Raúl de la Hoz Quintano, Angelika Winzig, Henrik Dahl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw finanzjament suffiċjenti għal ħiliet ta' kwalità u programmi ta' taħriġ vokazzjonali bħala investiment fit-tul fil-produttività, it-tkabbir u l-kompetittività tal-ħaddiema u tan-negozji; jistieden lill-Istati Membri, bl-appoġġ tal-Kummissjoni, jisfruttaw b'mod strateġiku l-istrumenti eżistenti tal-Unjoni biex jimplimentaw l-Unjoni tal-Ħiliet, b'mod partikolari l-Garanzija tal-Ħiliet; jistieden ***lill-Istati Membri jżidu l-użu tad-dħul tal-Iskema nazzjonali għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet għat-taħriġ tal-ħaddiema u għar-riallokazzjoni tal-ħaddiema; jistieden*** lill-Kummissjoni tesplora u toħroġ gwida dwar kif is-sħubijiet pubbliċi-privati bejn l-Istati Membri u l-intrapriżi jistgħu jiffinanzjaw it-taħriġ, it-tiġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-ħaddiema ***b'mod partikolari d-dritt għat-taħriġ għall-ħaddiema individwali***;	10. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw finanzjament suffiċjenti għal ħiliet ta' kwalità u programmi ta' taħriġ vokazzjonali bħala investiment fit-tul fil-produttività, it-tkabbir u l-kompetittività tal-ħaddiema u tan-negozji; jistieden lill-Istati Membri, bl-appoġġ tal-Kummissjoni, jisfruttaw b'mod strateġiku l-istrumenti eżistenti tal-Unjoni biex jimplimentaw l-Unjoni tal-Ħiliet, b'mod partikolari l-Garanzija tal-Ħiliet; jistieden lill-Kummissjoni tesplora u toħroġ gwida dwar kif is-sħubijiet pubbliċi-privati bejn l-Istati Membri u l-intrapriżi jistgħu jiffinanzjaw it-taħriġ, it-tiġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-ħaddiema;

Or. en

Emenda 218
Georgiana Teodorescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. ***Jistieden*** lill-Istati Membri ***jiżguraw finanzjament suffiċjenti għal*** ħiliet ta' kwalità u programmi ta' taħriġ vokazzjonali bħala investiment fit-tul fil-produttività, it-tkabbir u l-kompetittività tal-ħaddiema u tan-negozji; jistieden lill-	10. ***Iheġġeġ*** lill-Istati Membri ***jipprovdu*** ħiliet ta' kwalità u programmi ta' taħriġ vokazzjonali bħala investiment fit-tul fil-produttività, it-tkabbir u l-kompetittività tal-ħaddiema u tan-negozji; jistieden lill-Istati Membri, bl-appoġġ tal-

Istati Membri, bl-appoġġ tal-Kummissjoni, jisfruttaw b'mod strateġiku l-istrumenti eżistenti tal-Unjoni biex jimplimentaw l-Unjoni tal-Ħiliet, b'mod partikolari l-Garanzija tal-Ħiliet; jistieden lill-Istati Membri jżidu l-użu tad-dħul tal-Iskema nazzjonali għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet għat-taħriġ tal-ħaddiema u għar-riallokazzjoni tal-ħaddiema; jistieden lill-Kummissjoni tesplora u toħroġ gwida dwar kif is-sħubijiet pubbliċi-privati bejn l-Istati Membri u l-intrapriżi jistgħu jiffinanzjaw it-taħriġ, it-tiġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-ħaddiema b'mod partikolari d-dritt għat-taħriġ għall-ħaddiema individwali;

Kummissjoni, jisfruttaw b'mod strateġiku l-istrumenti eżistenti tal-Unjoni biex jimplimentaw l-Unjoni tal-Ħiliet, b'mod partikolari l-Garanzija tal-Ħiliet; jistieden lill-Istati Membri jżidu l-użu tad-dħul tal-Iskema nazzjonali għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet għat-taħriġ tal-ħaddiema u għar-riallokazzjoni tal-ħaddiema; jistieden lill-Kummissjoni tesplora u toħroġ gwida dwar kif is-sħubijiet pubbliċi-privati bejn l-Istati Membri u l-intrapriżi jistgħu jiffinanzjaw it-taħriġ, it-tiġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-ħaddiema b'mod partikolari d-dritt għat-taħriġ għall-ħaddiema individwali;

Or. en

Emenda 219
Rudi Kennes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw finanzjament suffiċjenti għal ħiliet ta' kwalità u programmi ta' taħriġ vokazzjonali bħala investiment fit-tul ***fil-produttività, it-tkabbir u l-kompetittività tal-ħaddiema u tan-negozji***; jistieden lill-Istati Membri, bl-appoġġ tal-Kummissjoni, jisfruttaw b'mod strateġiku l-istrumenti eżistenti tal-Unjoni biex jimplimentaw l-Unjoni tal-Ħiliet, b'mod partikolari l-Garanzija tal-Ħiliet; jistieden lill-Istati Membri jżidu l-użu tad-dħul tal-Iskema nazzjonali għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet għat-taħriġ tal-ħaddiema u għar-riallokazzjoni tal-ħaddiema; jistieden lill-Kummissjoni tesplora u toħroġ gwida dwar kif is-sħubijiet pubbliċi-privati bejn l-Istati Membri u l-intrapriżi jistgħu jiffinanzjaw it-taħriġ, it-tiġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-ħaddiema b'mod partikolari d-dritt għat-taħriġ għall-ħaddiema	10. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw finanzjament suffiċjenti għal ħiliet ta' kwalità u programmi ta' taħriġ vokazzjonali bħala investiment fit-tul; jistieden lill-Istati Membri, bl-appoġġ tal-Kummissjoni, jisfruttaw b'mod strateġiku l-istrumenti eżistenti tal-Unjoni biex jimplimentaw l-Unjoni tal-Ħiliet, b'mod partikolari l-Garanzija tal-Ħiliet; jistieden lill-Istati Membri jżidu l-użu tad-dħul tal-Iskema nazzjonali għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet għat-taħriġ tal-ħaddiema u għar-riallokazzjoni tal-ħaddiema; jistieden lill-Kummissjoni tesplora u toħroġ gwida dwar kif is-sħubijiet pubbliċi-privati bejn l-Istati Membri u l-intrapriżi jistgħu jiffinanzjaw it-taħriġ, it-tiġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-ħaddiema b'mod partikolari d-dritt għat-taħriġ għall-ħaddiema individwali; ***jistieden lill-Istati Membri, b'appoġġ mill-***

individwali;

Kummissjoni, jallokaw finanzjament iddedikat biex jibnu l-kapaċità istituzzjonali tal-awtoritajiet pubbliċi u tas-sħab soċjali biex jimplimentaw l-involviment inklużiv tal-ħaddiema u tar-rappreżentanti tagħhom (kif ukoll gruppi fil-mira rilevanti oħra bħall-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ u l-komunitajiet lokali), jinvolvu ruħhom fi djalogu soċjali strutturat u negozjar kollettiv, u jfasslu b'mod konġunt, iwettqu u jimmonitorjaw Pjanijiet Territorjali għal Tranżizzjoni Ġusta ta' kwalità għolja (TJTPs);

Or. en

Emenda 220
Sara Matthieu
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw finanzjament suffiċjenti għal ħiliet ta' kwalità u programmi ta' taħriġ vokazzjonali bħala investiment fit-tul fil-produttività, it-tkabbir u l-kompetittività tal-ħaddiema u tan-negozji; jistieden lill-Istati Membri, bl-appoġġ tal-Kummissjoni, jisfruttaw b'mod strateġiku l-istrumenti eżistenti tal-Unjoni biex jimplimentaw l-Unjoni tal-Ħiliet, b'mod partikolari l-Garanzija tal-Ħiliet; jistieden lill-Istati Membri jżidu l-użu tad-dħul tal-Iskema nazzjonali għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet għat-taħriġ tal-ħaddiema u għar-riallokazzjoni tal-ħaddiema; jistieden lill-Kummissjoni tesplora u toħroġ gwida dwar kif is-sħubijiet pubbliċi-privati bejn l-Istati Membri u l-intrapriżi jistgħu jiffinanzjaw it-taħriġ, it-tiġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-ħaddiema b'mod partikolari d-dritt għat-taħriġ għall-ħaddiema	10. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw finanzjament suffiċjenti għal ħiliet ta' kwalità u programmi ta' taħriġ vokazzjonali bħala investiment fit-tul fil-produttività, it-tkabbir u l-kompetittività tal-ħaddiema u tan-negozji; jistieden lill-Istati Membri, bl-appoġġ tal-Kummissjoni, jisfruttaw b'mod strateġiku l-istrumenti eżistenti tal-Unjoni biex jimplimentaw l-Unjoni tal-Ħiliet, b'mod partikolari l-Garanzija tal-Ħiliet; jistieden lill-Istati Membri jżidu l-użu tad-dħul tal-Iskema nazzjonali għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet għat-taħriġ tal-ħaddiema u għar-riallokazzjoni tal-ħaddiema; jistieden lill-Kummissjoni tesplora u toħroġ gwida dwar kif is-sħubijiet pubbliċi-privati bejn l-Istati Membri u l-intrapriżi jistgħu jiffinanzjaw it-taħriġ, it-tiġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-ħaddiema b'mod partikolari d-dritt għat-taħriġ għall-ħaddiema individwali; ***jistieden lill-Kummissjoni,***

individwali;	***flimkien mas-sħab soċjali, tiddefinixxi sett armonizzat ta' kundizzjonijiet soċjali minimi fl-Istati Membri kollha, li jkunu verament ta' benefiċċju għall-ħaddiema meta jagħtu fondi pubbliċi lill-kumpaniji u lill-industriji, inkluż biex jiġu żgurati dispożizzjonijiet ta' negozjar kollettiv, pagi adegwati, kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti u dispożizzjonijiet dwar is-saħħa u s-sikurezza kif ukoll jiġu esplorati t-tnaqqis fil-ħin tax-xogħol u l-bidliet fil-produttività biex jitnaqqsu l-inugwaljanzi fid-dinja tax-xogħol. Dan jista' jinvolvi wkoll li jinħolqu garanziji tal-impjiegi, jiġu ġġenerati impjiegi ta' kwalità għolja u investimenti fil-ħiliet, jiġi ggarantit li l-attivitajiet ma jiġux rilokati lejn pajjiżi terzi bi standards aktar baxxi u jiġi żgurat li l-flus pubbliċi jintużaw għall-investiment f'impjiegi domestiċi; jistieden lill-Istati Membri b'kopertura ta' negozjar kollettiv ta' anqas minn 80 % jistabbilixxu pjanijiet nazzjonali bi skedi ta' żmien ċari u miżuri speċifiċi biex iżidu l-kopertura; jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi gwida u appoġġ lill-Istati Membri biex isaħħu s-sistemi ta' negozjar, b'mod partikolari fil-livell settorjali inkluż bl-involviment sħiħ tas-sħab soċjali.***

Or. en

Emenda 221
Maria Zacharia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw finanzjament suffiċjenti għal ħiliet ta' kwalità u programmi ta' taħriġ vokazzjonali bħala investiment fit-tul fil-produttività, it-tkabbir u l-kompetittività tal-ħaddiema u tan-negozji; jistieden lill-Istati Membri, bl-appoġġ tal-Kummissjoni, jisfruttaw b'mod strateġiku l-istrumenti	10. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw finanzjament suffiċjenti għal ħiliet ta' kwalità u programmi ta' taħriġ vokazzjonali bħala investiment fit-tul fil-produttività, it-tkabbir u l-kompetittività tal-ħaddiema u tan-negozji; jistieden lill-Istati Membri, bl-appoġġ tal-Kummissjoni, jisfruttaw b'mod strateġiku l-istrumenti

eżistenti tal-Unjoni biex jimplimentaw l-Unjoni tal-Ħiliet, b'mod partikolari l-Garanzija tal-Ħiliet; jistieden lill-Istati Membri jżidu l-użu tad-dħul tal-Iskema nazzjonali għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet għat-taħriġ tal-ħaddiema u għar-riallokazzjoni tal-ħaddiema; jistieden lill-Kummissjoni tesplora u toħroġ gwida dwar kif is-sħubijiet pubbliċi-privati bejn l-Istati Membri u l-intrapriżi jistgħu jiffinanzjaw it-taħriġ, it-tiġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-ħaddiema b'mod partikolari d-dritt għat-taħriġ għall-ħaddiema individwali;	eżistenti tal-Unjoni biex jimplimentaw l-Unjoni tal-Ħiliet, b'mod partikolari l-Garanzija tal-Ħiliet; jistieden lill-Istati Membri jżidu l-użu tad-dħul tal-Iskema nazzjonali għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet għat-taħriġ tal-ħaddiema u għar-riallokazzjoni tal-ħaddiema ***filwaqt li jirrifjutaw kull possibbiltà ta' sensja***; jistieden lill-Kummissjoni tesplora u toħroġ gwida dwar kif is-sħubijiet pubbliċi-privati bejn l-Istati Membri u l-intrapriżi jistgħu jiffinanzjaw it-taħriġ, it-tiġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-ħaddiema b'mod partikolari d-dritt għat-taħriġ għall-ħaddiema individwali;
	Or. el

Emenda 222
Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Ifakkar fir-rwol li l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) jista' jkollu biex jappoġġja lill-ħaddiema affettwati mit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali matul il-perjodu ta' programmazzjoni li jifdal tiegħu; jilqa' l-għan tar-reviżjoni proposta għall-FEG attwali biex titħaffef il-proċedura ta' approvazzjoni għall-applikazzjonijiet u biex barra minn hekk u b'mod proattiv jiġu appoġġjati l-ħaddiema affettwati minn spostament imminenti tal-impjiegi; jisħaq, madankollu, fuq l-importanza li jiġi żgurat li l-intrapriżi li għaddejjin minn ristrutturar li jixtiequ japplikaw għall-Fond jagħmlu dan f'konsultazzjoni sħiħa mal-ħaddiema u r-rappreżentanti tagħhom inkluż fit-tfassil tal-pakkett personalizzat ta' miżuri; jiddispjaċih dwar id-diskontinwità tal-(FEG) fil-proposta

għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2028–2034; jisħaq fuq l-importanza ta' miżuri attivi tas-suq tax-xogħol biex jerġgħu jintegraw lill-ħaddiema ssensjati fis-suq tax-xogħol wara avvenimenti kbar ta' ristrutturar; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura appoġġ iddedikat kontinwu għall-ħaddiema f'riskju minn avvenimenti ta' ristrutturar kbar jew spostati minħabba fihom fil-QFP li jmiss;

Or. en

Emenda 223
Rudi Kennes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Jisħaq fuq il-ħtieġa li tinbena l-kapaċità tal-awtoritajiet reġjonali biex jinvolvu ruħhom b'suċċess ma' gruppi fil-mira (bħal ħaddiema, organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ, persuni akbar fl-età, ċittadini kkonċernati mil-lat ambjentali, assoċjazzjonijiet tal-bdiewa u popli indiġeni) biex jiżviluppaw u jimmaniġġjaw skemi ta' appoġġ soċjali; u biex jitkejlu l-effetti distributtivi tal-politiki;

Or. en

Emenda 224
András Tivadar Kulja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Jistieden lill-Istati Membri jallokaw parti mid-dħul tal-ETS għat-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema f'reġjuni

intensivi fil-karbonju u jappoġġjaw lill-SMEs fi tranżizzjoni.

Or. en

Emenda 225
Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10b. Ifakkar fl-importanza li jiġi żgurat livell għoli ta' saħħa u sikurezza okkupazzjonali tal-ħaddiema; jisħaq fuq l-importanza li jiġu indirizzati b'mod proattiv ir-riskji tal-OSH li qed jevolvu għall-kompiti tax-xogħol, ix-xejriet u l-postijiet tax-xogħol, b'mod partikolari r-riskji ambjentali u psikosoċjali, fil-kuntest tat-tranżizzjoni doppja; jistieden lill-Kummissjoni twettaq rieżami komprensiv tal-qafas strateġiku attwali dwar is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol u l-qafas leġiżlattiv eżistenti dwar l-OSH bil-ħsieb li tidentifika l-lakuni li fadal u tipproponi proposti ġodda jew aġġornati biex tiżgura li l-acquis tal-UE jibqa' adattat għall-iskop tiegħu u tikkontribwixxi għat-tfassil tal-qafas strateġiku ta' wara l-2027;

Or. en

Emenda 226
Mélanie Disdier, Marie Dauchy, Nikola Bartůšek, Pál Szekeres
f'isem il-Grupp PfE
Séverine Werbrouck

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jenfasizza li xbieki ta' sikurezza	11. Jenfasizza li xbieki ta' sikurezza

soċjali u sistemi ta' protezzjoni soċjali b'saħħithom huma essenzjali biex jappoġġjaw lill-ħaddiema ***matul perjodi*** ta' tranżizzjoni; ***jistieden*** lill-Istati Membri jimmodernizzaw u jsaħħu s-sistemi u s-servizzi ta' protezzjoni soċjali tagħhom sabiex jiżguraw ir-reżiljenza kontra xokkijiet li jirriżultaw ***mit-tranżizzjoni doppja li tħalli*** impatt fuq is-suq tax-xogħol;	soċjali u sistemi ta' protezzjoni soċjali b'saħħithom huma essenzjali biex jappoġġjaw lill-ħaddiema ***li jispiċċaw mingħajr xogħol minħabba politiki*** ta' tranżizzjoni; ***jissuġġerixxi*** lill-Istati Membri jimmodernizzaw u jsaħħu s-sistemi u s-servizzi ta' protezzjoni soċjali tagħhom sabiex jiżguraw ir-reżiljenza kontra xokkijiet li jirriżultaw ***mr-regolamenti tal-UE li jħallu*** impatt fuq is-suq tax-xogħol;
	Or. fr

Emenda 227
Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jenfasizza li xbieki ta' sikurezza soċjali u sistemi ta' protezzjoni soċjali b'saħħithom huma essenzjali biex jappoġġjaw lill-ħaddiema matul perjodi ta' tranżizzjoni; jistieden lill-Istati Membri jimmodernizzaw u jsaħħu s-sistemi u s-servizzi ta' protezzjoni soċjali tagħhom sabiex jiżguraw ir-reżiljenza kontra xokkijiet li jirriżultaw mit-tranżizzjoni doppja li tħalli impatt fuq is-suq tax-xogħol;	11. Jenfasizza li xbieki ta' sikurezza soċjali u sistemi ta' protezzjoni soċjali b'saħħithom huma essenzjali biex jappoġġjaw lill-ħaddiema matul perjodi ta' tranżizzjoni; jistieden lill-Istati Membri jimmodernizzaw u jsaħħu s-sistemi u s-servizzi ta' protezzjoni soċjali tagħhom sabiex jiżguraw ir-reżiljenza kontra xokkijiet li jirriżultaw mit-tranżizzjoni doppja li tħalli impatt fuq is-suq tax-xogħol; ***iħeġġeġ lill-Istati Membri jimplimentaw bis-shiħ ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja r-riskji u l-progress lejn tali azzjonijiet permezz tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali u l-Qafas ta' Konverġenza Soċjali; jisħaq fuq l-importanza li jiġi żgurat li l-offerti tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi nazzjonali jkunu rilevanti għall-iżviluppi tas-suq tax-xogħol li qed jinbidlu biex jiġi żgurat li jkunu appoġġjati u ffaċilitati n-nies li jbiddlu l-impjiegi minħabba t-***

tranżizzjonijiet;

Or. en

Emenda 228
Klára Dobrev, Vilija Blinkevičiūtė, Marc Angel, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Evelyn Regner, Romana Jerković, Marit Maij

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jenfasizza li xbieki ta' sikurezza soċjali u sistemi ta' protezzjoni soċjali b'saħħithom huma essenzjali biex jappoġġjaw lill-ħaddiema matul perjodi ta' tranżizzjoni; jistieden lill-Istati Membri ***jimmodernizzaw u jsaħħu*** s-sistemi u s-servizzi ta' protezzjoni soċjali tagħhom sabiex jiżguraw ir-reżiljenza kontra xokkijiet li jirriżultaw mit-tranżizzjoni doppja li tħalli impatt fuq is-suq tax-xogħol;	11. Jenfasizza li xbieki ta' sikurezza soċjali u sistemi ta' protezzjoni soċjali b'saħħithom huma essenzjali biex jappoġġjaw lill-ħaddiema ***u jirrinforzaw il-koeżjoni soċjali*** matul perjodi ta' tranżizzjoni; jistieden lill-Istati Membri***, f'konsultazzjoni mas-sħab soċjali u l-organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili, isaħħu*** s-sistemi u s-servizzi ta' protezzjoni soċjali tagħhom ***kif ukoll l-appoġġ għall-fornituri tas-servizzi soċjali mingħajr skop ta' qligħ, b'enfasi partikolari fuq it-tassazzjoni ġusta u progressiva, il-politiki ta' inklużjoni soċjali, l-appoġġ għall-introjtu u l-aċċess għal servizzi essenzjali u akkomodazzjoni li jkunu affordabbli,*** sabiex jiżguraw ir-reżiljenza kontra xokkijiet li jirriżultaw mit-tranżizzjoni doppja li tħalli impatt fuq is-suq tax-xogħol ***u li l-impjegati affettwati mit-telf ta' impjiegi jkunu jistgħu jżommu kemm jista' jkun l-istandard tal-għajxien tagħhom***;

Or. en

Emenda 229
András Tivadar Kulja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jenfasizza li xbieki ta' sikurezza soċjali u sistemi ta' protezzjoni soċjali b'saħħithom huma essenzjali biex jappoġġjaw lill-ħaddiema matul perjodi ta' tranżizzjoni; jistieden lill-Istati Membri jimmodernizzaw u jsaħħu s-sistemi u s-servizzi ta' protezzjoni soċjali tagħhom sabiex jiżguraw ir-reżiljenza kontra xokkijiet li jirriżultaw mit-tranżizzjoni doppja li tħalli impatt fuq is-suq tax-xogħol;	11. Jenfasizza li xbieki ta' sikurezza soċjali u sistemi ta' protezzjoni soċjali b'saħħithom huma essenzjali biex jappoġġjaw lill-ħaddiema matul perjodi ta' tranżizzjoni***; jissottolinja li benefiċċji viżibbli għall-unitajiet domestiċi, bħal kontijiet tal-utilitajiet aktar baxxi u kundizzjonijiet tal-għajxien imtejba, huma kruċjali biex tiġi żgurata l-aċċettazzjoni pubblika; id-Direttiva għandha torbot il-miżuri ta' rinnovazzjoni ma' komunikazzjoni trasparenti dwar dawn il-vantaġġi***; jistieden lill-Istati Membri jimmodernizzaw u jsaħħu s-sistemi u s-servizzi ta' protezzjoni soċjali tagħhom sabiex jiżguraw ir-reżiljenza kontra xokkijiet li jirriżultaw mit-tranżizzjoni doppja li tħalli impatt fuq is-suq tax-xogħol;

Or. en

Emenda 230
Rudi Kennes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jenfasizza li xbieki ta' sikurezza soċjali u sistemi ta' protezzjoni soċjali b'saħħithom huma essenzjali biex jappoġġjaw lill-ħaddiema matul perjodi ta' tranżizzjoni; jistieden lill-Istati Membri jimmodernizzaw u jsaħħu s-sistemi u s-servizzi ta' protezzjoni soċjali tagħhom sabiex jiżguraw ir-reżiljenza kontra xokkijiet li jirriżultaw mit-tranżizzjoni doppja li tħalli impatt fuq is-suq tax-xogħol;	11. Jenfasizza li xbieki ta' sikurezza soċjali u sistemi ta' protezzjoni soċjali b'saħħithom huma essenzjali biex jappoġġjaw lill-ħaddiema matul perjodi ta' tranżizzjoni; jistieden lill-Istati Membri jimmodernizzaw u jsaħħu s-sistemi u s-servizzi ta' protezzjoni soċjali tagħhom sabiex jiżguraw ir-reżiljenza kontra xokkijiet li jirriżultaw mit-tranżizzjoni doppja li tħalli impatt fuq is-suq tax-xogħol; ***jenfasizza li, sabiex tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta u ekwa, is-sistemi ta' protezzjoni soċjali u x-xbieki ta' sikurezza għandhom jiggarantixxu l-kwalità tal-impjiegi, l-introjtu u l-istabbiltà għall-individwi;***

Or. en

Emenda 231
Maria Zacharia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jenfasizza li xbieki ta' sikurezza soċjali u sistemi ta' protezzjoni soċjali b'saħħithom huma essenzjali biex jappoġġjaw lill-ħaddiema matul perjodi ta' tranżizzjoni; jistieden lill-Istati Membri jimmodernizzaw u jsaħħu s-sistemi u s-servizzi ta' protezzjoni soċjali tagħhom sabiex jiżguraw ir-reżiljenza kontra xokkijiet li jirriżultaw mit-tranżizzjoni doppja li tħalli impatt fuq is-suq tax-	11. Jenfasizza li xbieki ta' sikurezza soċjali u sistemi ta' protezzjoni soċjali b'saħħithom huma essenzjali biex jappoġġjaw lill-ħaddiema matul perjodi ta' tranżizzjoni; jistieden lill-Istati Membri jimmodernizzaw u jsaħħu s-sistemi u s-servizzi ta' protezzjoni soċjali tagħhom sabiex jiżguraw ir-reżiljenza kontra xokkijiet li jirriżultaw mit-tranżizzjoni doppja li tħalli impatt fuq is-suq tax-xogħol; ***jitlob li jiġi żgurat l-aċċess universali għall-benefiċċji tal-qgħad u għas-servizzi pubbliċi, bil-għan li jiġu evitati l-faqar u l-esklużjoni soċjali matul it-tranżizzjoni;***

Or. el

Emenda 232
Georgiana Teodorescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jenfasizza li xbieki ta' sikurezza soċjali u sistemi ta' protezzjoni soċjali b'saħħithom huma essenzjali biex jappoġġjaw lill-ħaddiema matul perjodi ta' tranżizzjoni; jistieden lill-Istati Membri jimmodernizzaw u jsaħħu s-sistemi u s-servizzi ta' protezzjoni soċjali tagħhom sabiex jiżguraw ir-reżiljenza kontra xokkijiet li jirriżultaw mit-tranżizzjoni doppja li tħalli impatt fuq is-suq tax-	11. Jenfasizza li xbieki ta' sikurezza soċjali u sistemi ta' protezzjoni soċjali b'saħħithom huma essenzjali biex jappoġġjaw lill-ħaddiema matul perjodi ta' tranżizzjoni; jistieden lill-Istati Membri jimmodernizzaw u jsaħħu s-sistemi u s-servizzi ta' protezzjoni soċjali tagħhom ***filwaqt li jiżguraw is-sostenibbiltà fit-tul*** sabiex jiżguraw ir-reżiljenza kontra xokkijiet li jirriżultaw mit-tranżizzjoni

xogħol;	doppja li tħalli impatt fuq is-suq tax-xogħol;

Or. en

Emenda 233
Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. Jisħaq fuq l-importanza ta' politiki mmirati biex jappoġġjaw lill-persuni l-aktar affettwati mit-tranżizzjonijiet doppji, u b'mod partikolari dawk f'sitwazzjonijiet vulnerabbli; jissottolinja li huma meħtieġa appoġġ attiv u interventi bikrija biex jiġi evitat li persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli jaqgħu f'perjodi twal ta' qgħad jew isiru ħaddiema skoraġġuti; jistieden lill-Istati Membri jżidu b'mod sinifikanti l-appoġġ attiv għal impjiegi ta' kwalità, b'mod partikolari billi jappoġġjaw l-aċċess għall-preservazzjoni ta' impjiegi ta' kwalità, jippromwovu l-intraprenditorija u jistimulaw il-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità; jenfasizza r-rwol tas-sussidji tal-pagi, l-akkwist immirat u x-xogħlijiet pubbliċi lokali biex jiġġeneraw impjiegi tranżitorji;

Or. en

Emenda 234
Rudi Kennes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. Jirrikjedi li, f'każ ta' nuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali adottati skont din id-Direttiva,

l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-imposta tal-impjegaturi dovuta għall-fond ta' tranżizzjoni ġusta tiġi rduppjata għal perjodu ta' sitt xhur; jekk kumpanija tonqos milli tikkonforma ma' din il-penali pekunjarja fil-limitu ta' żmien applikabbli, l-Istati Membri għandhom jippubblikaw dikjarazzjoni pubblika li tindika l-kumpanija responsabbli għall-ksur u n-natura tal-ksur;

Or. en

Emenda 235
Klára Dobrev, Vilija Blinkevičiūtė, Marc Angel, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Evelyn Regner, Romana Jerković, Marit Maij

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. Ifakkar fir-rilevanza tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati fl-għoti ta' appoġġ lill-ħaddiema affettwati minn spostament imminenti tal-impjiegi f'intrapriżi li għaddejjin minn ristrutturar, u jħeġġeġ lill-Istati Membri, bl-appoġġ tal-Kummissjoni, jagħmlu użu sħiħ mill-Fond;

Or. en

Emenda 236
András Tivadar Kulja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. Jissottolinja li matul il-perjodi ta' tranżizzjoni, irid jiġi ssalvagwardjat l-aċċess għal servizzi soċjali essenzjali bħall-kura tas-saħħa, it-trasport, l-

enerġija u l-edukazzjoni; jappella għal valutazzjonijiet tal-impatt soċjali għall-investimenti ewlenin kollha fit-tranżizzjoni reġjonali.

Or. en

Emenda 237
Rudi Kennes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11b. Jistieden lill-Istati Membri jitolbu li l-kumpaniji jistabbilixxu proċedura ġusta, disponibbli għall-pubbliku, aċċessibbli, prevedibbli u trasparenti biex il-ħaddiema li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, ir-rappreżentanti tagħhom u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra jkunu jistgħu jressqulhom ilmenti fir-rigward tal-applikazzjoni tad-drittijiet ta' tranżizzjoni ġusta u d-drittijiet tal-ħaddiema relatati; din il-proċedura tista' tiġi integrata fil-proċedura stabbilita fl-Artikolu 14 tad-Direttiva (UE) 2024/1760, fejn applikabbli; il-kumpaniji għandhom jieħdu miżuri biex jipprevjenu kwalunkwe forma ta' ritaljazzjoni billi jiżguraw il-kunfidenzjalità tal-identità tal-persuna jew tal-organizzazzjoni li tressaq l-ilment, f'konformità mad-Direttiva (UE) 2019/1937 u l-liġi nazzjonali rilevanti;

Or. en

Emenda 238
Klára Dobrev, Vilija Blinkevičiūtė, Marc Angel, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Evelyn Regner, Romana Jerković, Marit Maij

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11b. Jissottolinja l-ħtieġa li jiġu appoġġjati skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u l-importanza ta' appoġġ immirat għall-ħaddiema affettwati mit-tranżizzjonijiet, abbażi tal-esperjenza pożittiva ta' SURE; jappella għal mekkaniżmu SURE msaħħaħ, peress li l-appoġġ għal tali miżuri ta' protezzjoni tal-impjiegi fi żminijiet ta' kriżi jista' jistabbilizza n-nefqa pubblika ddedikata għall-politiki tal-impjiegi u miżuri ta' tranżizzjoni ġusta biex jittaffew l-impatti immedjati tat-trasformazzjoni meħtieġa tal-ekonomija tal-UE fuq l-impjiegi;

Or. en

Emenda 239
Mélanie Disdier, Marie Dauchy, Nikola Bartůšek
f'isem il-Grupp PfE
Séverine Werbrouck

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jisħaq li l-impatt fuq l-impjiegi se jvarja bejn ir-reġjuni u l-popolazzjonijiet; jenfasizza, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa li ċ-ċittadini u l-partijiet ikkonċernati lokali jiġu involuti u jingħataw is-setgħa biex ikunu atturi attivi fit-tranżizzjoni; jisħaq li l-awtoritajiet pubbliċi jeħtiġilhom jinvolvu ruħhom f'konsultazzjoni u kooperazzjoni strateġiċi mas-sħab soċjali matul il-ġestjoni tat-tranżizzjoni; jisħaq li parteċipazzjoni sinifikanti tista' tiġi żgurata permezz ta' konsultazzjonijiet fi stadju bikri u mandati ċari u drittijiet tal-vot għas-sħab soċjali, għall-SMEs, għas-soċjetà ċivili u għaż-żgħażagħ f'korpi ta' koordinazzjoni reġjonali;	***imħassar***

Or. fr

Emenda 240
Rudi Kennes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jisħaq li l-impatt fuq l-impjiegi se jvarja bejn ir-reġjuni u l-popolazzjonijiet; jenfasizza, f'dan ir-rigward, ***il-ħtieġa*** li ċ-ċittadini u l-partijiet ikkonċernati lokali jiġu involuti u jingħataw is-setgħa biex ikunu atturi attivi fit-tranżizzjoni; jisħaq li l-awtoritajiet pubbliċi jeħtiġilhom jinvolvu ruħhom ***f'konsultazzjoni u kooperazzjoni strateġiċi*** mas-sħab soċjali matul il-ġestjoni tat-tranżizzjoni; jisħaq li parteċipazzjoni sinifikanti tista' tiġi żgurata permezz ***ta' konsultazzjonijiet fi stadju bikri u mandati ċari u drittijiet tal-vot għas-sħab*** soċjali, ***għall-SMEs, għas-soċjetà*** ċivili u ***għaż-żgħażagħ*** f'korpi ta' koordinazzjoni reġjonali;	12. Jisħaq li l-impatt fuq l-impjiegi se jvarja bejn ir-reġjuni u l-popolazzjonijiet; jenfasizza, f'dan ir-rigward, ***ir-rekwiżit*** li ċ-ċittadini u l-partijiet ikkonċernati lokali jiġu involuti u jingħataw is-setgħa biex ikunu atturi attivi fit-tranżizzjoni; jisħaq li l-awtoritajiet pubbliċi jeħtiġilhom jinvolvu ruħhom ***fi tfassil konġunt strateġiku*** mas-sħab soċjali matul il-ġestjoni tat-tranżizzjoni; jisħaq li parteċipazzjoni sinifikanti tista' tiġi żgurata permezz ***tal-involviment tas-sħab*** soċjali, ***l-SMEs, is-soċjetà*** ċivili u ***ż-żgħażagħ*** f'korpi ta' koordinazzjoni reġjonali ***u billi jiġu pprovduti metodi u miżuri ta' parteċipazzjoni aċċessibbli, inkluż - iżda mhux limitat għal - aċċess lingwistiku, ħin imħallas/indukrar tat-tfal, appoġġ għall-ivvjaġġar, u mekkaniżmi effettivi ta' lmentar u appell sabiex il-komunitajiet affettwati jkunu jistgħu jikkontestaw u jirrimedjaw il-ħsara***;

Or. en

Emenda 241
Andrea Wechsler, Miriam Lexmann, Raúl de la Hoz Quintano, Angelika Winzig, Henrik Dahl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jisħaq li l-impatt fuq l-impjiegi se jvarja bejn ir-reġjuni u l-popolazzjonijiet; jenfasizza, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa li ċ-ċittadini u l-partijiet ikkonċernati lokali	12. Jisħaq li l-impatt fuq l-impjiegi se jvarja bejn ir-reġjuni u l-popolazzjonijiet; jenfasizza, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa li ċ-ċittadini u l-partijiet ikkonċernati lokali

jiġu involuti u jingħataw is-setgħa biex ikunu atturi attivi fit-tranżizzjoni; jisħaq li l-awtoritajiet pubbliċi jeħtiġilhom jinvolvu ruħhom f'konsultazzjoni u kooperazzjoni strateġiċi mas-sħab soċjali matul il-ġestjoni tat-tranżizzjoni; ***jisħaq li parteċipazzjoni sinifikanti tista' tiġi żgurata permezz ta' konsultazzjonijiet fi stadju bikri u mandati ċari u drittijiet tal-vot għas-sħab soċjali, għall-SMEs, għas-soċjetà ċivili u għaż-żgħażagħ f'korpi ta' koordinazzjoni reġjonali;***	jiġu involuti u jingħataw is-setgħa biex ikunu atturi attivi fit-tranżizzjoni; jisħaq li l-awtoritajiet pubbliċi jeħtiġilhom jinvolvu ruħhom f'konsultazzjoni u kooperazzjoni strateġiċi mas-sħab soċjali matul il-ġestjoni tat-tranżizzjoni;

Or. en

Emenda 242
Branislav Ondruš

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jisħaq li l-impatt fuq l-impjiegi se jvarja bejn ir-reġjuni u l-popolazzjonijiet; jenfasizza, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa li ċ-ċittadini u l-partijiet ikkonċernati lokali jiġu involuti u jingħataw is-setgħa biex ikunu atturi attivi fit-tranżizzjoni; jisħaq li l-awtoritajiet pubbliċi jeħtiġilhom jinvolvu ruħhom f'konsultazzjoni u kooperazzjoni strateġiċi mas-sħab soċjali matul il-ġestjoni tat-tranżizzjoni; jisħaq li parteċipazzjoni sinifikanti tista' tiġi żgurata permezz ta' konsultazzjonijiet fi stadju bikri u mandati ċari u drittijiet tal-vot għas-sħab soċjali, għall-SMEs, għas-soċjetà ċivili u għaż-żgħażagħ f'korpi ta' koordinazzjoni reġjonali;	12. Jisħaq li l-impatt fuq l-impjiegi se jvarja bejn ir-reġjuni u l-popolazzjonijiet; jenfasizza, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa li ċ-ċittadini u l-partijiet ikkonċernati lokali jiġu involuti u jingħataw is-setgħa biex ikunu atturi attivi fit-tranżizzjoni; jisħaq li l-awtoritajiet pubbliċi jeħtiġilhom jinvolvu ruħhom f'konsultazzjoni u kooperazzjoni strateġiċi mas-sħab soċjali matul il-ġestjoni tat-tranżizzjoni; jisħaq li parteċipazzjoni sinifikanti tista' tiġi żgurata permezz ta' konsultazzjonijiet fi stadju bikri u mandati ċari u drittijiet tal-vot għas-sħab soċjali, għall-SMEs, ***inklużi l-intrapriżi soċjali,*** għas-soċjetà ċivili u għaż-żgħażagħ f'korpi ta' koordinazzjoni reġjonali;

Or. en

Emenda 243
Maria Zacharia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jisħaq li l-impatt fuq l-impjiegi se jvarja bejn ir-reġjuni u l-popolazzjonijiet; jenfasizza, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa li ċ-ċittadini u l-partijiet ikkonċernati lokali jiġu involuti u jingħataw is-setgħa biex ikunu atturi attivi fit-tranżizzjoni; jisħaq li l-awtoritajiet pubbliċi jeħtiġilhom jinvolvu ruħhom f'konsultazzjoni u kooperazzjoni strateġiċi mas-sħab soċjali matul il-ġestjoni tat-tranżizzjoni; jisħaq li parteċipazzjoni sinifikanti tista' tiġi żgurata permezz ta' konsultazzjonijiet fi stadju bikri u mandati ċari u drittijiet tal-vot għas-sħab soċjali, għall-SMEs, għas-soċjetà ċivili ***u*** għaż-żgħażagħ f'korpi ta' koordinazzjoni reġjonali;	12. Jisħaq li l-impatt fuq l-impjiegi se jvarja bejn ir-reġjuni u l-popolazzjonijiet; jenfasizza, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa li ċ-ċittadini u l-partijiet ikkonċernati lokali jiġu involuti u jingħataw is-setgħa biex ikunu atturi attivi fit-tranżizzjoni; jisħaq li l-awtoritajiet pubbliċi jeħtiġilhom jinvolvu ruħhom f'konsultazzjoni u kooperazzjoni strateġiċi mas-sħab soċjali matul il-ġestjoni tat-tranżizzjoni; jisħaq li parteċipazzjoni sinifikanti tista' tiġi żgurata permezz ta' konsultazzjonijiet fi stadju bikri u mandati ċari u drittijiet tal-vot għas-sħab soċjali, għall-SMEs, għas-soċjetà ċivili***,*** għaż-żgħażagħ***, għat-trade unions, għall-organizzazzjonijiet tan-nisa u għall-movimenti soċjali lokali*** f'korpi ta' koordinazzjoni reġjonali;

Or. el

Emenda 244
Klára Dobrev, Vilija Blinkevičiūtė, Marc Angel, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Evelyn Regner, Romana Jerković, Marit Maij

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jisħaq li l-impatt fuq l-impjiegi se jvarja bejn ir-reġjuni u l-popolazzjonijiet; jenfasizza, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa li ċ-ċittadini u l-partijiet ikkonċernati lokali jiġu involuti u jingħataw is-setgħa biex ikunu atturi attivi fit-tranżizzjoni; jisħaq li l-awtoritajiet pubbliċi jeħtiġilhom jinvolvu ruħhom f'konsultazzjoni u kooperazzjoni strateġiċi mas-sħab soċjali matul il-ġestjoni tat-tranżizzjoni; jisħaq li parteċipazzjoni sinifikanti tista' tiġi żgurata permezz ta' konsultazzjonijiet fi stadju bikri u mandati ċari u drittijiet tal-vot għas-sħab soċjali, għall-SMEs, għas-soċjetà ċivili u għaż-	12. Jisħaq li l-impatt fuq l-impjiegi se jvarja bejn ir-reġjuni u l-popolazzjonijiet; jenfasizza, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa li ċ-ċittadini u l-partijiet ikkonċernati lokali***, inkluži l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili,*** jiġu involuti u jingħataw is-setgħa biex ikunu atturi attivi fit-tranżizzjoni***; jenfasizza l-importanza li jiġu promossi inizjattivi mmexxija mill-ħaddiema, inkluži kooperattivi tal-ħaddiema, akkwiżizzjonijiet maġġoritarji mill-impjegati u forom oħrajn ta' sjieda kollettiva u bbażata fil-komunità***; jisħaq li l-awtoritajiet pubbliċi jeħtiġilhom jinvolvu

żgħażagħ f'korpi ta' koordinazzjoni reġjonali;	ruħhom f'konsultazzjoni u kooperazzjoni strateġiċi mas-sħab soċjali ***u s-s-soċjetà ċivili*** matul il-ġestjoni tat-tranżizzjoni; jisħaq li parteċipazzjoni sinifikanti tista' tiġi żgurata permezz ta' konsultazzjonijiet fi stadju bikri u mandati ċari u drittijiet tal-vot għas-sħab soċjali, għall-SMEs, għas-soċjetà ċivili***, għall-ekonomija soċjali*** u għaż-żgħażagħ f'korpi ta' koordinazzjoni reġjonali;

Or. en

Emenda 245
Sara Matthieu
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jisħaq li l-impatt fuq l-impjiegi se jvarja bejn ir-reġjuni u l-popolazzjonijiet; jenfasizza**,** f'dan ir-rigward**,** il-ħtieġa li ċ-ċittadini u l-partijiet ikkonċernati lokali jiġu involuti u jingħataw is-setgħa biex ikunu atturi attivi fit-tranżizzjoni; jisħaq li l-awtoritajiet pubbliċi jeħtiġilhom jinvolvu ruħhom f'konsultazzjoni u kooperazzjoni strateġiċi mas-sħab soċjali matul il-ġestjoni tat-tranżizzjoni; jisħaq li parteċipazzjoni sinifikanti tista' tiġi żgurata permezz ta' konsultazzjonijiet fi stadju bikri u mandati ċari u drittijiet tal-vot għas-sħab soċjali, għall-SMEs, għas-soċjetà ċivili u għaż-żgħażagħ f'korpi ta' koordinazzjoni reġjonali;	12. Jisħaq li l-impatt fuq l-impjiegi se jvarja bejn ir-reġjuni u l-popolazzjonijiet; jenfasizza f'dan ir-rigward il-ħtieġa li ċ-ċittadini u l-partijiet ikkonċernati lokali***, inklużi l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li għandhom fehim tajjeb tal-isfidi u l-ħtiġijiet tal-komunitajiet lokali,*** jiġu involuti u jingħataw is-setgħa biex ikunu atturi attivi fit-tranżizzjoni; jisħaq li l-awtoritajiet pubbliċi jeħtiġilhom jinvolvu ruħhom f'konsultazzjoni u kooperazzjoni strateġiċi mas-sħab soċjali matul il-ġestjoni tat-tranżizzjoni; jisħaq li parteċipazzjoni sinifikanti tista' tiġi żgurata permezz ta' konsultazzjonijiet fi stadju bikri u mandati ċari u drittijiet tal-vot għas-sħab soċjali, għall-SMEs, għas-soċjetà ċivili u għaż-żgħażagħ f'korpi ta' koordinazzjoni reġjonali;

Or. en

Emenda 246
Petr Bystron

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jisħaq li l-impatt fuq l-impjiegi se jvarja bejn ir-reġjuni u l-popolazzjonijiet; jenfasizza, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa li ċ-ċittadini u l-partijiet ikkonċernati lokali jiġu involuti u jingħataw is-setgħa biex ikunu atturi attivi ***fit-tranżizzjoni***; jisħaq li l-awtoritajiet pubbliċi jeħtiġilhom jinvolvu ruħhom f'konsultazzjoni u kooperazzjoni strateġiċi mas-sħab soċjali matul il-ġestjoni tat-tranżizzjoni; jisħaq li parteċipazzjoni sinifikanti tista' tiġi żgurata permezz ta' konsultazzjonijiet fi stadju bikri u mandati ċari u drittijiet tal-vot għas-sħab soċjali, għall-SMEs, għas-soċjetà ċivili u għaż-żgħażagħ f'korpi ta' koordinazzjoni reġjonali;	12. Jisħaq li l-impatt fuq l-impjiegi se jvarja bejn ir-reġjuni u l-popolazzjonijiet; jenfasizza, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa li ċ-ċittadini u l-partijiet ikkonċernati lokali jiġu involuti u jingħataw is-setgħa biex ikunu atturi attivi ***fid-deċiżjoni dwar jekk għandux ikun hemm tranżizzjoni***; jisħaq li l-awtoritajiet pubbliċi jeħtiġilhom jinvolvu ruħhom f'konsultazzjoni u kooperazzjoni strateġiċi mas-sħab soċjali matul il-ġestjoni tat-tranżizzjoni; jisħaq li parteċipazzjoni sinifikanti tista' tiġi żgurata permezz ta' konsultazzjonijiet fi stadju bikri u mandati ċari u drittijiet tal-vot għas-sħab soċjali, għall-SMEs, għas-soċjetà ċivili u għaż-żgħażagħ f'korpi ta' koordinazzjoni reġjonali;

Or. en

Emenda 247
Sara Matthieu
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Jinsisti li din id-direttiva ma għandhiex tikkostitwixxi raġuni valida biex jitnaqqas il-livell ġenerali ta' protezzjoni diġà pprovdut lill-ħaddiema fl-Istati Membri, b'mod partikolari fir-rigward tad-drittijiet għat-taħriġ, it-tranżizzjoni minn impjieg għal ieħor, is-sigurtà tal-impjieg u l-involviment tal-ħaddiema; jisħaq li din id-Direttiva ma għandhiex taffettwa l-prerogattiva tal-Istati Membri li japplikaw jew li jintroduċu liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi li huma

aktar favorevoli għall-ħaddiema jew li jinkoraġġixxu jew jippermettu l-applikazzjoni ta' ftehimiet kollettivi li huma aktar favorevoli għall-ħaddiema; jenfasizza li xejn f'din id-Direttiva ma għandu jiġi interpretat jew applikat b'mod li jirrestrinġi, jikser jew jimmina d-drittijiet fundamentali rikonoxxuti fl-Istati Membri, inkluż id-dritt għal negozjar kollettiv, id-dritt tal-istrajkjar jew id-dritt li tittieħed azzjoni kollettiva; jinsisti li din id-Direttiva tirrispetta l-awtonomija tas-sħab soċjali u ma taffettwax il-kapaċità tagħhom li jinnegozjaw, jikkonkludu jew jinfurzaw ftehimiet kollettivi, jew li jinvolvu ruħhom f'attivitajiet oħra konsistenti mas-sistemi nazzjonali tar-relazzjonijiet industrijali; jisħaq ukoll li din id-Direttiva toħloq drittijiet addizzjonali għall-informazzjoni, il-konsultazzjoni u n-negozjar kollettiv f'sitwazzjonijiet ta' tranżizzjoni u għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' strumenti oħra tad-dritt tal-Unjoni dwar l-involviment tal-impjegati.

Or. en

Emenda 248
Gheorghe Falcă, Romana Tomc, Andrzej Buła, Miriam Lexmann, Liesbet Sommen, Giusi Princi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jfasslu politiki li jisfruttaw l-opportunitajiet ekonomiċi għas-settur privat, b'mod partikolari għall-SMEs, billi jnaqqsu l-piżijiet amministrattivi, inaqqsu r-rekwiżiti ta' kofinanzjament u jissimplifikaw l-aċċess għall-finanzjament; jisħaq li l-intraprendituri u l-kumpaniji ż-żgħar huma ċentrali għall-investiment, l-innovazzjoni u l-ħolqien tal-

impjiegi, u li l-perjodi ta' finanzjament u l-assistenza teknika jridu jitfasslu skont il-ħtiġijiet tagħhom biex jisfruttaw bis-sħiħ il-potenzjal tagħhom fl-ekonomija ekoloġika u diġitali;

Or. en

Emenda 249
Rudi Kennes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Jisħaq li l-gvernijiet għandhom jappoġġjaw il-bini tal-kapaċità tas-sħab soċjali, b'mod partikolari fil-livell reġjonali (u bħala parti mill-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika); jisħaq li d-demokrazija deliberattiva tippermetti liċ-ċittadini jfasslu b'mod konġunt politiki lokali u reġjonali li jissodisfaw in-neċessitajiet u l-pekuljaritajiet tat-territorju, u dan iżid l-involviment u l-aderenza mal-politiki;

Or. en

Emenda 250
András Tivadar Kulja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Jistieden lill-Kummissjoni tinkludi fid-direttiva standards adattati għal persuni b'diżabbiltà, inklużi l-aċċessibbiltà fuq il-post tax-xogħol, arranġamenti flessibbli, u akkomodazzjoni raġonevoli fit-taħriġ.

Or. en

Emenda 251
Gheorghe Falcă, Romana Tomc, Andrzej Buła, Miriam Lexmann, Liesbet Sommen, Pascal Arimont, Giusi Princi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12b. Jenfasizza l-importanza ta' strateġiji mmirati għaż-żoni rurali u periferiċi, fejn in-nuqqas ta' investiment, il-migrazzjoni 'l barra u l-provvista dgħajfa tax-xogħol jheddu l-iżvilupp fit-tul; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw politiki bbażati fuq il-post li joħolqu opportunitajiet ekonomiċi kemm għan-nies kif ukoll għall-kumpaniji fir-reġjuni rurali, jattiraw l-investiment privat u jiġġeneraw impjiegi lokali; jissottolinja li tali strateġiji huma meħtieġa biex jiġi żgurat li ċ-ċittadini jkunu jistgħu jibnu l-futur tagħhom fil-komunitajiet tagħhom;

Or. en

Emenda 252
Rudi Kennes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12b. Jistieden lill-Kummissjoni tirrikonoxxi d-"dritt għal tranżizzjoni ġusta individwali u kollettiva", għall-ħaddiema u l-komunitajiet - fl-Ewropa u barra mill-UE. Fil-livell individwali, id-dritt għal tranżizzjoni ġusta jinkludi d-dritt li wieħed jibqa' fl-impjieg jew li jkollu aċċess għal impjieg b'kundizzjonijiet ġusti u deċenti. Fil-livell

kollettiv, id-dritt għal tranżizzjoni ġusta jeħtieġ li l-ebda persuna, grupp jew territorju ma għandhom jitħallew jibqgħu lura;

Or. en

Emenda 253
András Tivadar Kulja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12b. Jisħaq fuq l-importanza li tingħata attenzjoni partikolari lis-settur tal-kura kif ukoll lill-ħaddiema u lir-reġjuni fl-industriji l-aktar affettwati mit-tranżizzjoni.

Or. en

Emenda 254
Gheorghe Falcă, Romana Tomc, Andrzej Buła, Miriam Lexmann, Liesbet Sommen, Pascal Arimont, Giusi Princi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12c. Jenfasizza li l-projezzjonijiet reġjonali tal-Eurostat jindikaw tnaqqis kontinwu fil-popolazzjoni fl-età tax-xogħol f'ħafna territorji matul is-snin 2020 u 2030, b'mod partikolari fir-reġjuni diġà affettwati mit-tixjiħ u l-emigrazzjoni; jinnota li l-iżbilanċi demografiċi jżidu l-kostijiet soċjali u fiskali tan-nuqqas ta' investiment fiż-żoni rurali, inklużi bażijiet għat-taxxa li jkunu irqaq u kostijiet ogħla tas-servizzi per capita; jissottolinja li tali xejriet jirriskjaw li jdgħajfu l-provvista tax-xogħol fil-mument stess meta l-ħaddiema tas-sengħa jkunu essenzjali

għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipprijoritizzaw l-investiment u l-politiki mmirati li jsaħħu l-opportunitajiet ekonomiċi fiż-żoni rurali, jappoġġjaw il-ħolqien tal-impjiegi u jiżguraw id-disponibbiltà fit-tul ta' forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati;

Or. en

Emenda 255
Rudi Kennes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12c. Jistieden lill-Kummissjoni tirrikonoxxi wkoll id-"dritt ta' soġġorn", kontra l-mobbiltà furzata. L-implimentazzjoni ta' miżuri ta' tranżizzjoni ġusta trid tiżgura li l-ħaddiema u l-komunitajiet ikollhom il-possibbiltà li jibqgħu fiż-żona ġeografika ta' impjieg u/jew ta' residenza attwali tagħhom. Dan jirrifletti "dritt li wieħed jibqa' fit-territorju" li mingħajru l-miżuri ta' tranżizzjoni ġusta jirriskjaw li jimbuttaw lill-ħaddiema lejn mobbiltà ġeografika mhux mixtieqa;

Or. en

Emenda 256
Mélanie Disdier, Marie Dauchy, Nikola Bartůšek, Pál Szekeres
f'isem il-Grupp PfE
Séverine Werbrouck

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jitlob li l-Kummissjoni	***imħassar***

tippreżenta, sal-31 ta' Jannar 2027, abbażi tal-Artikoli 153(2), il-punt (b), flimkien mal-Artikolu 153(1), il-punti (a) (b), (e) u (h) tat-TFUE, proposta għal direttiva dwar it-tranżizzjoni ġusta fid-dinja tax-xogħol, skont ir-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fl-Anness tagħha;

Or. fr

Emenda 257
Miriam Lexmann, Henrik Dahl, Andrea Wechsler, Arba Kokalari, Angelika Winzig, Raúl de la Hoz Quintano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jitlob li l-Kummissjoni tippreżenta, sal-31 ta' Jannar 2027, abbażi tal-Artikoli 153(2), il-punt (b), flimkien mal-Artikolu 153(1), il-punti (a) (b), (e) u (h) tat-TFUE, proposta għal direttiva dwar it-tranżizzjoni ġusta fid-dinja tax-xogħol, skont ir-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fl-Anness tagħha;	***imħassar***

Or. en

Emenda 258
Georgiana Teodorescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jitlob li l-Kummissjoni tippreżenta, sal-31 ta' Jannar 2027, abbażi tal-Artikoli 153(2), il-punt (b), flimkien mal-Artikolu 153(1), il-punti (a) (b), (e) u (h) tat-TFUE, proposta għal direttiva dwar it-tranżizzjoni ġusta fid-	***imħassar***

dinja tax-xogħol, skont ir-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fl-Anness tagħha;

Or. en

Emenda 259
Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jitlob li l-Kummissjoni tippreżenta***, sal-31 ta' Jannar 2027, abbażi tal-Artikoli 153(2), il-punt (b), flimkien mal-Artikolu 153(1), il-punti (a) (b), (e) u (h) tat-TFUE,*** proposta għal ***direttiva*** dwar it-tranżizzjoni ġusta fid-dinja tax-xogħol, ***skont ir-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fl-Anness tagħha***;	13. Jitlob li l-Kummissjoni tippreżenta proposta għal ***qafas ta' miżuri mhux leġiżlattivi*** dwar it-tranżizzjoni ġusta fid-dinja tax-xogħol, ***wara konsultazzjoni mas-sħab soċjali Ewropej***;

Or. en

Emenda 260
Evelyn Regner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jitlob li l-Kummissjoni tippreżenta, sal-31 ta' Jannar 2027, abbażi tal-Artikoli 153(2), il-punt (b), flimkien mal-Artikolu 153(1), il-punti (a) (b), (e) u (h) tat-TFUE, proposta għal direttiva dwar it-tranżizzjoni ġusta fid-dinja tax-xogħol, skont ir-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fl-Anness tagħha;	13. Jitlob li l-Kummissjoni tippreżenta, sal-31 ta' Jannar 2027, abbażi tal-Artikoli 153(2), il-punt (b) ***u (c)***, flimkien mal-Artikolu 153(1), il-punti (a) (b), (e) u (h) tat-TFUE, proposta għal direttiva dwar it-tranżizzjoni ġusta fid-dinja tax-xogħol, skont ir-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fl-Anness tagħha;

Or. en

Emenda 261
Andrea Wechsler, Miriam Lexmann, Raúl de la Hoz Quintano, Angelika Winzig, Henrik Dahl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Iqis li l-implikazzjonijiet finanzjarji ***tal-proposta mitluba*** għandhom ikunu koperti mill-allokazzjonijiet baġitarji eżistenti;	14. Iqis li l-implikazzjonijiet finanzjarji ***ta' din ir-riżoluzzjoni*** għandhom ikunu koperti mill-allokazzjonijiet baġitarji eżistenti;

Or. en

Emenda 262
Georgiana Teodorescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. ***Iqis*** li l-implikazzjonijiet finanzjarji tal-proposta mitluba għandhom ikunu koperti ***mill-allokazzjonijiet*** baġitarji eżistenti;	14. ***Jenfasizza bil-qawwa*** li l-implikazzjonijiet finanzjarji tal-proposta mitluba għandhom ikunu koperti ***minn allokazzjonijiet*** baġitarji eżistenti ***mingħajr ma jiżdied l-infiq tal-Unjoni jew jiġu imposti piżijiet ġodda fuq il-kontribwenti***;

Or. en

Emenda 263
Rudi Kennes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Iqis li l-implikazzjonijiet finanzjarji tal-proposta mitluba għandhom ikunu koperti mill-allokazzjonijiet baġitarji eżistenti;	14. Iqis li l-implikazzjonijiet finanzjarji tal-proposta mitluba għandhom ikunu ***primarjament*** koperti mill-allokazzjonijiet baġitarji eżistenti; ***jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi vvalutat, fil-livell nazzjonali u fil-livell***

tal-Unjoni, il-livell ta' riżorsi meħtieġ biex jintlaħqu l-objettivi tad-direttiva proposta;

Or. en

Emenda 264
Klára Dobrev, Vilija Blinkevičiūtė, Marc Angel, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Evelyn Regner, Romana Jerković, Marit Maij

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Jissottolinja li d-direttiva trid tinkludi penali effettivi, proporzjonati u dissważivi applikabbli għall-ksur tad-drittijiet u l-obbligi deskritti fid-direttiva; jisħaq li d-direttiva trid tinkludi wkoll nonrigressjoni u dispożizzjonijiet aktar favorevoli, biex jiġi żgurat li tiġi applikata b'mod ġust u konsistenti madwar l-Unjoni u biex jiġu pprovduti kundizzjonijiet ekwi għall-kumpaniji, tiġi evitata l-kompetizzjoni inġusta u tingħata ċertezza kemm lill-impjegaturi kif ukoll lill-ħaddiema; jenfasizza wkoll li d-direttiva trid tissalvagwardja d-drittijiet eżistenti u tirrispetta l-awtonomija tas-sħab soċjali;

Or. en

Emenda 265
Miriam Lexmann, Henrik Dahl, Andrea Wechsler, Arba Kokalari, Angelika Winzig, Raúl de la Hoz Quintano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni ***kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fl-anness*** lill-Kummissjoni u lill-Kunsill.	15. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kummissjoni u lill-Kunsill.

Emenda 266
Miriam Lexmann, Henrik Dahl, Andrea Wechsler, Arba Kokalari, Angelika Winzig, Raúl de la Hoz Quintano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
RAKKOMANDAZZJONIJIET DWAR IL-KONTENUT TAL-PROPOSTA MITLUBA	***imħassar***
Direttiva Ewropea għal tranżizzjoni ġusta fid-dinja tax-xogħol: l-iżgurar tal-ħolqien tal-impjiegi u r-rivitalizzazzjoni tal-ekonomiji lokali	
Il-Parlament Ewropew iqis li l-proposta leġiżlattiva futura għal direttiva dwar tranżizzjoni ġusta fid-dinja tax-xogħol: l-iżgurar tal-ħolqien tal-impjiegi u r-rivitalizzazzjoni tal-ekonomiji lokali għandha ssegwi dawn il-prinċipji u l-għanijiet:	
1 L-objettiv ġenerali tal-proposta huwa li jiġi stabbilit qafas tal-Unjoni ta' miżuri ta' politika li jistgħu jitqiegħdu fil-prattika fir-reġjuni milquta mit-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali bl-għan li jiġu żgurati tranżizzjoni soċjalment ġusta u inklużiva u l-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità.	
L-objettiv ġenerali tal-proposta huwa li jiġi stabbilit qafas tal-Unjoni ta' miżuri ta' politika li jistgħu jitqiegħdu fil-prattika fir-reġjuni milquta mit-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali bl-għan li jiġu żgurati tranżizzjoni soċjalment ġusta u inklużiva u l-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità.	
Rakkomandazzjoni 2: Forma tal-proposta	
Il-proposta għandha tieħu l-forma ta' Direttiva.	
Minħabba l-ħtieġa ta' pakkett komprensiv ta' miżuri meħtieġa biex jintlaħaq dan l-objettiv, il-proposta għandha tinkludi	

elementi fl-oqsma li ġejjin:

(a) il-kundizzjonijiet tax-xogħol;

(b) l-integrazzjoni ta' persuni esklużi mis-suq tax-xogħol;

(c) l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-ħaddiema;

(d) it-titjib tal-ambjent tax-xogħol biex jitħarsu s-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema.

Rakkomandazzjoni 3: Suġġett tal-proposta

Il-proposta għandha tiffoka fuq il-miżuri ta' politika li ġejjin:

(a) l-istabbiliment ta' qafas iddedikat għall-antiċipazzjoni u l-ġestjoni tal-bidla fir-reġjuni u s-setturi li qed jiffaċċjaw tranżizzjonijiet abbażi tal-prinċipji tal-informazzjoni u l-konsultazzjoni, id-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv;

(b) l-iżgurar, abbażi ta' rieżami tal-qafas leġiżlattiv, li d-dritt għall-informazzjoni u għall-konsultazzjoni tal-ħaddiema u r-rappreżentanti tagħhom jiġi applikat b'mod effettiv fil-kuntest tat-tranżizzjonijiet;

(c) l-istabbiliment ta' dritt individwali għat-taħriġ mingħajr ħlas għall-ħaddiema u matul il-ħinijiet tax-xogħol;

(d) l-istabbiliment ta' strateġiji nazzjonali ta' tranżizzjoni ġusta, b'enfasi partikolari fuq l-iżvilupp ta' viżjoni fit-tul għall-ekonomiji lokali u l-forza tax-xogħol fir-reġjuni milquta kollha;

(e) l-iżvilupp ta' programmi ta' appoġġ għan-negozji, b'mod partikolari l-SMEs u l-atturi lokali sabiex jitħeġġeġ il-ħolqien tal-impjiegi lokali;

(f) l-iżgurar tat-tqabbil tal-provvista u d-domanda tax-xogħol mal-ħiliet permezz ta' użu kkombinat ta' intelligenza tas-suq tax-xogħol, kollaborazzjoni msaħħa tal-atturi lokali mal-fornituri tat-taħriġ, u l-promozzjoni ta' pjanijiet ta' tranżizzjoni fil-livell tal-kumpaniji;

(g) l-iżvilupp ta' struttura ta' monitoraġġ biex tingħata prospettiva strateġika dwar l-impatti tat-tranżizzjoni u l-iżviluppi fis-suq tax-xogħol.

Or. en

Emenda 267
Georgiana Teodorescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
RAKKOMANDAZZJONIJIET DWAR IL-KONTENUT TAL-PROPOSTA MITLUBA	***imħassar***
Direttiva Ewropea għal tranżizzjoni ġusta fid-dinja tax-xogħol: l-iżgurar tal-ħolqien tal-impjiegi u r-rivitalizzazzjoni tal-ekonomiji lokali	
Il-Parlament Ewropew iqis li l-proposta leġiżlattiva futura għal direttiva dwar tranżizzjoni ġusta fid-dinja tax-xogħol: l-iżgurar tal-ħolqien tal-impjiegi u r-rivitalizzazzjoni tal-ekonomiji lokali għandha ssegwi dawn il-prinċipji u l-għanijiet:	
1 L-objettiv ġenerali tal-proposta huwa li jiġi stabbilit qafas tal-Unjoni ta' miżuri ta' politika li jistgħu jitqiegħdu fil-prattika fir-reġjuni milquta mit-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali bl-għan li jiġu żgurati tranżizzjoni soċjalment ġusta u inklużiva u l-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità.	
L-objettiv ġenerali tal-proposta huwa li jiġi stabbilit qafas tal-Unjoni ta' miżuri ta' politika li jistgħu jitqiegħdu fil-prattika fir-reġjuni milquta mit-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali bl-għan li jiġu żgurati tranżizzjoni soċjalment ġusta u inklużiva u l-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità.	
Rakkomandazzjoni 2: Forma tal-proposta	
Il-proposta għandha tieħu l-forma ta'	

Direttiva.

Minħabba l-ħtieġa ta' pakkett komprensiv ta' miżuri meħtieġa biex jintlaħaq dan l-objettiv, il-proposta għandha tinkludi elementi fl-oqsma li ġejjin:

(a) il-kundizzjonijiet tax-xogħol;

(b) l-integrazzjoni ta' persuni esklużi mis-suq tax-xogħol;

(c) l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-ħaddiema;

(d) it-titjib tal-ambjent tax-xogħol biex jitħarsu s-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema.

Rakkomandazzjoni 3: Suġġett tal-proposta

Il-proposta għandha tiffoka fuq il-miżuri ta' politika li ġejjin:

(a) l-istabbiliment ta' qafas iddedikat għall-antiċipazzjoni u l-ġestjoni tal-bidla fir-reġjuni u s-setturi li qed jiffaċċjaw tranżizzjonijiet abbażi tal-prinċipji tal-informazzjoni u l-konsultazzjoni, id-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv;

(b) l-iżgurar, abbażi ta' rieżami tal-qafas leġiżlattiv, li d-dritt għall-informazzjoni u għall-konsultazzjoni tal-ħaddiema u r-rappreżentanti tagħhom jiġi applikat b'mod effettiv fil-kuntest tat-tranżizzjonijiet;

(c) l-istabbiliment ta' dritt individwali għat-taħriġ mingħajr ħlas għall-ħaddiema u matul il-ħinijiet tax-xogħol;

(d) l-istabbiliment ta' strateġiji nazzjonali ta' tranżizzjoni ġusta, b'enfasi partikolari fuq l-iżvilupp ta' viżjoni fit-tul għall-ekonomiji lokali u l-forza tax-xogħol fir-reġjuni milquta kollha;

(e) l-iżvilupp ta' programmi ta' appoġġ għan-negozji, b'mod partikolari l-SMEs u l-atturi lokali sabiex jitħeġġeġ il-ħolqien tal-impjiegi lokali;

(f) l-iżgurar tat-tqabbil tal-provvista u d-domanda tax-xogħol mal-ħiliet permezz ta' użu kkombinat ta' intelligenza tas-suq

tax-xogħol, kollaborazzjoni msaħħa tal-atturi lokali mal-fornituri tat-taħriġ, u l-promozzjoni ta' pjanijiet ta' tranżizzjoni fil-livell tal-kumpaniji;

(g) l-iżvilupp ta' struttura ta' monitoraġġ biex tingħata prospettiva strateġika dwar l-impatti tat-tranżizzjoni u l-iżviluppi fis-suq tax-xogħol.

Or. en

Emenda 268
Mélanie Disdier, Marie Dauchy, Nikola Bartůšek, Pál Szekeres
f'isem il-Grupp PfE
Séverine Werbrouck

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Rakkomandazzjoni 1 – paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
L-objettiv ġenerali tal-proposta huwa li ***jiġi stabbilit qafas tal-Unjoni*** ta' miżuri ta' politika li jistgħu jitqiegħdu fil-prattika ***fir-reġjuni milquta*** mit-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali bl-għan li jiġu żgurati ***tranżizzjoni soċjalment ġusta u inklużiva u l-ħolqien ta'*** impjiegi ta' kwalità.	L-objettiv ġenerali tal-proposta huwa li ***tippromwovi l-ħolqien*** ta' miżuri ta' politika ***fi ħdan l-Istati Membri*** li jistgħu jitqiegħdu fil-prattika ***f'territorji affettwati*** mit-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali bl-għan li jiġu żgurati impjiegi ta' kwalità.

Or. fr

Emenda 269
Maria Zacharia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Rakkomandazzjoni 1 – paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
L-objettiv ġenerali tal-proposta huwa li jiġi stabbilit qafas tal-Unjoni ta' miżuri ta' politika li jistgħu jitqiegħdu fil-prattika fir-reġjuni milquta mit-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali bl-għan li jiġu żgurati tranżizzjoni soċjalment ġusta u inklużiva u	L-objettiv ġenerali tal-proposta huwa li jiġi stabbilit qafas tal-Unjoni ta' miżuri ta' politika li jistgħu jitqiegħdu fil-prattika fir-reġjuni milquta mit-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali bl-għan li jiġu żgurati tranżizzjoni soċjalment ġusta u inklużiva u l-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità***, b'enfasi***

l-ħolqien ta’ impjiegi ta’ kwalità.	***fuq impjiegi stabbli full-time, pagi ġusti, ftehimiet kollettivi, ugwaljanza bejn il-ġeneri, kif ukoll it-tnaqqis tal-prekarjetà u tax-xogħol mhux iddikjarat;***

Or. el

Emenda 270
Klára Dobrev, Vilija Blinkevičiūtė, Marc Angel, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Evelyn Regner, Romana Jerković, Marit Maij

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Rakkomandazzjoni 1 – paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
L-objettiv ġenerali tal-proposta huwa li jiġi stabbilit qafas tal-Unjoni ta’ miżuri ta’ politika li jistgħu jitqiegħdu fil-prattika fir-reġjuni milquta mit-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali bl-għan li jiġu żgurati tranżizzjoni soċjalment ġusta u inklużiva u l-ħolqien ta’ impjiegi ta’ kwalità.	L-objettiv ġenerali tal-proposta huwa li jiġi stabbilit qafas tal-Unjoni ta’ miżuri ta’ politika li jistgħu jitqiegħdu fil-prattika fir-reġjuni milquta mit-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali bl-għan li jiġu żgurati tranżizzjoni soċjalment ġusta u inklużiva u l-ħolqien ***u l-protezzjoni*** ta’ impjiegi ta’ kwalità.

Or. en

Emenda 271
Pál Szekeres, Séverine Werbrouck, Nikola Bartůšek, Mélanie Disdier, Marie Dauchy

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Rakkomandazzjoni 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	L-objettiv ġenerali tal-proposta għandu jittratta wkoll il-kwistjoni li jitnaqqas l-influss ta’ migrazzjoni irregolari mingħajr sengħa u tiġi żgurata enerġija affordabbli u bi prezz baxx għall-SMEs.

Or. en

Emenda 272

Mélanie Disdier, Marie Dauchy, Nikola Bartůšek, Pál Szekeres
f'isem il-Grupp PfE
Séverine Werbrouck

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Rakkomandazzjoni 2 – paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Il-proposta għandha tieħu l-forma ta' Direttiva.	***imħassar***

Or. fr

Emenda 273
Maria Zacharia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Rakkomandazzjoni 2 – paragrafu 2 – punt da (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(da) l-inklużjoni ta' standards minimi vinkolanti biex jiġu żgurati l-protezzjoni soċjali b'saħħitha, il-ħarsien mis-sensji matul it-tranżizzjonijiet u r-rikonoxximent ġuridiku tad-drittijiet ta' parteċipazzjoni tal-ħaddiema.

Or. el

Emenda 274
Johan Danielsson

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Rakkomandazzjoni 2 – paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Tali Direttiva trid tippermetti lill-Istati Membri jagħtu lis-sħab soċjali, fil-livell xieraq u soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti mill-Istati Membri, l-għażla li jirrispettaw jew jikkonkludu ftehimiet kollettivi li jadattaw, jikkomplementaw u/jew ivarjaw mir-regoli inklużi fid-

Direttiva sakemm is-sistema nazzjonali tiggarantixxi riżultat ġust, u ma jiksrux id-drittijiet fundamentali. Direttiva ma għandha taffettwa bl-ebda mod l-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali kif rikonoxxut fl-Istati Membri u fil-livell tal-Unjoni, inkluż id-dritt jew il-libertà tal-istrajk jew ta' azzjoni oħra koperta mis-sistemi speċifiċi ta' relazzjonijiet industrijali fl-Istati Membri, f'konformità mad-dritt u/jew il-prattika nazzjonali. Lanqas ma taffettwa d-dritt li jiġu nnegozjati, konklużi u infurzati ftehimiet kollettivi, jew li tittieħed azzjoni kollettiva f'konformità mad-dritt u/jew mal-prattika nazzjonali.

Or. en

Emenda 275
Mélanie Disdier, Marie Dauchy, Nikola Bartůšek, Pál Szekeres
f'isem il-Grupp PfE
Séverine Werbrouck

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Rakkomandazzjoni 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3 Il-proposta għandha tiffoka fuq il-miżuri ta' politika li ġejjin:	***imħassar***
Il-proposta għandha tiffoka fuq il-miżuri ta' politika li ġejjin:	
(a) l-istabbiliment ta' qafas iddedikat għall-antiċipazzjoni u l-ġestjoni tal-bidla fir-reġjuni u s-setturi li qed jiffaċċjaw tranżizzjonijiet abbażi tal-prinċipji tal-informazzjoni u l-konsultazzjoni, id-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv;	
(b) l-iżgurar, abbażi ta' rieżami tal-qafas leġiżlattiv, li d-dritt għall-informazzjoni u għall-konsultazzjoni tal-ħaddiema u r-rappreżentanti tagħhom jiġi applikat b'mod effettiv fil-kuntest tat-tranżizzjonijiet;	
(c) l-istabbiliment ta' dritt individwali	

għat-taħriġ mingħajr ħlas għall-ħaddiema u matul il-ħinijiet tax-xogħol;

(d) l-istabbiliment ta' strateġiji nazzjonali ta' tranżizzjoni ġusta, b'enfasi partikolari fuq l-iżvilupp ta' viżjoni fit-tul għall-ekonomiji lokali u l-forza tax-xogħol fir-reġjuni milquta kollha;

(e) l-iżvilupp ta' programmi ta' appoġġ għan-negozji, b'mod partikolari l-SMEs u l-atturi lokali sabiex jitħeġġeġ il-ħolqien tal-impjiegi lokali;

(f) l-iżgurar tat-tqabbil tal-provvista u d-domanda tax-xogħol mal-ħiliet permezz ta' użu kkombinat ta' intelligenza tas-suq tax-xogħol, kollaborazzjoni msaħħa tal-atturi lokali mal-fornituri tat-taħriġ, u l-promozzjoni ta' pjanijiet ta' tranżizzjoni fil-livell tal-kumpaniji;

(g) l-iżvilupp ta' struttura ta' monitoraġġ biex tingħata prospettiva strateġika dwar l-impatti tat-tranżizzjoni u l-iżviluppi fis-suq tax-xogħol.

Or. fr

Emenda 276
Rudi Kennes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Rakkomandazzjoni 3 – paragrafu 1 – punt a

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(a) l-istabbiliment ta' qafas iddedikat għall-antiċipazzjoni u l-ġestjoni tal-bidla fir-reġjuni ***u s-setturi*** li qed jiffaċċjaw tranżizzjonijiet ***abbażi tal-prinċipji*** tal-informazzjoni u l-konsultazzjoni***, id-djalogu*** soċjali u n-negozjar kollettiv***;***	(a) l-istabbiliment ta' qafas iddedikat għall-antiċipazzjoni u l-ġestjoni tal-bidla fir-reġjuni***, is-setturi u l-kumpaniji*** li qed jiffaċċjaw tranżizzjonijiet ***permezz*** tal-informazzjoni u l-konsultazzjoni ***f'waqthom u effettivi tal-ħaddiema u r-rappreżentanti tagħhom (kif ukoll partijiet ikkonċernati rilevanti oħra inklużi l-komunitajiet lokali, il-popli indiġeni, il-gruppi taż-żgħażagħ u ċ-ċittadini affettwati), permezz tad-djalogu*** soċjali u n-negozjar kollettiv**.**

Or. en

Emenda 277
Sara Matthieu
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Rakkomandazzjoni 3 – paragrafu 1 – punt a

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(a) l-istabbiliment ta' qafas iddedikat għall-antiċipazzjoni u l-ġestjoni tal-bidla fir-reġjuni ***u s-setturi*** li qed jiffaċċjaw tranżizzjonijiet ***abbażi tal-prinċipji tal-informazzjoni u l-konsultazzjoni***, id-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv;	(a) l-istabbiliment ta' qafas iddedikat għall-antiċipazzjoni u l-ġestjoni tal-bidla fir-reġjuni***, is-setturi u l-kumpaniji*** li qed jiffaċċjaw tranżizzjonijiet ***permezz ta' informazzjoni u konsultazzjoni f'waqthom u effettivi***, id-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv;

Or. en

Emenda 278
Klára Dobrev, Vilija Blinkevičiūtė, Marc Angel, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Evelyn Regner, Romana Jerković, Marit Maij

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Rakkomandazzjoni 3 – paragrafu 1 – punt a

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(a) l-istabbiliment ta' qafas iddedikat għall-antiċipazzjoni u l-ġestjoni tal-bidla fir-reġjuni ***u s-setturi*** li qed jiffaċċjaw tranżizzjonijiet ***abbażi tal-prinċipji*** tal-informazzjoni u l-konsultazzjoni, id-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv;	(a) l-istabbiliment ta' qafas iddedikat għall-antiċipazzjoni u l-ġestjoni tal-bidla fir-reġjuni***, is-setturi u l-kumpaniji*** li qed jiffaċċjaw tranżizzjonijiet ***permezz*** tal-informazzjoni u l-konsultazzjoni ***f'waqthom u effettivi***, id-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv;

Or. en

Emenda 279
Maria Zacharia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Anness I – Rakkomandazzjoni 3 – paragrafu 1 – punt a

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(a) l-istabbiliment ta' qafas iddedikat għall-antiċipazzjoni u l-ġestjoni tal-bidla fir-reġjuni u s-setturi li qed jiffaċċjaw tranżizzjonijiet abbażi tal-prinċipji tal-informazzjoni u l-konsultazzjoni, id-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv;	(a) l-istabbiliment ta' qafas iddedikat għall-antiċipazzjoni u l-ġestjoni tal-bidla fir-reġjuni u s-setturi li qed jiffaċċjaw tranżizzjonijiet abbażi tal-prinċipji tal-informazzjoni u l-konsultazzjoni, id-djalogu soċjali ***obbligatorju*** u n-negozjar kollettiv;

Or. el

Emenda 280
Rudi Kennes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Rakkomandazzjoni 3 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(aa) l-istabbiliment ta' drittijiet individwali għal tranżizzjoni ġusta: għall-ħaddiema, id-dritt għal kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u deċenti u l-ħiliet u t-taħriġ meħtieġa għat-tranżizzjonijiet; għall-persuni kollha affettwati mit-tranżizzjonijiet doppji u r-ristrutturar konness, id-dritt għal aċċess għall-impjieg f'kundizzjonijiet ġusti u deċenti, u d-dritt li jibqgħu fiż-żona ġeografika attwali tagħhom.

Or. en

Emenda 281
Rudi Kennes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Rakkomandazzjoni 3 – paragrafu 1 – punt ab (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(ab) l-istabbiliment ta' dritt kollettiv għal tranżizzjoni ġusta: l-Istati Membri

għandhom jiżguraw li l-ebda territorju jew komunità ma jitħallew jibqgħu lura; dan ifisser dritt li wieħed jgħix f'ambjent b'saħħtu, jibbenefika minn opportunitajiet ta' impjieg f'diversi setturi u aċċess għas-servizzi soċjali.

Or. en

Emenda 282
Johan Danielsson

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Rakkomandazzjoni 3 – paragrafu 1 – punt b

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(b) l-iżgurar***, abbażi ta' rieżami tal-qafas leġiżlattiv,*** li d-dritt għall-informazzjoni u għall-konsultazzjoni tal-ħaddiema u r-rappreżentanti tagħhom jiġi applikat b'mod effettiv fil-kuntest tat-tranżizzjonijiet;	(b) l-iżgurar li d-dritt għall-informazzjoni u għall-konsultazzjoni tal-ħaddiema u r-rappreżentanti tagħhom***, kif stabbilit fid-dispożizzjonijiet tal-Unjoni u dawk nazzjonali dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni, inkluża d-Direttiva 2002/14/KE,*** jiġi applikat b'mod effettiv fil-kuntest tat-tranżizzjonijiet;

Or. en

Emenda 283
Rudi Kennes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Rakkomandazzjoni 3 – paragrafu 1 – punt b

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(b) l-iżgurar, abbażi ta' rieżami tal-qafas leġiżlattiv, li ***d-dritt*** għall-informazzjoni u għall-konsultazzjoni tal-ħaddiema u r-rappreżentanti tagħhom ***jiġi applikat*** b'mod effettiv fil-kuntest tat-tranżizzjonijiet;	(b) l-iżgurar, abbażi ta' rieżami tal-qafas leġiżlattiv, li ***d-drittijiet*** għall-informazzjoni u għall-konsultazzjoni tal-ħaddiema u r-rappreżentanti tagħhom ***jissaħħu u jiġu applikati*** b'mod effettiv fil-kuntest tat-tranżizzjonijiet; ***u t-tisħiħ tas-setgħat ta' tfassil konġunt u ta' teħid tad-deċiżjonijiet tal-partijiet ikkonċernati, inklużi l-ħaddiema u l-komunitajiet lokali, ta' miżuri ta' tranżizzjoni ġusta.***

Or. en

Emenda 284
Sara Matthieu
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Rakkomandazzjoni 3 – paragrafu 1 – punt b

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(b) l-iżgurar, abbażi ta' rieżami tal-qafas leġiżlattiv, li ***d-dritt*** għall-informazzjoni u għall-konsultazzjoni tal-ħaddiema u r-rappreżentanti tagħhom ***jiġi applikat*** b'mod effettiv fil-kuntest tat-tranżizzjonijiet;	(b) l-iżgurar, abbażi ta' rieżami tal-qafas leġiżlattiv, li ***d-drittijiet*** għall-informazzjoni u għall-konsultazzjoni tal-ħaddiema u r-rappreżentanti tagħhom ***jissaħħu u jiġu applikati*** b'mod effettiv fil-kuntest tat-tranżizzjonijiet;

Or. en

Emenda 285
Klára Dobrev, Vilija Blinkevičiūtė, Marc Angel, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Evelyn Regner, Romana Jerković, Marit Maij

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Rakkomandazzjoni 3 – paragrafu 1 – punt b

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(b) l-iżgurar, abbażi ta' rieżami tal-qafas leġiżlattiv, li ***d-dritt*** għall-informazzjoni u għall-konsultazzjoni tal-ħaddiema u r-rappreżentanti tagħhom ***jiġi applikat*** b'mod effettiv fil-kuntest tat-tranżizzjonijiet;	(b) l-iżgurar, abbażi ta' rieżami tal-qafas leġiżlattiv, li ***d-drittijiet*** għall-informazzjoni u għall-konsultazzjoni tal-ħaddiema u r-rappreżentanti tagħhom ***jissaħħu u jiġu applikati*** b'mod effettiv fil-kuntest tat-tranżizzjonijiet;

Or. en

Emenda 286
Maria Zacharia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Rakkomandazzjoni 3 – paragrafu 1 – punt c

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(c) l-istabbiliment ta' dritt ***individwali*** għat-taħriġ mingħajr ħlas għall-ħaddiema ***u*** matul il-ħinijiet tax-xogħol;	(c) l-istabbiliment ta' dritt ***universali*** għat-taħriġ mingħajr ħlas għall-ħaddiema ***prinċipalment iffinanzjat minn riżorsi pubbliċi u li jsir*** matul il-ħinijiet tax-xogħol;

Or. el

Emenda 287
Gheorghe Falcă, Romana Tomc, Pascal Arimont, Giusi Princi, Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Rakkomandazzjoni 3 – paragrafu 1 – punt c

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(c) l-istabbiliment ta' dritt individwali għat-taħriġ ***mingħajr ħlas għall-ħaddiema u matul il-ħinijiet tax-xogħol***;	(c) l-istabbiliment ta' dritt individwali għat-taħriġ;

Or. en

Emenda 288
Klára Dobrev, Vilija Blinkevičiūtė, Marc Angel, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Evelyn Regner, Romana Jerković, Marit Maij

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Rakkomandazzjoni 3 – paragrafu 1 – punt c

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(c) l-istabbiliment ta' dritt individwali għat-taħriġ mingħajr ħlas għall-ħaddiema u matul il-ħinijiet tax-xogħol;	(c) l-istabbiliment ta' dritt individwali għat-taħriġ ***u t-tagħlim tul il-ħajja*** mingħajr ħlas għall-ħaddiema u matul il-ħinijiet tax-xogħol;

Or. en

Emenda 289
Klára Dobrev, Vilija Blinkevičiūtė, Marc Angel, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Evelyn Regner, Romana Jerković, Marit Maij

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Rakkomandazzjoni 3 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(ca) it-tisħiħ tan-negozjar kollettiv, iż-żieda fil-kopertura tan-negozjar kollettiv biex tiġi appoġġjata b'mod effettiv it-tranżizzjoni tal-ħaddiema;

Or. en

Emenda 290
Rudi Kennes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Rakkomandazzjoni 3 – paragrafu 1 – punt d

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(d) l-istabbiliment ta' strateġiji nazzjonali ta' tranżizzjoni ġusta, b'enfasi partikolari fuq l-iżvilupp ta' viżjoni fit-tul għall-ekonomiji lokali u l-forza tax-xogħol fir-reġjuni milquta kollha;	(d) l-istabbiliment ta' strateġiji nazzjonali ta' tranżizzjoni ġusta ***fi djalogu soċjali sinifikanti mat-trade unions***, b'enfasi partikolari fuq l-iżvilupp ta' viżjoni fit-tul għall-ekonomiji lokali u l-forza tax-xogħol fir-reġjuni ***u s-setturi*** milquta kollha; ***l-iżgurar li strateġiji u miżuri settorjali, inklużi pjanijiet ta' ħiliet u taħriġ, għandhom jitfasslu b'mod konġunt permezz tad-djalogu soċjali, bi drittijiet ugwali ta' teħid ta' deċiżjonijiet għas-sħab soċjali.***

Or. en

Emenda 291
Klára Dobrev, Vilija Blinkevičiūtė, Marc Angel, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Evelyn Regner, Romana Jerković, Marit Maij

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Rakkomandazzjoni 3 – paragrafu 1 – punt d

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(d) l-istabbiliment ta' strateġiji nazzjonali ta' tranżizzjoni ġusta, b'enfasi	(d) l-istabbiliment ***obbligatorju*** ta' strateġiji nazzjonali ta' tranżizzjoni ġusta ***fi***

partikolari fuq l-iżvilupp ta' viżjoni fit-tul għall-ekonomiji lokali u l-forza tax-xogħol fir-reġjuni milquta kollha;	***djalogu soċjali sinifikanti mat-trade unions***, b'enfasi partikolari fuq l-iżvilupp ta' viżjoni fit-tul għall-ekonomiji lokali u l-forza tax-xogħol fir-reġjuni ***u s-setturi*** milquta kollha;

Or. en

Emenda 292
Sara Matthieu
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Rakkomandazzjoni 3 – paragrafu 1 – punt d

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(d) l-istabbiliment ta' strateġiji nazzjonali ta' tranżizzjoni ġusta, b'enfasi partikolari fuq l-iżvilupp ta' viżjoni fit-tul għall-ekonomiji lokali u l-forza tax-xogħol fir-reġjuni milquta kollha;	(d) l-istabbiliment ta' strateġiji nazzjonali ta' tranżizzjoni ġusta ***fi djalogu soċjali sinifikanti mat-trade unions***, b'enfasi partikolari fuq l-iżvilupp ta' viżjoni fit-tul għall-ekonomiji lokali u l-forza tax-xogħol fir-reġjuni ***u s-setturi*** milquta kollha;

Or. en

Emenda 293
Gheorghe Falcă, Romana Tomc, Andrzej Buła, Liesbet Sommen, Pascal Arimont, Giusi Princi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Rakkomandazzjoni 3 – paragrafu 1 – punt d

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(d) l-istabbiliment ta' strateġiji nazzjonali ta' tranżizzjoni ġusta, b'enfasi partikolari fuq l-iżvilupp ta' viżjoni fit-tul għall-ekonomiji lokali u l-forza tax-xogħol fir-reġjuni milquta kollha;	(d) l-istabbiliment ta' strateġiji nazzjonali ta' tranżizzjoni ġusta, b'enfasi partikolari fuq l-iżvilupp ta' viżjoni fit-tul għall-ekonomiji lokali u l-forza tax-xogħol fir-reġjuni ***u s-setturi*** milquta kollha;

Or. en

Emenda 294
András Tivadar Kulja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Rakkomandazzjoni 3 – paragrafu 1 – punt d

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(d) l-istabbiliment ta' strateġiji nazzjonali ta' tranżizzjoni ġusta, b'enfasi partikolari fuq l-iżvilupp ta' viżjoni fit-tul għall-ekonomiji lokali u l-forza tax-xogħol ***fir-reġjuni*** milquta kollha;	(d) l-istabbiliment ta' strateġiji nazzjonali ta' tranżizzjoni ġusta, b'enfasi partikolari fuq l-iżvilupp ta' viżjoni fit-tul għall-ekonomiji lokali u l-forza tax-xogħol ***fis-setturi u r-reġjuni*** milquta kollha;

Or. en

Emenda 295
Rudi Kennes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Rakkomandazzjoni 3 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(da) l-iżgurar tal-kapaċitajiet tal-awtoritajiet pubbliċi u tas-sħab soċjali biex jinvolvu ruħhom mal-partijiet ikkonċernati fit-tfassil konġunt u l-monitoraġġ ta' politiki ta' tranżizzjoni ġusta li jħallu impatt u li jqisu l-effetti distributtivi tal-politiki.

Or. en

Emenda 296
Branislav Ondruš

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Rakkomandazzjoni 3 – paragrafu 1 – punt e

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(e) l-iżvilupp ta' programmi ta' appoġġ għan-negozji, b'mod partikolari l-SMEs ***u*** l-atturi lokali sabiex jitħeġġeġ il-ħolqien tal-impjiegi lokali;	(e) l-iżvilupp ta' programmi ta' appoġġ għan-negozji, b'mod partikolari l-SMEs**,** l-atturi lokali ***u l-entitajiet tal-ekonomija soċjali*** sabiex jitħeġġeġ il-

ħolqien tal-impjiegi lokali;

Or. en

Emenda 297
Klára Dobrev, Vilija Blinkevičiūtė, Marc Angel, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Evelyn Regner, Romana Jerković, Marit Maij

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Rakkomandazzjoni 3 – paragrafu 1 – punt e

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(e) l-iżvilupp ta' programmi ta' appoġġ għan-negozji, b'mod partikolari l-SMEs u l-atturi lokali sabiex jitħeġġeġ il-ħolqien tal-impjiegi lokali;	(e) l-iżvilupp ta' programmi ta' appoġġ għan-negozji ***abbażi tal-kundizzjonalitajiet soċjali***, b'mod partikolari l-SMEs u l-atturi lokali sabiex jitħeġġeġ il-ħolqien tal-impjiegi lokali;

Or. en

Emenda 298
Maria Zacharia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Rakkomandazzjoni 3 – paragrafu 1 – punt e

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(e) l-iżvilupp ta' programmi ta' appoġġ għan-negozji, b'mod partikolari l-SMEs u l-atturi lokali sabiex jitħeġġeġ il-ħolqien tal-impjiegi lokali;	(e) l-iżvilupp ta' programmi ta' appoġġ għan-negozji, b'mod partikolari l-SMEs u l-atturi lokali sabiex jitħeġġeġ il-ħolqien tal-impjiegi ***ta' kwalità fil-livell*** lokali;

Or. el

Emenda 299
Rudi Kennes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Rakkomandazzjoni 3 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

	(ea) għal każijiet ta' ristrutturar b'sensja potenzjali, l-Istati Membri għandhom jiżviluppaw programmi u inċentivi ta' appoġġ għal inizjattivi mmexxija mill-ħaddiema, inklużi kooperattivi tal-ħaddiema, akkwiżizzjonijiet maġġoritarji mill-impjegati, u forom oħra ta' sjieda kollettiva jew ibbażata fil-komunità, fejn dawn ikunu mmirati biex jiżguraw tranżizzjoni soċjalment u ambjentalment ġusta;

Or. en

Emenda 300
Rudi Kennes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Rakkomandazzjoni 3 – paragrafu 1 – punt f

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(f) l-iżgurar tat-tqabbil tal-provvista u d-domanda tax-xogħol mal-ħiliet permezz ta' użu kkombinat ta' intelligenza tas-suq tax-xogħol, kollaborazzjoni msaħħa tal-atturi lokali mal-fornituri tat-taħriġ**,** u l-promozzjoni ta' pjanijiet ta' tranżizzjoni fil-livell tal-kumpaniji;	(f) l-iżgurar tat-tqabbil tal-provvista u d-domanda tax-xogħol mal-ħiliet permezz ta' użu kkombinat ta' intelligenza tas-suq tax-xogħol, kollaborazzjoni msaħħa tal-atturi lokali ***u s-sħab soċjali*** mal-fornituri tat-taħriġ u l-promozzjoni ta' pjanijiet ta' tranżizzjoni fil-livell tal-kumpaniji;

Or. en

Emenda 301
Klára Dobrev, Vilija Blinkevičiūtė, Marc Angel, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Evelyn Regner, Romana Jerković, Marit Maij

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Rakkomandazzjoni 3 – paragrafu 1 – punt f

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(f) l-iżgurar tat-tqabbil tal-provvista u d-domanda tax-xogħol mal-ħiliet permezz ta' użu kkombinat ta' intelligenza tas-suq tax-xogħol**,** kollaborazzjoni msaħħa ***tal-***	(f) l-iżgurar tat-tqabbil tal-provvista u d-domanda tax-xogħol mal-ħiliet permezz ta' użu kkombinat ta' intelligenza tas-suq tax-xogħol ***u*** kollaborazzjoni msaħħa ***tas-***

atturi lokali mal-forniturituri tat-taħriġ***, u l-promozzjoni ta' pjanijiet ta' tranżizzjoni fil-livell tal-kumpaniji***;	***sħab soċjali u l-atturi*** lokali mal-forniturituri tat-taħriġ;

Or. en

Emenda 302
Sara Matthieu
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Rakkomandazzjoni 3 – paragrafu 1 – punt f

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(f) l-iżgurar tat-tqabbil tal-provvista u d-domanda tax-xogħol mal-ħiliet permezz ta' użu kkombinat ta' intelligenza tas-suq tax-xogħol, kollaborazzjoni msaħħa tal-atturi lokali mal-forniturituri tat-taħriġ**,** u l-promozzjoni ta' pjanijiet ta' tranżizzjoni fil-livell tal-kumpaniji;	(f) l-iżgurar tat-tqabbil tal-provvista u d-domanda tax-xogħol mal-ħiliet permezz ta' użu kkombinat ta' intelligenza tas-suq tax-xogħol, kollaborazzjoni msaħħa tal-atturi lokali***, is-sħab soċjali*** mal-forniturituri tat-taħriġ u l-promozzjoni ta' pjanijiet ta' tranżizzjoni fil-livell tal-kumpaniji;

Or. en

Emenda 303
Klára Dobrev, Vilija Blinkevičiūtė, Marc Angel, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Evelyn Regner, Romana Jerković, Marit Maij

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Rakkomandazzjoni 3 – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(fa) l-istabbiliment ta' pjanijiet ta' tranżizzjoni obbligatorji għall-intrapriżi, proporzjonati għad-daqs u t-tip tagħhom;

Or. en

Emenda 304
Maria Zacharia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Anness I – Rakkomandazzjoni 3 – paragrafu 1 – punt g

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(g) l-iżvilupp ta' struttura ta' monitoraġġ biex tingħata prospettiva strateġika dwar l-impatti tat-tranżizzjoni ***u*** l-iżviluppi fis-suq tax-xogħol.	(g) l-iżvilupp ta' struttura ta' monitoraġġ biex tingħata prospettiva strateġika dwar l-impatti tat-tranżizzjoni***,*** l-iżviluppi fis-suq tax-xogħol ***u t-twettiq tal-obbligi għal paga minima abbażi ta' ftehimiet kollettivi bil-parteċipazzjoni tas-sħab soċjali (trade unions u organizzazzjonijiet tal-komunitajiet lokali)***.

Or. el

Emenda 305
Rudi Kennes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Rakkomandazzjoni 3 – paragrafu 1 – punt g

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(g) l-iżvilupp ta' struttura ta' monitoraġġ ***biex tingħata*** prospettiva strateġika dwar l-impatti tat-tranżizzjoni u l-iżviluppi fis-suq tax-xogħol.	(g) l-iżvilupp ta' struttura ta' monitoraġġ***, bl-involviment tas-sħab soċjali u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, li twettaq*** prospettiva strateġika dwar l-impatti tat-tranżizzjoni u l-iżviluppi fis-suq tax-xogħol ***kif ukoll timmonitorja l-implimentazzjoni u l-effetti distributtivi tal-istrateġiji ta' tranżizzjoni***.

Or. en

Emenda 306
Sara Matthieu
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Rakkomandazzjoni 3 – paragrafu 1 – punt g

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(g) l-iżvilupp ta' struttura ta' monitoraġġ ***biex tingħata*** prospettiva	(g) l-iżvilupp ta' struttura ta' monitoraġġ***, bl-involviment tas-sħab***

strateġika dwar l-impatti tat-tranżizzjoni u l-iżviluppi fis-suq tax-xogħol.	***soċjali, li twettaq*** prospettiva strateġika dwar l-impatti tat-tranżizzjoni u l-iżviluppi fis-suq tax-xogħol ***kif ukoll timmonitorja l-implimentazzjoni tal-istrateġiji ta' tranżizzjoni***.

Or. en

Emenda 307
Klára Dobrev, Vilija Blinkevičiūtė, Marc Angel, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Evelyn Regner, Romana Jerković, Marit Maij

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Rakkomandazzjoni 3 – paragrafu 1 – punt g

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(g) l-iżvilupp ta' struttura ta' monitoraġġ ***biex tingħata*** prospettiva strateġika dwar l-impatti tat-tranżizzjoni u l-iżviluppi fis-suq tax-xogħol***.***	(g) l-iżvilupp ta' struttura ta' monitoraġġ***, bl-involviment tas-sħab soċjali, li twettaq*** prospettiva strateġika dwar l-impatti tat-tranżizzjoni u l-iżviluppi fis-suq tax-xogħol ***kif ukoll timmonitorja l-implimentazzjoni tal-istrateġiji ta' tranżizzjoni;***

Or. en

Emenda 308
Rudi Kennes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Rakkomandazzjoni 3 – paragrafu 1 – punt ga (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(ga) it-tisħiħ tan-negozjar kollettiv u ż-żieda fil-kopertura tan-negozjar kollettiv biex tiġi appoġġjata b'mod effettiv it-tranżizzjoni tal-ħaddiema lejn impjieg ġdid;

Or. en

Emenda 309

Sara Matthieu
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Rakkomandazzjoni 3 – paragrafu 1 – punt ga (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(ga) it-tisħiħ tan-negozjar kollettiv u ż-żieda fil-kopertura tan-negozjar kollettiv biex tiġi appoġġjata b'mod effettiv it-tranżizzjoni tal-ħaddiema;

Or. en

Emenda 310
Klára Dobrev, Vilija Blinkevičiūtė, Marc Angel, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Evelyn Regner, Romana Jerković, Marit Maij

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Rakkomandazzjoni 3 – paragrafu 1 – punt ga (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(ga) l-istabbiliment ta' penali effettivi, proporzjonati u dissważivi applikabbli għall-ksur tad-drittijiet u l-obbligi;

Or. en

Emenda 311
Rudi Kennes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Rakkomandazzjoni 3 – paragrafu 1 – punt gb (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	***(gb) l-iżgurar li, fil-kuntest tat-tranżizzjonijiet u l-implimentazzjoni tal-Pjanijiet ta' Tranżizzjoni Ġusta, is-sensji individwali jew kollettivi jitqiesu biss bħala l-aħħar alternattiva; il-ħaddiema f'riskju ta' sensja għandhom ikunu intitolati għal tnaqqis fil-ħin tax-xogħol imħallas, bidliet fl-impjieg, skemi ta'**

rtirar bikri, u taħriġ imħallas għat-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet biex jiġi evitat it-telf ta' impjiegi;

Or. en

Emenda 312
Rudi Kennes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Rakkomandazzjoni 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Rakkomandazzjoni 3a
	Miżuri ta' infurzar
	Sabiex jiġu żgurati l-effettività u l-implimentazzjoni u l-infurzar tad-direttiva, il-proposta għandha tinkludi mill-anqas il-miżuri li ġejjin:
	a) aċċess kundizzjonali għar-riżorsi pubbliċi: L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fit-twettiq tal-kuntratti pubbliċi, l-operaturi ekonomiċi jikkonformaw mal-obbligi tad-direttiva u li l-benefiċjarji tal-għajnuna Ewropea u mill-Istat jikkonformaw mal-obbligi ta' din id-Direttiva, tal-liġi soċjali u tax-xogħol applikabbli tad-dritt tal-Unjoni u dak nazzjonali u mal-ftehimiet kollettivi;
	b) penali: id-Direttiva għandha tistabbilixxi livell minimu ta' penali effettivi, proporzjonati u dissważivi li għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri f'każijiet ta' ksur tad-drittijiet u l-obbligi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva;
	c) nonrigressjoni u dispożizzjonijiet aktar favorevoli: id-Direttiva ma għandhiex tikkostitwixxi raġuni valida biex jitnaqqas il-livell ġenerali ta' protezzjoni pprovdut diġà għall-ħaddiema fl-Istati Membri; id-Direttiva ma għandhiex taffettwa l-prerogattiva tal-Istati Membri li japplikaw jew jintroduċu liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi li jkunu

aktar favorevoli għall-ħaddiema u/jew għall-komunitajiet milquta, jew biex iħeġġu jew iħallu l-applikazzjoni tal-ftehimiet kollettivi li huma aktar favorevoli għall-ħaddiema;

d) żgurar tad-drittijiet fundamentali u l-awtonomija tas-sħab soċjali: xejn f'din id-direttiva ma għandu jiġi interpretat jew applikat b'mod li jirrestrinġi, jikser jew jimmina d-drittijiet fundamentali rikonoxxuti fl-Istati Membri, inkluż id-dritt għal negozjar kollettiv, id-dritt tal-istrajkjar jew id-dritt li tittieħed azzjoni kollettiva; din id-Direttiva tirrispetta l-awtonomija tas-sħab soċjali u ma taffettwax il-kapaċità tagħhom li jinnegozjaw, jikkonkludu jew jinfurzaw ftehimiet kollettivi, jew li jinvolvu ruħhom f'attivitajiet oħra konsistenti mas-sistemi nazzjonali ta' relazzjonijiet industrijali, bl-għan li jibnu fuq u jsaħħu l-obbligi u d-drittijiet stabbiliti minn din id-Direttiva.

Or. en